**Qorti Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D.,Ph.D.**

**Att t' Akkuza Nr. 04/2021**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**OMISSIS**

Illum 20 ta' Marzu, 2023

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-akkuza numru 4 tas-sena 2021 migjuba fil-konfront ta' OMISSIS, pprezentata fit-12 ta' Frar, 2021, fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap tal-Att tal-akkuza ppremetta:

ILLI fis-sena 2015 OMISSIS 1, zaghzugha ta' 21 sena, issiehbet mal-Korp tal-Pulizija bhala Kuntistabbli. Hija inghatat in-numru tas-servizz OMISSIS 1, u giet stazzjonata gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida;

ILLI hija kienet kuntenta hafna fuq ix-xoghol u bdiet tippjana sabiex tibni familja, tant li fis-sena 2016 kellha tarbija flimkien mas-sieheb taghha Christopher Vella;

ILLI circa f'April tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), pero', beda jahdem fl-istess *shift* tal-Pulizjotta OMISSIS 1, l-akkuzat OMISSIS, Kuntistabbli bin-numru tas-servizz OMISSIS, fatt li ssarraf f'ghawg kbir ghall-Kuntistabbli OMISSIS 1. Ghalkemm ghall-bidu l-akkuzat OMISSIS kien igib ruhu b'mod normali fil-konfront ta' OMISSIS 1, wara xi sitt (6) xhur huwa beda jipprova jaghti kunfidenza zejda u jittanta sesswalment lil OMISSIS 1. Minkejja li OMISSIS 1 ghamlithielu cara li ma' kienitx interessata fih u li kellha sieheb u sahansitra tarbija, l-akkuzat OMISSIS baqa' jippersisti b'dan l-agir tieghu tant li fit-Tletin (30) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), filwaqt li qalilha "ejja ha nurik x'naf jien!" biesha bil-forza kontra r-rieda taghha. Dan l-agir abbuziv sehh gewwa l-post tax-xoghol ta' OMISSIS 1 u ta' l-akkuzat OMISSIS, u cioe' gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida! Minn dakinhar l-akkuzat OMISSIS baqa' jittanta lil OMISSIS 1 b'mod goff, billi jaqbdilha l-warrani u sidirha meta jsib ruhu wahdu maghha fuq ix-xoghol. Dana dejjem kontra r-rieda u l-volonta' ta' l-istess OMISSIS 1;

ILLI nhar is-Sittax (16) ta' Frar tas-sena Elfejn u Tmintax (2018), pero', l-agir abbuziv u illegali ta' l-akkuzat OMISSIS fil-konfront ta' OMISSIS 1 ha dimensjoni addirittura ferm aktar serja. Ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (18:30 hrs.) waqt li kemm l-akkuzat OMISSIS kif ukoll il-Kuntistabbli OMISSIS 1 kienu xoghol wahedhom gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, l-akkuzat OMISSIS mar bilqieghda hdejn OMISSIS 1 u talabha biex taghmel is-sess orali fuqu. OMISSIS 1 irrifjutat, u, f'dan il-waqt l-akkuzat OMISSIS qabadha minn idha u gibidha 'l gewwa bil-forza, gewwa kamra aktar 'l gewwa go l-Ghassa. Hawnhekk imbuttaha fuq sufan, neza' l-qalziet tas-servizz, hareg il-parti genitali tieghu, qabad ras OMISSIS 1 u beda jipprova jisforza l-parti genitali tieghu go halqha. OMISSIS 1 bdiet tirrezisti lill-akkuzat OMISSIS billi zzomm halqha maghluq u ddawwar wiccha, u, f'mument minnhom irnexxielha tqum minn fuq is-sufan u pruvat tahrab. F'dan il-punt, pero', l-akkuzat OMISSIS kien pront hatafha minn idejha, rassha ma' mejda, nizzlilha l-qalziet tas-servizz u l-qalziet ta' taht u pprova jdahhal il-parti genitali tieghu gewwa l-parti gentiali taghha. OMISSIS 1 bdiet tghid lill-akkuzat OMISSIS biex ihalliha u rrezistiet kif setghet biex ma' tigix stuprata, u, fil-fatt, ghall-ewwel l-akkuzat OMISSIS ma' rnexxilux idahhal il-parti

genitali tieghu gewwa dik taghha. Meta ra hekk, pero', dawwarha bil-forza biex giet daharha lejh, baxxiha ghal fuq il-mejda, zammha kontra r-rieda u l-volonta' taghha u stupraha, u cioe' kellu kongungiment karnali maghha billi dahhal il-parti genitali tieghu gewwa l-parti genitali taghha minn naha ta' wara kontra r-rieda u l-volonta' taghha. X'hin deherlu li kien inqeda' bizzejjed l-akkuzat OMISSIS hareg il-parti genitali tieghu minn go dik ta' OMISSIS 1, u beda jimmasturba lilu nnifsu u jbusha bil-forza, sakemm egakola ma' l-art. Kif lesta mar gab il-mopp ta' l-Ghassa u mesah l-art;

ILLI fil-granet ta' wara dan l-istupru l-akkuzat OMISSIS adotta komportament patronanti u kemmxejn aggressiv fil-konfront ta' OMISSIS 1 fuq ix-xoghol, sakemm nhar is-Seba' (7) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018), l-akkuzat OMISSIS rega' stupra lil OMISSIS 1. OMISSIS 1 kienet xoghol night watch gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta, flimkien ma' l-akkuzat, Kuntistabbli iehor, u Surgent. Ghall-habta tat-tlieta ta' filghodu (03:00 hrs) s-Surgent mar jistrieh id-dar ghax filghodu kellu xi xoghol il-Qorti filwaqt li l-Kuntistabbli l-iehor dahal jiehu naghsa fuq is-sufan fil-kamra fejn incidentalment l-akkuzat kien stupra lil OMISSIS 1 l-ewwel darba. L-akkuzat kien diga' pprova jittanta b'mod sesswali lil OMISSIS 1 f'dik il-lejla, izda, ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (03:30 hrs), meta s-Surgent kien telaq u l-Kuntistabbli l-iehor kien rieqed fil-kamra ta' gewwa, l-akkuzat OMISSIS mar hdejn OMISSIS 1, qabadha minn idejha u gibidha bil-forza ghal gol-kitchenette ta' l-Ghassa. Hemmhekk dawwarha wiccha lejn is-sink, rassha mas-sink b'mod li ma' setghetx tahrab, nizzlilha l-qalziet tas-servizz u l-qalziet ta' taht, nizzel il-qalziet tas-servizz u l-boxer shorts tieghu, hareg l-organu genitali tieghu, u stupraha, u cioe' kellu kongungiment karnali maghha billi dahhal il-parti genitali tieghu gewwa l-parti genitali taghha minn naha ta' wara kontra r-rieda u l-volonta' taghha. L-istess bhal ma' ghamel l-ewwel darba, din id-darba wkoll x'hin deherlu li kien inqeda' bizzejjed l-akkuzat OMISSIS hareg il-parti genitali tieghu minn go dik ta' OMISSIS 1, u beda jimmasturba lilu nnifsu u jbusha bil-forza, sakemm egakola ma' l-art. Ukoll kif ghamel l-ewwel darba, kif lesta mar gab il-mopp ta' l-Ghassa u mesah l-art;

ILLI xi granet wara l-akkadut u wara li saret taf li l-akkuzat OMISSIS kien qieghed ukoll jipprova jittanta Pulizjotta ohra zaghzugha kollega taghha, OMISSIS 1 ghamlet il-kuragg u rrappurtat dan l-abbuz sesswali u l-istupru lis-superjuri taghha;

ILLI meta gie nterrogat mill-Pulizija nhar it-Tmintax (18) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018), l-akkuzat OMISSIS ikkonferma l-fatti kif hawn fuq imfissra, pero' sahaq li l-atti sesswali li huwa ghamel ma' OMISSIS 1 ghamilhom bil-kunsens taghha, anzi, li addirittura li kienet hi li kienet thajjru u tinstigah ghas-sess!;

ILLI l-istupru ta' OMISSIS 1 mill-akkuzat OMISSIS huwa wiehed aggravat ai termini tal-ligi stante li sar ripetutament;

ILLI di piu', bhala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkuzat OMISSIS kellu jissorvelja biex reat bhal dan ma' jsirx, jew, minhabba l-kariga tieghu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

ILLI ghalhekk, b'ghemilu, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zmijijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, l-akkuzat OMISSIS sar hati ta' stupru vjolent aggravat, u cioe' talli nhar Sittax (16) ta' Frar tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (18:30hrs), gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta; kif ukoll nhar is-Seba' (7) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (03:30hrs), wkoll gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor (OMISSIS 1), b'dana illi dan l-istupru huwa wiehed aggravat stante li sar ripetutament;

ILLI di piu', bhala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkuzat OMISSIS kellu jissorvelja biex reat bhal dan ma' jsirx, jew, minhabba l-kariga tieghu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuza, jakkuza lill-imsemmi OMISSIS hati ta' stupru vjolent aggravat, u cioe' talli nhar Sittax

(16) ta' Frar tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (18:30hrs), gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta; kif ukoll nhar is-Seba' (7) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (03:30hrs), wkoll gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zmijijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor (OMISSIS 1), b'dana illi dan l-istupru huwa wiehed aggravat stante li sar ripetutament;

Jakkuzah ukoll li bhala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkuzat OMISSIS sar hati ta' reat iehor li huwa kellu jissorvelja biex ma' jsirx, jew li minhabba l-kariga tieghu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

Konsegwentement l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat OMISSIS u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn hames (5) snin sa erbghin (40) sena u rekluzjoni ghal mhux aktar minn tnax-il perjodu, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 31(e), 141, 198[1], 202(j), 383, 384, 412C, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ipremetta:

ILLI fil-kuntest tac-cirkostanzi u zmien imsemmija fl-Ewwel (1) Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza, u cioe' nhar nhar Sittax (16) ta' Frar tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (18:30hrs), gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta; kif ukoll nhar is-Seba' (7) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (03:30hrs), wkoll gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta l-akkuzat OMISSIS, Kuntistabbli tal-Pulizija, arresta, zamm, u ssekwestra lil

[1] Kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz ta' l-Att Nru. XIII tal-2018.

OMISSIS 1, Kuntistabbli kollega tieghu, sabiex ikun jista' jistupraha kontra l-volonta' taghha;

ILLI fl-ewwel okkazjoni, u cioe' dik tas-Sittax (16) ta' Frar tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (18:30hrs), waqt li kemm l-akkuzat OMISSIS kif ukoll il-Kuntistabbli OMISSIS 1 kienu xoghol wahedhom gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta, l-akkuzat OMISSIS mar hdejn OMISSIS 1, qabadha minn idha u gibidha 'l gewwa bil-forza, gewwa kamra aktar 'l gewwa go l-Ghassa. Hawnhekk imbuttaha fuq sufan, neza' l-qalziet tas-servizz, hareg il-parti genitali tieghu, u filwaqt li zamm lil OMISSIS 1 bil-forza, beda wkoll izommilha rasha biex igieghlha taghmel is-sess orali fuqu. Imbaghad imbuttaha u rassha ma' mejda b'mod li ma' setghetx tahrab, nizzlilha l-qalziet tas-servizz u l-qalziet ta' taht, zammha kontra r-rieda u l-volonta' taghha u stupraha;

ILLI fit-tieni okkazjoni, u cioe' dik tas-Seba' (7) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018), ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (03:30 hrs), meta l-akkuzat OMISSIS u OMISSIS 1 kienu xoghol night watch gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta, l-akkuzat OMISSIS qabad lil OMISSIS 1 minn idejha u gibidha bil-forza ghal gol-kitchenette ta' l-Ghassa. Hemmhekk dawwarha wiccha lejn is-sink, rassha mas-sink b'mod li ma' setghetx tahrab, zammha kontra r-rieda u l-volonta' taghha, u stupraha;

ILLI l-akkuzat OMISSIS, minkejja li Kuntistabbli tal-Pulizija, ma' kellu ebda ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti u lanqas kellu s-setgha bil-ligi li jarresta, jzomm, jew jissekwestra lil OMISSIS 1 kontra l-volonta' taghha, anzi, bhala Kuntistabbli tal-Pulizija, kellu jissorvelja biex reat bhal dan ma' jsirx, jew, minhabba l-kariga tieghu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

ILLI ghalhekk, b'ghemilu l-akkuzat OMISSIS sar hati ta' arrest, detenzjoni, jew sekwestru kontra l-ligi, u cioe' talli nhar is-Sittax (16) ta' Frar tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (18:30hrs), gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta; kif ukoll nhar is-Seba' (7) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax

(2018) ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (03:30hrs), wkoll gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zmijijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm, jew issekwestra persuna (OMISSIS 1) kontra l-volonta' taghha, b'dana illi dan id-delitt sar bhala mezz biex persuna (OMISSIS 1) tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

ILLI di piu', bhala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkuzat OMISSIS kellu jissorvelja biex reat bhal dan ma' jsirx, jew, minhabba l-kariga tieghu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuza, jakkuza lill-imsemmi OMISSIS hati talli nhar is-Sittax (16) ta' Frar tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (18:30hrs), gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta; kif ukoll nhar is-Seba' (7) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (03:30hrs), wkoll gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zmijijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm, jew issekwestra persuna (OMISSIS 1) kontra l-volonta' taghha, b'dana illi dan id-delitt sar bhala mezz biex persuna (OMISSIS 1) tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Jakkuzah ukoll li bhala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkuzat OMISSIS sar hati ta' reat iehor li huwa kellu jissorvelja biex ma' jsirx, jew li minhabba l-kariga tieghu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

Konsegwentement l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat OMISSIS u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn tmintax (18)-il xahar sa sitt (6) snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 86, 87(1)(g), 141, 383, 384, 412C, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tielet Kap ippremetta:

ILLI fil-kuntest tac-cirkostanzi u zmien imsemmija fl-ewwel zewg kapi ta' dan l-Att ta' Akkuza, l-akkuzat OMISSIS, Kuntistabbli tal-Pulizija bin-numru tas-servizz OMISSIS, beda jaghti fastidju sesswali lil zewg Pulizjotti zaghzagh, nisa, li kienu jahdmu fix-shift tieghu. Kif intqal fl-Ewwel (1) Kap ta' dan l-Att ta' Akkuza, circa f'April tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) l-akkuzat OMISSIS beda jahdem fl-istess shift tal-Pulizjotta zaghzugha OMISSIS 1. Ghalkemm fil-bidu huwa kien igib ruhu b'mod normali u dekoruz, wara xi sitt (6) xhur huwa beda jipprova jaghti kunfidenza zejda u jittanta sesswalment lil OMISSIS 1. Minkejja li OMISSIS 1 ghamlithielu cara li ma' kienitx interessata fih u li kellha sieheb u sahansitra tarbija, l-akkuzat OMISSIS baqa' jippersisti b'dan l-agir tieghu. Fil-fatt, nhar it-Tletin (30) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), filwaqt li l-akkuzat OMISSIS u OMISSIS 1 kienu xoghol *night watch*, l-akkuzat OMISSIS, f'xi hin wara s-siegha ta' bil-lejl (01:00hrs) mar hdejn OMISSIS 1, qabadha minn idejha, u filwaqt li qalilha *"ejja ha nurik x'naf jien!"* gibidha ghal go kamra aktar 'l gewwa u biesha bil-forza kontra r-rieda taghha. Minkejja li OMISSIS 1 bdiet timbuttah 'l hemm u tghidlu biex ihalliha, huwa xorta biesha kontra l-volonta' taghha;

ILLI l-ghada, u cioe' nhar il-Wiehed u Tletin (31) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), filwaqt li l-akkuzat OMISSIS u OMISSIS 1 kienu xoghol *second watch*, l-akkuzat OMISSIS mar hdejn OMISSIS 1, li kienet xoghol fil-kamra tal-*orderly*, u hemmhekk qabdilha sidirha u l-warrani minn fuq il-hwejjeg, b'OMISSIS 1 timbuttah 'l hemm u tghidlu biex ihalliha bi kwietha;

ILLI matul il-granet u gimghat sussegwenti l-akkuzat OMISSIS kompla jaghti fastidju ta' natura sesswali lil OMISSIS 1, billi, fost affarijiet ohra, jmissilha sidirha u l-warrani *'bis-serqa'* meta ma' jkun qed ihares hadd, jghidilha kliem bhal *"illum ic-cans!"* meta jinzertaw ikunu wahedhom l-Ghassa, u sahansitra esprima maghha x-xewqa sesswali partikolari tieghu li *"jahxi go l-Ghassa"*;

ILLI dan l-agir abbuziv invarjabbilment sehh gewwa l-post tax-xoghol ta' OMISSIS 1 u ta' l-akkuzat OMISSIS, u cioe' gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta, b'OMISSIS 1 invarjabbilment turi lill-akkuzat bl-aktar mod car u inekkwivoku li kienet qed thossha ffastidjata b'dan l-agir tieghu;

ILLI dan il-fastidju sesswali ta' l-akkuzat OMISSIS fil-konfront ta' OMISSIS 1 ikkulmina u sahansitra wassal ghall-istupru ta' OMISSIS 1 mill-akkuzat kif spjegat fil-kapi precedenti ta' dan l-Att ta' Akkuza;

ILLI rrizulta wkoll, pero', li OMISSIS 1 ma' kienitx l-unika vittma tal-fastidju sesswali da parti ta' l-akkuzat OMISSIS. F'Dicemnru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) dahlet tahdem bhala Pulizija certa OMISSIS 2, zaghzugha ta' dsatax (19)-il sena. Nhar l-Erbgha (4) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) OMISSIS 2 kienet *night watch* gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema, Malta, meta f'xi hin matul il-lejl marru l-Ghassa l-akkuzat OMISSIS u Pulizija iehor (PC 145) bil-vettura tas-servizz, u talbuha biex tmur maghhom ghax kellhom riferta xi jqassmu. OMISSIS 2 ratha ftit stramba din il-bicca xoghol ghax m' huwiex normali li riferti jitqassmu bil-lejl. Pero' OMISSIS 2 giet infurmata li r-riferta kienet ghal wahda prostituta, u li dak il-hin kien l-ahjar hin biex isibuha. Ghaldaqstant OMISSIS 2 accettat li tmur maghhom;

ILLI minflok ma' marru direttament ifittxu lil din il-persuna, pero', l-akkuzat OMISSIS saq lejn l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, fejn hemmhekk nizzel lil PC 145 u talab lil OMISSIS 2 (li, sa dak il-hin kienet riekba fuq is-seat ta' wara) biex tirkeb fuq is-seat tal-passiggier. OMISSIS 2 rikbet fuq quddiem u l-akkuzat OMISSIS saq lejn Triq

Testaferrata gewwa l-Imsida / Gzira, pero' l-persuna li kienu qeghdin ifittxu ma' sabuhiex. Meta raw hekk iddeciedew li jaghmlu ftit *patrol* biex, fost affarijiet ohra, johorgu tahrikiet fuq karozzi li kienu pparkjati hazin;

ILLI matul it-tragitt, pero', l-akkuzat OMISSIS beda jmiss saqajn OMISSIS 2 diversi drabi, b'OMISSIS 2 tipprotesta u huwa jwegibha li idu tizloqlu minn fuq il-*gear lever*! Inoltre, kull meta OMISSIS 2 kienet tinzel mill-karozza tas-servizz biex taghti xi *ticket*, l-akkuzat OMISSIS kien jikkummentalha kemm ghandha warrani sabih, u, meta tidhol lura fil-vettura kien ikun pront ipoggi idu fuq is-seat tal-passiggier ezatt x'hin OMISSIS 2 tkun se tpoggi, u dana sabiex hi tpoggi fuq idu. OMISSIS 2 ghamlithielu cara li kienet qed thossha ffastidjata b'dan l-agir tieghu;

ILLI hamest ijiem wara, u cioe' nhar id-Disgha (9) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018), waqt li l-akkuzat OMISSIS u OMISSIS 2 regghu inzertaw kienu fil-vettura tas-servizz flimkien, din id-darba fit-triq ta' wara l-Qorti, gewwa l-Belt Valletta, Malta, jistennew superjur taghhom johrog mill-Qorti, l-akkuzat OMISSIS ghal darb'ohra beda jipprova jmiss saqajn OMISSIS 2, b'OMISSIS 2 twissieh biex jieqaf u tnehhilu jdejh minn fuq saqajha. Waqt li beda jmissilha saqajha beda wkoll addirittura jistedinha biex tmur *weekend break* mieghu, b'OMISSIS 2 tirrifjuta. X'hin waslu lura gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta, OMISSIS 2 dahlet biex tixtri xi haga mill-*vending machine* li hemm go kamra fuq gewwa ta' l-Ghassa, bl-akkuzat OMISSIS jidhol inkiss inkiss warajha u jbusha fuq wiccha. OMISSIS 2 mbuttatu 'l hemm u l-akkuzat beda' jitbissem;

ILLI bhala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkuzat OMISSIS kellu jissorvelja biex reat bhal dan ma' jsirx, jew, minhabba l-kariga tieghu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

ILLI ghalhekk, b'ghemilu, l-akkuzat OMISSIS sar hati li ta' fastidju sesswali, u cioe' talli nhar id-Disgha (9) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) u fil-gimghat u xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zmijijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula

b'rizoluzzjoni wahda, bhala impjegat fil-Korp tal-Pulizija ta' fastidju sesswalment lil impjegati ohra (OMISSIS 1 u OMISSIS 2) billi assoggettahom ghal att jew atti ta' intimita' fizika u/jew assoggetahom ghal xi att jew kondotta li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, gesti, jew il-produzzjoni, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal iehor fejn l-att jew atti jew il-kondotta ma' kienux mixtieqa mill-vittmi (OMISSIS 1 u OMISSIS 2) u jistghu ragonevolment jitqiesu bhala offensivi, umiljanti, u intimindatorji lejn il-vittmi;

ILLI di piu', bhala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkuzat OMISSIS kellu jissorvelja biex reat bhal dan ma' jsirx, jew, minhabba l-kariga tieghu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuza, jakkuza lill-imsemmi OMISSIS hati talli nhar id-Disgha (9) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) u fil-gimghat u xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zmijijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bhala impjegat fil-Korp tal-Pulizija ta' fastidju sesswalment lil impjegati ohra (OMISSIS 1 u OMISSIS 2) billi assoggettahom ghal att jew atti ta' intimita' fizika u/jew assoggetahom ghal xi att jew kondotta li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, gesti, jew il-produzzjoni, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal iehor fejn l-att jew atti jew il-kondotta ma' kienux mixtieqa mill-vittmi (OMISSIS 1 u OMISSIS 2) u jistghu ragonevolment jitqiesu bhala offensivi, umiljanti, u intimindatorji lejn il-vittmi (OMISSIS 1 u OMISSIS 2);

Jakkuzah ukoll li bhala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkuzat OMISSIS sar hati ta' reat iehor li huwa kellu jissorvelja biex ma' jsirx, jew li minhabba l-kariga tieghu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

Konsegwentement l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat OMISSIS u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija

minn disa' (9) xhur sa tmintax (18)-il xahar, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 141, 383, 384, 412C, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u fl-artikoli 29 u 32[2] ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Illi l-Avukat Generali fir-Raba' Kap ipremetta:

ILLI fil-kuntest tac-cirkostanzi u zmien imsemmija fl-ewwel tliet kapi ta' dan l-Att ta' Akkuza, l-akkuzat OMISSIS, Kuntistabbli tal-Pulizija bin-numru tas-servizz OMISSIS, beda jaghti fastidju sesswali lil zewg Pulizjotti zaghzagh nisa, u cioe' lil OMISSIS 1 u lil OMISSIS 2;

ILLI kif intqal, xi sitt (6) xhur wara li f'April tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) l-akkuzat OMISSIS beda jahdem fl-istess *shift* ta' OMISSIS 1, huwa beda jaghtiha kunfidenzi zejda, jittantaha, u jiffastidjaha. Il-fastidju da parti ta' l-akkuzat OMISSIS fil-konfront ta' OMISSIS 1 ma' kienx biss wiehed ta' natura sesswali kif imfisser fit-Tielet (3) Kap ta' dan l-Att ta' l-Akkuza, imma kien ukoll wiehed generali u intimidatorju sempliciment biex OMISSIS 1 tibda' tibza' minnu u tigi sottomessa lejh. Huwa kien jghajjarha, johrogilha siequ meta tkun ghaddejja minn hdejh biex taqa' fiha, jidhol go fiha, u, sahansitra wara li ffastidjaha sesswalment fit-Tletin (30) u fil-Wiehed u Tletin (31) ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) huwa kien iwiddibha biex ma' titkellem ma' hadd dwar dak li kien jaghmlilha ghax *"idawwarha fuqha"*. Effettivament, meta gieli kien ikun qieghed jitkellem ma' kollegi rgiel go l-Ghassa gieli kien sahansitra jirreferi ghal OMISSIS 1 u jghaddi kummenti bhal: *"din thobbu z-zobb!"*. Dan il-*course of conduct* da parti ta' l-akkuzat OMISSIS fil-konfront ta' OMISSIS 1 baqa' jippersisti sahansitra wara li stupraha fis-Sittax (16) ta' Frar u fis-Seba' (7) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018), kif imfisser fl-ewwel zewg kapi ta' dan l-Att ta' Akkuza, meta addirittura adotta komportament aktar aggressiv u patronanti fil-konfront taghha, u

---

[2] Kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz ta' l-Att Nru. XIII tal-2018.

beda jippretendi li tobdieh f'kollox. OMISSIS 1 tghid illi dan il-fastidju da parti ta' l-akkuzat OMISSIS affettwaha hazin hafna psikologikament u kull meta kien imissha *duty* ma' l-akkuzat kienet thossha daqslikieku sejra *"go habs"*ghax kienet thossha kompletament ikkundizzjonata minnu u mill-agir persistenti tieghu fil-konfront taghha;

ILLI bhala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkuzat OMISSIS kellu jissorvelja biex reat bhal dan ma' jsirx, jew, minhabba l-kariga tieghu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

ILLI ghalhekk, b'ghemilu, l-akkuzat OMISSIS sar hati ta' fastidju, u cioe' talli nhar it-Tmienja (8) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) u fil-gimghat u xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zmijijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, gab ruhu b'mod li ta' fastidju lil persuna ohra (OMISSIS 1) u b'mod li kien jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju ghal dik il-persuna.

ILLI di piu', bhala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkuzat OMISSIS kellu jissorvelja biex reat bhal dan ma' jsirx, jew, minhabba l-kariga tieghu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuza, jakkuza lill-imsemmi OMISSIS hati talli nhar it-Tmienja (8) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) u fil-gimghat u xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zmijijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, gab ruhu b'mod li ta' fastidju lil persuna ohra (OMISSIS 1) u b'mod li kien jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju ghal dik il-persuna.

Jakkuzah ukoll li bhala Kuntistabbli tal-Pulizija, l-akkuzat OMISSIS sar hati ta' reat iehor li huwa kellu jissorvelja biex ma' jsirx, jew li minhabba l-kariga tieghu, kellu d-dmir li jimpedixxi.

Konsegwentement l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat OMISSIS u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn xahrejn (2) sa tmintax (18)-il xahar, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 141, 251A[3], 383, 384, 412C, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat is-sentenza preliminari taghha tas-16 ta' Marzu, 2023, moghtija fl-ismijiet premessi fejn il-Qorti ordnat l-isfilz tad-dokument immarkat bhala JB4 a fol. 5 et seq tal-atti processwali u ghalhekk ghal' darba ohra l-Qorti qiedgha tiddikjara li mhux ser taghti widen ghal tali dokument peress li gie ddikjarat inammissibli.

Il-Qorti semghet il-partijiet jittrattaw l-kaz u dan nhar il-Hamis u l-Gimgha 16 u 17 ta' Marzu, 2023.

Ikkunsidrat,

**Jinghad *in primis* u qabel ma din il-Qorti ser tidhol sabiex tiddiskuti fl-ewwel lok il-principji legali li jsawwru l-proceduri kriminali in generali u li tiddiskuti ir-reati fil-konfront tax-xhieda prodotta thoss li huwa importanti li tisottolineja li dawn huma proceduri kriminali u ghalhekk din il-Qorti f'kaz li ssib htija dan trid taghmlu mhux fuq dak li jahseb il-polz tal-pubbliku izda sempliciment fuq dak li tiddisponi il-ligi fir-reati moghtija mill-Prosekuzzjoni fid-dawl tax-xhieda prodotta. Jinghad bla tlaqliq li rrizulta li fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Msida, almenu zgur li f'dan il-perjodu ta' zmien u cioe' minn Novembru, 2017 sa Marzu, 2018 li l-Ghassa kienet qisha burdell. Din il-Qorti tikkundanna bla tlaqliq il-manjera ta' kif uhud mill-Pulizija stazzjonati hemm gabu ruhhom. Zgur li tali agir m' ghandux ikun riflessjoni ta' dak li ghandu jsir f'post ta-xoghol iktar u iktar f'Ghassa tal-**

[3] Kif kien qabel l-emendi ntrodotti permezz ta' l-Att Nru. XIII tal-2018.

**Pulizija. Dan zgur m'ghandux jitqies li hu n-normal ta' x'ghandu jigri gewwa Ghassa ta' Pulizija. F'dawn il-postijiet tax-xoghol il-pubbliku jippretendi li jsib is-serjeta' u l-protezzjoni mehtiega kontra kull tip ta' abbuz. Illi jinghad ukoll li l-Pulizija kollha ghandhom ikunu denji tal-uniformi li jilbsu ghaliex wara kollox huma ilkoll ufficcjali pubblici li ghandhom jipprotegu lic-cittadin f'kull hin. Din il-Qorti ddejqet hafna tisma' dwar il-permessivita u libertinagg li kien hemm fl-Ghassa u l-arja ta'** ***non chalence*** **qisu ma hemmx regoli ta' kif ghandhom igibu ruhhom il-Pulizija. Taghmilha cara pero' li dan m' hux qed jinghad fil-konfront tal-Pulizija kollha li kien hemm ghaliex l-Prosekuzzjoni ressqet ukoll Pulizija tal-affari taghhom jixhdu f'dawn il-proceduri. Pero' l-fatt li l-Ghassa kienet qisha burdell, mhux bilfors ifisser li kien hemm ksur tal-ligi, izda din il-Qorti trid tmur lil l'hinn minn kull simpatija jew antipatija li seta' ghandha ghal dak li gara u zzomm ferm mad-disposizzjonijiet tal-ligi moghtija fl-erba' kapi tal-akkuza. Ghalhekk din il-Qorti sejra tiggudika l-agir tal-Pulizija mhux fid-dawl t' etika jew moralita' jew ta' dak li huwa sewwa izda BISS fuq dak li tipprovdi l-ligi ghaliex wara kollox il-gudikant huwa marbut li jzomm mal-ligi u kif jghid lil gurati waqt l-indirizz tieghu lilhom f'kaz li dan il-kaz jinstemgha bil-gurija, li kull pregudizzju li jista' jkollhom ghandu jigi skartat u jitqies daqs li kieku ma jezistix. Din il-Qorti sejra tiggudka l-kaz fuq il-fatti li rrizultaw f'dawn il-proceduri kif ser jigu mistharrga fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-ligi.**

**Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi din il-parti preliminari tas-sentenza taghha billi taghmilha cara illi dak li gara fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Imsida m' ghandux jitqies li qed isehh fl-ghasses l-ohra u ghalhekk ir-rispett dovut lejn il-Korp tal-Pulizija ghandu jibqa' hemm.**

Illi dan hu kaz fejn id-difiza qed tikkontesta il-kwistjoni ta' kredibbilta' li ghandha tinghata principalment lix-xhieda tal-kwerelanti OMISSIS 1 u OMISSIS 2 u dan ghaliex il-provi prodotti fil-fehma taghha aktar jikkonfermaw il-verzjoni tal-fatti kif esposti mill-akkuzat, milli dik esposta mill-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni minn naha

taghha taghti verzjoni differenti u tghid li x-xhieda prodotta minnha huma konsistenti u kredibbli u ghalhekk ghandha tinstab htija fil-konfront tal-akkuzat.

Ghalhekk m'hemmx dubju li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin ghalkemm jinghad sa minn dan l-istadju bikri tas-sentenza, jidher li l-akkuzat li gie investigat *a tempo vegine* tal-investigazzjoni baqa' konsistenti fil-verzjoni tal-fatti moghtija minnu fl-istqarrija li huwa rrilaxja *a tempo vergine* tal-investigazzjoni maghmula mill-Pulizija ezekuttiva u dan fl-*istatement* li huwa rrilaxxja nhar it-18 ta' Marzu, 2018.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala Gudikant il-Qorti ghandha tqis l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa minnu, kif maghruf fis-sistema nostrana taghna, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**[4]:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997.

U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **__Il-Pulizija v. Joseph Thorne__**[5]**__:-__**

*"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[6]

Jigi imfakkar li huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*[7]

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabbilta'. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre' kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet **__Il-Pulizija vs Peter Ebejer__**[8], fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003
[6] Ara wkoll Appell Kriminali The Police v. Graham Charles Ducker, 19 ta' Mejju 1957
[7] Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997

u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs Minister of Pension**[9] - tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara**[10] fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi ghandu jaghzel is-sikrana mill-qamh. Kif se jaghmel dan? Il-Gudikant ghandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbaghad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tieghu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.

---

[9] 1974 - ALL Er 372
[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002

F'decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charles Bianco**[11] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

> *Din il-Qorti kellha okkazzjoni tisma' x-xhieda u – hlief forsi ghal ftit ecitament li jhossu xi xhieda meta jsibu ruhhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' da l-ambjenti dak jkunu qeghdin jixhdu in rebus suis, u aktar meta jkunu qeghdin jirrakkontaw episodju li ghalihom kien trawmati u – ma rat xejn "nevrasteni u" jew isteri u fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi ghar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u din tal-avukat Irene Bonello, li baqghu ghalkemm, kif jghid l-appellant fir-rikors tieghu, "zgur kellhom hafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il- kaz u jfakru lil xulxin x'gara dak inhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqghod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti bizzejjed biex ma "jikkorregux il-verzjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, ghalkemm kellhom okkazzjoni jaghmlu hekk u ghalkemm setghu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad maghhom l-appellant biex johloq argument differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmati u huma haga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda ghandha tigi skartata.*

Il-principju li "*mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzat. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmu jew ma temmnux*" huwa daqstant important (ara **Pulizija vs Joseph Thorne**[12] u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et**[13] fost diversi ohrajn).

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

---

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Jannar, 2007
[12] Op cit
[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta Ottubru, 2006

*"..id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hiex imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.*

Illi inoltre, kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Ganni Attard:-**[14]

*"Biex tezamina l-kredibbilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji - ezami li ghandu jsir dejjem, imma li jakkwista importanza akbar meta hemm biss zewg xhieda, wahda tghid abjad u l-ohra tghid iswed. U fost il-kriterji tal-kredibbilita' hemm dak tad-deportament tax-xhud fl-izbarra tax-xhieda, u dak tal-konsistenza tax-xhieda mal-materjal l-iehor li jkollha quddiemha l-Qorti."*

Meta l-Qorti tigi biex tqis dan l-Artikolu tal-ligi biex hija taghmel apprezzament tax-xhud, hija ghandha tiehu qis il-komportament tax-xhud u cioe' id- "*demeanor*", il-kondotta u il-karattru tal-istess xhud. Meta l-ligi titkellem dwar il-komportament tieghu, il-Qorti trid taghmel ezami kif l-istess xhud ikun gab ruhhu waqt il-varji depozizzjonijiet tieghu u cioe' trid l-ewwel tqis kull xhieda li tkun inghatat viva voce quddiemha, pero' f'kaz li l-istess xhud ikun ta' depozizzjoni antecidenti u x-xhud jigi kkonfrontat biha, il-Qorti jkollha tqis ukoll dik it-testimonjanza limitatament ghal dik il-parti fejn sar il-konfront. Ghalhekk, f'dan il-kaz meta l-Qorti ser tapprezza x-xhieda, taz-zewg xhieda principali u cioe' OMISSIS 1 u OMISSIS 2, hija sejra tqis dak li huma qalu antecedentament u gie moqri lilhom waqt li huma ddeponew quddiem l-istess Qorti. Meta l-ligi titkellem dwar il-kondotta tax-xhud ma tfissirx li l-Qorti ghandha taghti qies il-fedina penali tax-xhud izda l-manjiera ta' kif ix-xhud gab ruhhu mal-Qorti u cioe' jekk kienx konsistenti, attendibbli, relutanti spontaneju jew a dirittura konfuzjonarju. Bil-kelma karattru l-ligi tfisser mhux jekk il-Qorti ghandiex simpatija jew le max-xhud li jkun qed jiddeponi izda kif il-persuna tramite l-personalita' taghha, il-lingwagg uzat minnha, spjegat ruhha dwar l-akkadut meta kienet fuq il-pedana tax-xhieda.

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fidl-21 ta Mejju 1955

Din l-istess dispozizzjoni tal-ligi titkellem ukoll dwar l-obbligu li ghandha l-Qorti sabiex tivverifika jekk *'ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa, jew jekk hiex konsistenzi, u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.'* B'dan ghalhekk il-legislatur ried illi l-Qorti ma tistax taghmel apprezzament tax-xhud f'izolament izda trid tpoggiha fi kwadru flimkien ma provi ohra li jolqtu l-istess xhud u ghalhekk il-Qorti trid tara jekk ix-xhud li ddepona kellux interess f'dak li qalu jekk ix-xhieda mghotija minnu tirriflettix ic-cirkostanzi tal-kaz.

Dan qed jinghad ghaliex l-ewwel impressjonijiet li l-Qorti tiehu jistghu jkunu differenti minn dawk l-istess impressjonijiet li jigu ezaminati f'aktar dettal waqt l-iskrutinju li din il-Qorti tkun ser taghmel tax-xhieda prodotta. Jista' jaghti l-kaz li xhud wiehed ikun aktar kapaci jesprimi ruhu minn iehor, jista' jaghti l-kaz illi ghandu aktar reqqa biex jixhed, jista' jaghti l-kaz li jirrepeti dak li jixtieq jghid waqt li jevadi domandi li jigu mposti lilu. Jista' jaghti l-kaz ukoll li xhud ihawwad certu fatti jew dati minhabba li jkun nesa genwinament jew adirittura ghax ikun irid jahbi certu dettalji jew ghaliex ikun qed jigdeb u konsegwentament ma jkunx kapaci li jkun konsistenti. Huwa ghalhekk illi l-ezercizzju ta' apprezzament ta' xhud tirrikjedi certu hila u li dan ghandu jsir b'certu dettal, bil-ghan li l-Qorti tohrog il-verita' minn dak ix-xhud. Hija l-ligi stess li tghid illi min ghandu jiggudika ghandu wkoll jiehu qies ta' kull cirkustanza ohra u b'dan ghalhekk, il-legislatur ried li l-gudikant jara jekk hemmx kollaborazzjoni f'dak li qed jigi rrapurtat li mhux necessarjement jekwevali ghal repetizzjoni. Ghalhekk sabiex tivverifika l-konsistenza ta' xhud huwa ghaqli li jinqara lilu x-xhieda ta' testimonjanza li jkun ta' antecedentament sabiex tara jekk tali xhieda tigix ikkonfermata, kollaborata jew a dirittura kontradetta. Trid tara jekk il-fatti jibqghux l-istess u trid tara jekk ix-xhud hux kreddibli f'dak li qal meta rrelata dak li jkun ghadda minnu u dan anke fid-dawl ta' dak li gie mistqarr minn xhieda ohra prodotta.

Hu daqstant importanti li l-Qorti tirrileva ghal fini ta' kredibbilta' dak li jiddisponi Artikolu 638 (2) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:

*'B'dan kollu, f'kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar.'*

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. John Pace</u>**,[15] il-Qorti irriteniet is-segwenti:

*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrieh fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638 (2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Artikolu tal-ligi li din il-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza ghalih hu appuntu dak ta' 633(1) ta' Kap 9 li jirreferi ghal interess ta' xhud:

*'Ebda eccezzjoni kontra l-kompetenza ta' xhud ma tista' tinghata minhabba li hu jkun il-parti li ghamlet id-denunzja, jew il-kwerela, jew ir-rapport jew ir-rikors li fuqhom ikunu nbdew il-proceduri, inkella minhabba li x-xhud ikun jigi mid-demm jew imhallat bi zwieg, jew minhabba li jkollu kuntratt, impieg, jew interess iehor mal-parti hawn fuq imsemmija, jew mal-imputat jew akkuzat; imma f'kull kaz bhal dan, ix-xhud jigi mismugh, u min ghandu jiggudika l-fatti, meta jkun ghal kollox perswaz u konvint li x-xiehda hija vera, ghandu jipprocedi fuq dik ix-xiehda bl-istess mod shih u ferm, daqs li kieku dawk il-fatti gew ippruvati minn persuna barranija jew minn wiehed li m'ghandu xejn x'jaqsam kif jinghad hawn fuq.'*

Ghalhekk dak li stqarrew il-kollegi tal-kwerelanti, huma xhieda ammissibli u l-partijiet ma jistghu jaghmlu l-ebda eccezzjoni kontra l-kompetenza taghhom, b'dan

[15] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-31 ta'Ottubru 2013.

pero' ma jfissirx illi tali xhieda ma jghaddux mill-gharbiel li din il-Qorti trid taghmel dwar il-kreddibilta' o meno taghhom.

Ghalhekk mhux il-kwantita' tax-xhieda li l-Qorti tqis li hu mportanti ghall-prova tal-fatt jew tal-oggett izda l-kwalita' ta' dak li ntqal mix-xhud. Jaf jinghad ukoll f'dan ir-rigward illi xhud jista' jigi emmnut fit-totalita' tieghu kif ukoll in parte. Jigi ccarat ukoll, illi xhud jista' ma jigi emmnut xejn.

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Din il-Qorti kellha l-fortuna li tara ix-xhieda kemm fuq il-pedana tax-xhieda jixhdu fl-Awla kif ukoll tara liz-zewg allegati vittmi jixhdu prorpju quddiemha permezz tas-sistema tal-*video conferencing* u ghalhekk setghet taghmel l-apprezzament taghha dwar l-imgieba u komportament taghhom ta' kif wiegbu ghal certu domandi, l-interess li setgha kellhom f'dan l-istadju tal-proceduri, l-konsitenza f'dak li qalu u jekk zammewx l-istess verzjoni tal-fatti. U ta' kif irreagixxew meta gew mistoqsija xi haga li tolqot il-persuna taghhom. Naturalment din il-Qorti qieset ukoll fejn kien hemm varjanza fix-xhieda taghhom bejn dak li stqarrew *viva voce* il-Qorti u dak li qalu fi Qrati ohrajn meta gew kkonfrontati bix-xhieda taghhom.

Ghalhekk dan hu l-ezercizzju li din il-Qorti trid taghmel meta tigi biex tezamina u tapprezza ix-xhieda moghtija biex tara jekk l-akkuzi kif migjuba mill-Prosekuzzjoni jirrizultawx ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi u cioe' 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni jew jekk waslitx ghall-prova inqas u ghalhekk din il-Qorti ma tkunx tista'

ssib htija. In oltre din il-Qorti trid tara jekk l-elementi rikjesti mill-ligi ghall-ezistenza tar-reati moghtija lill-akkuzat gewx sodisfatti u dan ghaliex jekk din il-Qorti issib htija, tali htija trid tkun ibbazata fuq id-disposizzjonijiet tal-ligi in ommagg mal-principju latin '*nullum poena sine lege*'

Jigi rilevat ukoll preliminarjament li l-Prosekuzzjoni ressqet lill-akkuzat fuq akkuzi li jikkoncernaw zewg allegati vittmi u cioe' OMISSIS 1 u OMISSIS 2. Illi l-akkuzi fil-konfront tal-akkuzat, fir-rigward ta' dawn iz-zewg persuni ser jigu diskussi b'mod separat u distint stante li l-agir taz-zewg kwerelanti waqt li kienu fuq il-pedana tax-xhieda ma kienitx l-istess u inoltre jinghad ukoll li l-provi korroborattivi fil-konfront taz-zewg allegati vittmi ukoll ma humiex l-istess. B'hekk din il-Qorti ser tispjega ir-reati b'mod individwali fil-konfront tax-xhieda u provi fir-rigward ta' kull kwerelant iktar il'quddiem.
**Din il-Qorti semghet il-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni kif ukoll l-uniku xhud imressaq mid-difiza u cioe' lill-Ispettur Lara Butters.**

Ikkunsidrat,

L-**Ispettur Mark Mercieca** u spjega li nhar is-17 ta' Marzu, 2018, waqt li kien xoghol *first watch* gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema gie avvicinat minn OMISSIS 1 li xtaqet tkellmu minhabba problemi li kellha fis-*shift* taghha li kienu qed jaffetwawlha l-hajja ta' kuljum. Meta kellimha, din qaltlu li kienet qed tircievi molestji sesswali u anke kienet giet irrapjata f'zewg okkazjonijiet minn OMISSIS li huwa kollega taghha fuq is-*shift* taghha. Avvicinatu ukoll OMISSIS 22 fejn spjegat il-fatt li kienet qed tigi molestata sesswalment minn l-istess Pulizija. Huwa spjegalhom il-gravita' tar-rapport li kienu qed jaghmlu.

Minn hemmhekk informa l-iskwadra tal-vizzji u cioe' lill-Ispettur Joseph Busuttil u anke lill-Ispettur Sylvana Gafa sabiex jassistu f'din l-investigazzjoni fejn fit-18 ta' Marzu, 2018, iz-zewg persuni li marru jirraportaw gewwa l-ufficcju tieghu ngiebu l-Ghassa sabiex jaghmlu dikjarazzjoni. Qal ukoll li OMISSIS 1 OMISSIS 1 dakinhar

spjegat li l-molestji sesswali kienu bdew fix-xahar t' Ottubru, 2017. Staqsiha jekk kienitx tkellmet ma' xi hadd dwar dak li kienet qed tallega hi qaltlu li kienet kellmet lis-Surgent taghha PS 309, biss qaltlu biex ma' jitkellimx. Dan offrilha biex ikellem lil OMISSIS ghax kien fis-*shift* tieghu izda ma' ridietx. Qalet li dawn il-molestji kienu isiru ta' sikwit u spicca li fis-16 ta' Frar, 2018, ghall-habta tas-6.00p.m sehh l-ewwel avveniment tar-*rape*. Tghid li dak il-hin kienet hdejn l-iskrivanija tal-*orderly* fuq barra u dan qabad u gibidha minn idejha ghall-kamra tas-Surgenti tal-Ghassa stess. Minn hemmhekk giet mizmuma u kien hemm atti sesswali u anke ultimament kien hemm penetrazjoni kontra l-volonta' taghha.

Wara dakinhar fis-7 ta' Marzu, 2018, spjegat ukoll li kienet *night watch* mal-kollegi taghha OMISSIS, PS 309, PC 145 gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Msida. Tghid li dawn kienu gabu l-*console* u bdew jilghabu biha fejn OMISSIS beda gej u sejjer mill-kamra tas-Surgenti ghal fejnha u kienu bdew xi molestji hemmhekk, dejjem skond kif qaltlu OMISSIS 1. Ghall-habta tat-3.00a.m PS 309 ghal xi raguni telaq id-dar, PC 145 kien mar jorqod gewwa l-istess kamra fejn kienu qed jilghabu u spiccaw regghu wahedhom l-Ghassa fejn ingibdet ghal kamra li tintuza bhala *kitchenette* u rega' sar dan l-att kontra l-volonta' taghha. Meta saqsiha jekk talbitx ghall-ghajnuna jew ghajtitx, spjegat l-istess li l-biza' li kellha gieghiltha tibqa' siekta sabiex l-atti jieqfu. Meta staqsieha ghaliex kienet marret tghid lilu u mhux l-Ispettur tal-Msida taghha qaltlu li kellha biza' li ma' tigix emnuta minhabba l-fatt kif kienet tigi trattata gewwa l-Ghassa. Hi kienet *bullied* fil-passat u bezghet li ma' tigix emmnuta.

Dakinhar stess giet mitkellma OMISSIS 2, il-Pulizija l-ohra li ghamlet ir-rapport fuq *sexual harassment* fejn stqarret li dawn l-atti kienu bdew fit-3 ta' Marzu, 2018, meta kienet idettaljata *night watch* gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema fejn aktar tard matul il-lejl kien ipprezenta ruhu OMISSIS flimkien ma' PC 145 u talbu l-assistenza ta' Pulizija mara gewwa Triq Enrico Mizzi, Gzira. Hawnhekk wara li marret maghhom kif hargu mill-Ghassa ta' Tas-Sliema PC 145 kien talab lil OMISSIS sabiex jiehdu gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Msida qabel ma' titqassam ir-riferta u hekk kien sar u ultimamaent spiccaw wahedhom gewwa l-vettura, ix-xufier OMISSIS u OMISSIS 2

fejn hemmhekk bdew kummenti li tista' tizloqlu idu minn fuq il-*gear leaver* u sahansitra beda jmissilha saqajha gewwa l-vettura. Stqarret li waqfet dan l-atteggjament minnufih. Wara li ma' sabux il-persuna li riedu jqassmu r-riferta marret taghti diversi citazzjonijiet u meta dahlet lura fil-vettura OMISSIS kien imissilha l-parti ta' wara taghha hi u diehla. Wara xi hin ghaddihiela ukoll xi kummenti fuq ir-ricetti li taf taghmel ommha u anke ttiehdet l-Ghassa wara li cemplilha s-Surgent taghha. Mistoqsija jekk grawx affarijiet ohra wara din id-data stqarret li gurnata wara dan il-kaz waqt li kienu wara l-bini tal-Qorti jistennew lill-Ispettur u s-Surgent taghhom u kienet bilqieghda wara is-seat tax-xufier fil-vettura tad-distrett tal-Msida, OMISSIS kien dahhal idejh minn bejn is-seat u beda jmissilha saqajha u anke stedinha biex tmur *weekend break* mieghu.

Kompliet tghid li data ohra kienet l-Ghassa tal-Imsida u waqt li kienet hdejn il-*vending machine fil-kamra* tas-Surgenti tixtri flixkun ilma kien mar minn warajha u kien biesha fuq hugbejha. Dakinhar stess fit-18 ta' Marzu, 2018, inhareg mandat t' arrest u tfittxija fil-konfront ta' OMISSIS. Ghall-habta tat-3.00p.m gie arrestat minnu stess fl-akwati tal-Birgu. Hemmhekk inghata d-drittijiet tieghu legali fejn aktar tard ittiehed gewwa d-depot tal-Pulizija u talab sabiex jikkonsulta mal-Avukat tieghu Dr. Alfred Abela. Dan irrilaxxja stqarrija rekordjata u dan fil-prezenza tal-Avukat tieghu fejn ma' nnegax li kellu rapporti sesswali ma' OMISSIS 1. Stqarr li kellu rapporti sesswali maghha f'zewg okkazzjonijiet izda dejjem bil-kunsens taghha. Dakinhar inzamm gewwa l-*lock up* tal-Pulizija u l-ghada filghodu huwa flimkien ma' l-Ispettur Joseph Busuttil, kellmu diversi Pulizija li setghu kienu nvoluti f'dan il-kaz jew li setghu kienu jafu xi haga. Jikkonferma li qabel ma' ittiehdet l-istqarrija l-akkuzat inghata l-informazzjoni kollha li kellha f'idejha l-Pulizija u anke gie muri l-istqarrijiet tal-persuni l-ohrajn li allegaw il-fatt li gara kontrihom. Jghid li z-zewg dikjarazzjonjiet li gew murija lilu jinsabu a fol. 27 u 28 tal-process immarkati bhala dok JB5 u JB6. Dawn huma d-dikjarazzjonijiet tal-vittmi.

L-ewwel darba li gie arrestat kien qallu b'dak kollu li gie rrapurtat kontrih. Ikkonferma li hadd mill-kollegi ta' OMISSIS 1 ma' qatt ra u/jew sema' xi haga. Kien

hemm Pulizija mara Sapiano li kienet tkellmet maghha u kienet furjuza dwar dak kollu li kien qed jigri.

Jghid li hu kien Spettur Sliema dak iz-zmien flimkien mal-Ispettur Ransley u dak iz-zmien l-Imsida kien hemm l-Ispettur Lara Butters. Fir-*roster* tax-xahar ikollhom ghaxart ijiem tal-Ghassa, u f'dak il-kaz hu kien jikkaverja l-Imsida wkoll. Wara l-Qorti hu kien jieqaf l-Ghassa Msida u kien imur hemm biex ilahhaq ukoll. Mistoqsi ghala kien dahal fil-kaz hu u mhux Lara Butters jghid ghax il-vittma qalet li din ma' kienitx ser tigi emmnuta. Lil Butters essagg ma' qaliliex li l-vittma ma' rieditx tkellem lilha. Il-vittma qaltlu li Butters kienet tibbuljha. Is-Superjur tieghu dak iz-zmien kienet Alexandra Mamo. Hu ma' hassx li kien hemm kunflitt t'interess u kieku ma' rax li kien hemm reat kriminali ma' kienx imexxi. Hu dderiega lill-vittma taghmel rapport dwar l-attegjament li kien hemm fil-konfront taghha fl-Ghassa Msida meta kienet tigi marginalizzata. Il-vittma kienet ghamlet zmien bil-*light duty* u kienet tmur b'ilbies normali u mhux bl-uniformi. Izda ma' jafx jekk Butters kienitx gibditilha l-attenzjoni dwar ilbies adegwat. Argumenti ma' kollegi taghha ma' jafx li kellha l-vittma OMISSIS 1 u ma jafx li l-AC Mamo kellha dizgwit maghha. Hu ma jafx li kellha *issue* dwar ix-xoghol ta'Paceville ma' Mamo imma jista' jkun li kien hemm din il-kwistjoni. L-AC Mamo lilu qatt ma' qaltu li kellha dizgwit maghha u cioe' ma OMISSIS 1. Is-Surgent Brian kien il-persuna li afdat hi u anke afdat lil xi Pulizija bil-kunjom Cumbo. Is-Surgent Brian qallu li ma kienx jaf x'inhu jigri ghaliex hu ma ra xejn isir minn naha tieghu. Mhux cert li s-Surgent Brian qallu li OMISSIS 1 u OMISSIS 2 kellhom dizgwit bejniethom. Hu tenna li ma jiftakarx incident fejn OMISSIS 2 u OMISSIS 1 kellhom *issue* fuq xi *barriers.* Fil-fehma tieghu fuq ix-xoghol qatt ma' rahom miggildin. Hu jghid li ma jiftakarx li kienu qalulu li ma kienux jitkellmu bejniethom. Jghid ukoll li ma jiftakarx kif Sapiano laqqathom sabiex il-vittmi jitkellmu bejniethom. Ma jafx kif OMISSIS 1 kienet tmur l-Ghassa mid-dar. Hu jghid li l-fedina ta' OMISSIS 1 ma' ccekjahiex.

Fir-rigward tal-arrest tal-akkuzat hu kien mar ix-Xghajra, d-dar tieghu u ma' kienx hemmhekk. Kien qieghed ghand it-tfajla l-Birgu u ltaqghu fejn il-ground tal-Birgu u

fi zmien kwarta wasslu d-depot. Ma jafx kienx dahhlu fl-ufficju tieghu l-ewwel jew il-*lock-up.* ma' jafx ezatt sa x'hin zammewh il-*lock-up* izda sakemm gie l-Avukat tieghu. Jghid li tawh *disclosure* fosthom iz-zewg dikjarazzjonijiet tal-allegati vittmi. L-ewwel darba li kellmu u cioe' fl-ewwel interrogazzjoni ma kienx jaf jekk l-att sesswali kienx konsenswali jew le. Ma jiftakarx li OMISSIS 1 rraportat wara li dahlet fl-istorja OMISSIS 2. Il-mistoqsijiet li ghamel waqt l-interrogazzjoni setghu ifissru hafna affarijiet, ezatt ma jiftakarx imma ma kellux hsieb li dawn kellhom relazzjoni ghaliex kieku qas setghu jibqu' fl-istess Ghassa u oltre minn hekk jaghmlu dawk l-atti fl-Ghassa. Hu ghamel il-mistoqsijiet li ghamel biex jara jekk ma' OMISSIS 2 riedx l-istess affarijiet bhal ma l-akkuzat kien allegatament ghamel ma' OMISSIS 1. L-akkuzat kien qallu li ma' OMISSIS 2 xtaq xi haga *long-term.* Fit-*transcript* ma' hemmx hinijiet imnizzla izda jghid li fis-CD jkun hemm imnizzel kollox.

Mistoqsi kienx hemm raguni li dam ma' baghat ghas-Surgent Brian, jghid li le ma' kienx hemm. L-investigazzjoni li kien hemm tas-Surgent Brian kienet dwar kwistjoni ta'*shifts* u mhux relatata ma' dan il-kaz. Hu kien f'kuntatt mal-*internal affairs* u hu kien konxju fuq din il-bicca xoghol li se tohrog *crime* mbaghad gew preskritti u allura seta' jtellghu jixhed. Hu kien irrabja mas-Surgent Brian ghaliex kellu jiehu hsieb in-nies tieghu u minhabba li hu ma' qediex dmirijietu shabu kienu qed jiffaccjaw dan kollu. Hu nnega li l-akkuzat beda jghidilhom ghalquli dik it-tieqa ghax se naqbez. Fin-nofs siegha li stennew l-Avukat ma' jafx ezatt xi kliem intqal. Quddiemu u fil-prezenza tieghu hadd ma' semma l-habs lill-akkuzat. Il-verzjoni tas-Surgent u iktar dettalji fuq OMISSIS 2 wera li l-verzjoni ta' OMISSIS ma' kienitx kredibbli ghalhekk hu gie mitkellem fuq kollox.

L-**Ispettur Sylvana Gafa** fis-17 ta' Marzu, 2018, kienet giet ikkuntattjata mill-Ispettur Mark Mercieca fejn kien infurmaha li kien hemm Pulizija mara li xtaqet tirraporta kaz u ftiehmu li jiltqghu l-ghada biex jitkellmu u tiehu *declaration* taghha flimkien ma' l-Ispettur Mark Mercieca. Infatti iltaqghu maghha nhar it-18 ta' Marzu u hadet l-ewwel *declaration* ta' OMISSIS 1. Din kienet irrapurtat lil OMISSIS li kien stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija tal-Msida ghal-habta t' April, 2017, u qalet li ghalkemm ghal bidu ma'

kienitx rat ghajn hazina minghandu mit-30 t' Ottubru, 2017 'l quddiem beda jdejjaqha sesswalment. Spjegatilha li meta kienet tkun bilqiedgha bhala *orderly* l-Ghassa kien imur hdejha u gieli jigifieri waqt li kienet tkun bil-wieqfa kien ikellimha u jaqbadha minn idha u jghidilha li kien lest li juriha dak li jaf.

Tghid li l-akkuzat darba minnhom kien tefa' lil OMISSIS 1 mal-hajt u beda jipprova ibusha pero' minn hemm l-affarijiet baqghu jeskalaw. Qalet li minn wara din l-okkazjoni kienet anke infurmat lis-Surgent PS 309 waqt ikla li kellhom fl-1 ta' Novembru. Is-Surgent kien anke staqsiha jekk ridietx li jkellmu izda hi ma' ridietix. Qalet li fix-xhur ta' wara meta kienet tkun xoghol kien joqghod jaqbdilha l-warrani taghha u anke sidirha. Anke meta tkun fuq it-telefon man-nies pero' quddiem in-nies meta ikun hemm Pulizija ohra qatt m' ghamel mossi jew taghhom x'jifhmu li hu kien qed jaqbad maghha b'dak il-mod. Kompliet tghid li nhar is-16 ta' Frar, 2018, kienet dettaljata s*econd watch* gewwa l-Ghassa tal-Imsida u tghid li ghall-habta tas-6.30 kien mar hdejha bil-wieqfa u talabha terdalu l-parti tieghhu u hi qaltlu biex ihalliha bil-kwiet. Kienet anke infurmatu li daqt jindibel is-shift pero' l-akkuzat baqa' jippersisti. Kien kaxkarha, ressaqha bis-siggu tar-roti u qajjimha minn idha bil-wieqfa u dahhalha gewwa l-kamra li tintuza mis-Surgenti. Tefaghha fuq is-sufan, nizzel l-qalziet sal-ghekiesi u hareg il-parti tieghu fejn hemmhekk rega' qalilha biex tghamillu dawk l-atti. Hi ppruvat tnehhi wiccha pero' hu baqa' jzommha u fil-fatt ghamlet dak li beda jsaqsiha. Wara ftit tghid illi baqghet tirrifjuta u halliha tmur. Ipprovat tohrog il-barra pero' l-akkuzat uza forza u gibidha u tefaghha fuq il-mejda. Hemmhekk l-akkuzat qabad u nehha il-buttuna tal-qalziet u pprova jdahhal il-parti tieghu minn quddiem izda m' irnexxilux u ghalhekk dawwarha u imbaghad kompla jaghmel l-atti b'darha lejh. Fil-fatt tghid li ma' kientix xi haga li xtaqet. Li hi ma' ridietx u li urietu li ma' tridx u wara ftit l-akkuzat halliha tohrog mill-kamra. Qam gab il-mop u mesah l-affarijiet wara li kien egakola ma' l-art. Hawnhekk regghet infurmatu sabiex ma' jmisshix u qalilha sabiex isserrah mohha ghaliex ma' kienx ser jirrepeti haga bhal din. Tghid li ghamlilha mossa sarkastika qabel ma' hareg. Wara dan il-kaz l-akkuzat beda idejjaqha ghaliex kien joqghod johrogilha ilsienu u jmiss il-parti tieghu kull darba li jhares lejha pero' dan ma kienx isir quddiem Pulizija ohra. Kien jghajjarha hafna u anke meta tkun

mixja kien jmur fin-nofs apposta biex ma' tghaddiex mill-passagg. Qaltilha wkoll li kien ikun hafna possessiv fuqha, lanqas ma' kien ihalliha titkellem mal-kollegi taghhom ta' fuq ix-xoghol.

Tkompli tghid li fis-7 ta' Marzu, 2018, waqt li kienet *night watch* gewwa l-Ghassa tal-Msida kienet xoghol mal-akkuzat u PC 145 Alan u ghall-habta tal-11.00 l-akkuzat beda gej u sejjer lejha, beda jaqbdilha xaghra jghidilha kliem biex igieghlha tifhem ghall-affarijiet ohra u x'hin kienu ser jispiccaw qalilha biex tmur warajh bil-karozza go Manoel Island. Hija ma' ridietx ghax isuspettat hazin u dakinhar stess wara li bdiet tghidlu li mhux ser tmur mieghu anke Manoel Island sahansitra qaltlu *'inzabbab'*, hu kien dahhalha fejn il-kamra tas-Surgenti fejn hi spejgat li gieli graw l-affarijiet ta' bejniethom. Beda jaqbdilha idejha u nizzel iz-zip tal-qalziet biex taqbadlu l-parti tieghu. Hi kienet tnehhi idejha pero' hu kien jibqa' jippersisti. Tghid li peress li ma marritx fil-kamra tas-Surgenti rega' gie hdejha u gibidha minn idejha u mmedjatament ghall-habta tat-3.00a.m, Alan kien dahal fil-kamra tas-Surgenti qalet li tahseb li hu kien mar biex jorqod u s-Surgent kien telaq id-dar ghax kellu l-Qorti filghodu. Waqt li kienu vicin il-bank tal-*orderly* rega' mar l-akkuzat u gibidha minn idha, ppruvat izomm mal-bank u hu gibidha ghal gol-kamra li hemm uzata bhala kcina. Zammha minn darha ghal mal-hajt u beda jipprova ibusha. Tghid li kontinwament ppruvat timbuttah imma hu persuna b'sahhtu u cioe' *big boy* u ghalhekk ma rnexxilhiex lanqas titlaq min hdejh. Tghid li dak il-hin nezzalha anke il-buttuna tal-qalziet. Ppruvat terga' tilbes il-qalziet pero' dawwrilha wiccha mas-sink u b'darha lejh rega' kellu x'jaqsam maghha. Tghid li bl-istess mod illi meta egakola fl-art mar igib il-mop u mesah kullimkien. Minn dakinhar ma' regax ghamel atti sesswali maghha imma beda jghajjarha, ghajjat maghha u anke minn naha taghha ppruvat tbiddel is-shift biex ma tibqax fis-shift mieghu. Fil-fatt dak li rrakontat hu miktub fid-*declaration* li hija tat lilha u lill-Ispettur Mark Mercieca. Huma staqsewha jekk kienitx irraportat dawn l-affarijiet qabel fejn qaltilhom li kienet tkellmet mas-Surgent taghha u ma' PC 1264 ghax lilu biss kienet tafda. Qalet li tkellmet ukoll ma' WPC 16 u ma' OMISSIS 2 ghaliex saret taf li anke beda jittanta lilha u cioe' lil OMISSIS 2 ukoll pero' qatt ma' kien hemm rapport qabel formali.

Wara li tkellmu ma' OMISSIS 1 imbaghad tkellmu ma' OMISSIS 2 li minn naha taghha wkoll qaltilha li l-akkuzat kien qed jihherassjaha wkoll fuq il-post tax-xoghol. Qalet li fl-4 ta' Marzu, 2018, kemm OMISSIS u anke PC 145 Alan kienu marru l-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema u qalet li tiftakar li kienet xoghol ta' bil-lejl u kienu talbuha biex imorru jqassmu riferta. Qalet li dakinhar kienet ratha stramba kif kienu marru dakinhar filghaxija biex iqassmu riferta u kienet staqsiet lill-Ispettur Ransley li kien qieghed xoghol jekk setghetx tmur maghhom u dan qalilha li mhux suppost iqassmu riferti dak il-hin pero' imbaghad spejgawlu li riedu jqassmu din ir-riferta lill-prostituta u allura halliha tmur maghhom. Tghid li meta telqu mill-Ghassa rikbet il-vettura, Alan rikeb fuq in-naha tal-passigier u l-akkuzat kien qed isuq. Alan staqsa lill-akkuzat sabiex iwasslu l-Ghassa tal-Imsida qabel ma jmorru jqassmu r-riferta u ghalhekk baqghu l-akkuzat u OMISSIS 2 biex iqasmu ir-riferta. Lil din ma sabuhiex. OMISSIS 2 qalet li x'hin rikbet ma' genb l-akkuzat rega' beda jghidilha li toqghod tizloqlu idejh min fuq il-*gear* u beda jaqbdilha saqajha. Hija bdiet twaqqfu u semmietlu wkoll li huwa ghandu gharusa imma dan xorta baqa' jmissilha saqajha. Saq lejn Manoel Island u kien hemm il-grada maghluqa fejn f'hin minnhom l-akkuzat ra lil xi hadd illi kien qed jaghmel *awrina* barra u kellem lil dan ir-ragel pero' mbaghad wara li kellem lil dan ir-ragel fejn kien Manoel Island OMISSIS 2 qaltlu li ghalxejn kienu qedghin hemmhekk ghaliex m'hemmx fejn taghti tickets u bdew iduru n-naha tar-*residential area* biex jaghtu c-citazzjonijiet. Bdiet tghid illi kull darba li bdiet tohrog mill-vettura biex taghti citazzjoni, l-akkuzat beda jikkumentalha fuq il-warrani taghha u kemm ommha taghmel ricetti tajbin u kull meta poggiet fuq is-seat kien qed ipoggi jdejh apposta fuq is-*seat* biex x'hin tpoggi, tpoggi fuq idejh u kien qed idejjaqha. Tiftakar li dakinhar baqghu jduru t-toroq u anke imbaghad flok minn naha ta' quddiem biex tidhol fil-karozza bdiet tidhol minn naha ta' wara sabiex hu ma' jikkumentalhiex fuq il-warrani taghha u qalet li meta wassalha lura l-Ghassa ta' Tas-Sliema kienet qalet lis-Surgent taghha PS 1033 b'dak kollu li kien gralha u dan is-Surgent kien irrabja hafna u qal li kien ser jinforma lill-Ispettur Ransley b'dak kollu li kien gara pero' hi talbitu sabiex ma' jghid xejn.

Tkompli tghid li imbaghad fil-5 ta' Marzu, 2018, matul il-gurnata fil-hin ta' meta hija kienet *duty* kien cemplilha l-akkuzat biex jghidilha li kien lestilha c-cavetta tat-*toilet* tal-Imsida sabiex hi tmur ghaliha. Qalet li hija kienet dahlet l-Ghassa biex tirringrazzjah pero' hu ma' kienx hemmhekk u baghtitlu messagg izda hu ma wegibiex lura.

Fid-9 ta' Marzu, 2018, kompliet tghid li kienet dettaljata l-Ghassa tal-Gzira *first watch* u kien qed ilahhaq PS 309 Brian fejn kienu ftiehmu maghha, hu flimkien mal-akkuzat sabiex jghaddu ghaliha l-Ghassa Gzira. Fil-fatt dakinhar mar ghaliha l-akkuzat sabiex jiehdu l-files ta' l-Ispettur Butters il-Qorti u meta rritornaw lura l-Ghassa kellhom jistennew fejn *cafeteria* vicin tal-Qorti fil-vettura tas-servizz u hi bdiet tikkomplejnja li beda jugaghha daharha ghax kienet riekba fuq wara tal-vettura u l-akkuzat beda jghaddilha kummenti biex jghamlilha *'message'*. OMISSIS 2 qaltlu li kellha bzonn wiehed professjonali. Hemmhekk beda joffrilha sabiex tmur *weekend break* mieghu u beda jmissilha saqajha. Idejh bdiet tghaddi minn bejn is-*seats* ta' quddiem u jmissilha saqajha. Regghet urietu li kienet qed tiddejjaq u nehhietlu idejh. Ftit wara kien mar is-Surgent Brian u telqu u meta waslu l-Ghassa tal-Imsida hi qalet li kompla jinsisti maghha sabiex tahsibha, b'referenza ghall-proposta tieghu tal-*weekend break*. Dakinhar marret tixtri mil-*vending machine* li hemm gewwa l-kamra tal-Ghassa tal-Imsida fejn l-akkuzat kien gie minn warajha u biesgha f'wiccha. Qaltlu biex jersaq 'l hemm u beda jidhaq. Qalet li meta hargu 'l barra mill-Ghassa ratu jikteb messagg fuq il-*mobile* tieghu u qalet li ma' baghtulhiex pero' kien urihulha u kien hemm miktub illi hu mhux ghas-sess irid imur maghha l-*weekend break* izda sabiex ikun jafha ahjar. Imbaghad giet ommha ghaliha u telqet 'l hemm. Bl-istess mod ghalhekk OMISSIS 2 ma' kienitx ghamlet rapport formali qabel ma' tkellmet mas-Surgent. Tghid illi iktar investigazzjonijiet saru mill-Ispettur Mercieca u Busuttil. Hi kompliet issegwi lill-vittmi u OMISSIS 1 kienet l-iktar gravi infatti hi anke rreferieta ghal support psikologiku u anke l-*Women Rights Foundation* sabiex jassistuha legalment. Illum il-gurnata OMISSIS 1 telqet mill-Pulizija. OMISSIS 2 iktar b'sahhitha bhala karattru u kienet iktar *composed* sabiex titkellem. OMISSIS 1 rrapurtat meta rrapurtat ghax saret taf li l-akkuzat kien qed jaghmel hekk lil haddiehor u ma' rieditx li xi haddiehor

jghaddi mill-abbuz sesswali li ghaddiet minnu hi. OMISSIS 1 telqet sena ilu mill-korp u cioe′ baqghet erba′ snin fil-korp wara li sar l-incident. OMISSIS 1 kienet daqqa′ tkun tajba u daqqa′ hazin. Kellha psikologa li kienet issegwiha mill-*Victim Support Unit* izda gieli kienet iccemplilha u tghaddi sa hdejha. Hi qatt ma′ semmiet li skambjat xi messaggi jew telefonati mal-akkuzat u ghalhekk ma′ hassewx il-bzonn li jelevaw il-*mobile* taghha. Hi kkonfermat docs JB5 u JB6 bhala d-dikjarazzjonijiet li hi flimkien mal-Ispettur Mercieca hadu lill-vittmi.

In kontro-ezami hi kkonfermat illi dak iz-zmien kienet stazzjonata l-*Victim Support Unit*. L-Ispetturi Mercieca u Busuttil ma′ kienux qed jaggornawha dwar x′kien qed jigri. Hi s-sehem taghha kien waqt li gew mehudha d-dikjarazzjonijiet tal-vittmi u bhala *Victim Support Unit*. Fir-rigward ta′ OMISSIS 2 ma′ saqsitiex ghaliex meta ma sabux lill-persuna li kellha titqassam ir-riferta ma marrux lura l-Ghassa izda marru *residential area* biex jitqassmu xi tickets. Tikkonferma li OMISSIS 2 kienet qalet li qed jugughha darha u ma saqsietix ghaliex kienet qaltlu hekk ghax ma′ rat xejn hazin jew sesswali billi qalet hekk. Fir-rigward ta′ OMISSIS 1 hi tghid li ma′ qaltiliex li kienet *bullied* mill-Ispettur Lara Butters. Hi ma′ specfikitalhiex li kellha *issue* mas-Surgent Brian imma kellha problemi fuq il-post tax-xoghol. Hi kienet qaltilha li l-kollegi taghha kollha bdew jibzghu minnha ghaliex bdew jibzghu li tmur tirraportahom ghal kull haga li jaghmlu. OMISSIS 1 qaltilha li l-akkuzatipprova jnezzalha z-zarbun. OMISSIS 1 qaltilha li kien stupraha l-akkuzat u anke li kien possessiv fuqha u kien jghajjarha u dan m′okritiex ghajnejha fuqha. Il-vittma OMISSIS 1 qalet li ma′ bdietx tghajjat u li kienet tibza′ minnu. OMISSIS 1 irrapurtat ghax semghet li kien ghamilha fuq haddiehor. Hi ma′ ccekjatx jekk OMISSIS 1 kienitx ghamlet *subject form* sabiex tbiddel is-shift. Bhala kronologija meta OMISSIS 1 giet stuprata ma rrapurtatx izda meta saret taf li OMISSIS 2 dahlet fix-xena hija rrapurtat.

**<u>Spettur Matthew Galea</u>** hu qal li stazzjonat il-*lock-up* u kkonferma li l-akkuzat kif rifless f′Book 745 pagna 31, nhar 18 ta′ Marzu, 2018, gie arrestat mill-Ispetturi J. Busuttil u M. Mercieca fis-17.45pm. Fil-*movements* hemm li gie arrestat fis-18.00pm, fis-18.10pm ghal tul ta′ siegha.

Fit-18 ta' Marzu, 2018, mis-6.05pm sas-6.06pm telefonata, 7.15 u 7 42 (laqa' fizika) fl-20 ta' Marzu, mill-10.30am sa l-10.35am telefonata. Fid-19 ta' Marzu, m'hemm l-ebda record. Fir-rigward ta' *reason for arrest* hemm miktub '*violent indecent assault*' u mhux '*rape*'. Meta l-akkuzat jitkellem mal-Avukat mhux fil-*lawyer's room* ma' titnizzilix fil-ktieb li fih jirregistraw tal-*lawyer's advice*. F'19 ta' Marzu, l-Ispetturi baghtu ghall-akkuzat sabiex ikellmuh imma fir-records li ghandu quddiemu mhux imnizzla.

**OMISSIS 1** xehdet u spjegat li hija kienet tahdem bhala kuntistabbli. Tghid li ghal bidu kienet l-Ghassa Msida fejn kien hemm l-Ispettur Lara Butters u tas-Sliema kien hemm l-Ispetturi Mark Mercieca u Jonathan Ransley. Hi tghid ukoll illi fis-sena 2020 hija marret l-Ghassa Mosta. Mistoqsija dwar in-numru taghha hi qalet li dan kien OMISSIS 1. Spjegat li xogholha kien *beat* u cioe' *patrol* fit-toroq. Maghha fis-*shift* kien hemm PS 309 Brian, l-*Orderly* PC 145 Alan u x-xufier l-akkuzat OMISSIS. Maghha fuq il-*beat* kien hemm PC 1264 Shaun Cumbo. Tghid li PC 28 Steve Camilleri kien propja stazzjonat tas-Sliema imma gili kien ikun ukoll l-Imsida.

Tghid li hija marret taghmel rapport fuq il-kollega taghha OMISSIS li mar jahdem maghhom fis-sena 2017 peress li kien qed itiha fastidju sesswali. Tghid li kollox beda fit-30 t' Ottubru, 2017, u beda jaqbdila sidirha, l-patata u kien imissha anke meta kienet tkun fuq it-telefon. Hi kienet tghidlu sabiex ihalliha bi kwieta ghax lilha ma kellux xi jridha u li huma kienu biss kollegi. Is-Surgent 309 Brian kienet qaltlu u qisu ma tax kasha u bdiet tibza' li OMISSIS jaghmlilha xi haga. Kienet qaltlu li kien qieghed imissha u u b'dahka qalilha '*tridni nghidlu*'? U hi qaltlu '*qed narak qed tidhak tahseb li nista nafdak biex tghidlu?*' Spjegat illi s-Surgent u Brian kienu hbieb hafna. L-Ispettur Butters ma kienitx tahmilha u kienet tibulljaha. Tghid li darba minnhom waqqatha ghar-redikolu quddiem xi pajzana u dan ghaliex ma qablitx maghha. Hi qalet ma qablitx maghha dwar il-pajzana, ahseb u ara kemm ser taqbel maghha fuq din il-bicca tal-akkuzat. Hi spjegat li lill-Ispettur Butters hi qatt m'ghamlitilha xejn, izda Butters ma kelliex grazzja maghha. Hi kienet tkellmet mal-Ispettur Mark Mercieca ghax ma kienitx thossha komda titkellem mal-Ispettur Butters. Lill-Ispettur Mercieca kienet

qaltlu nhar it-18 ta' Marzu li l-akkuzat kien ittantaha u stupraha darbtejn minghajr ma hi kienet qaltlu iva. Mistoqsija jekk hi kienitx stenniet mit-30 t' Ottubru sa 18 ta'Marzu sabiex tirraporta hi kienet qalet li OMISSIS kien jheddidha hafna u kien jghidilha li jtellaha Bord tal-Pulizija u li hazin kien ikun ghaliha jekk titkellem. Imbghad saret taf li qed jaghmel hekk lill-kollega taghha wkoll bl-isem OMISSIS 2 u qalet li dan ma kienx sew. L-akkuzat kien qal lil PC Alan imbghad hi saret taf min OMISSIS 2 stess. OMISSIS 2 qaltilha li l-akkuzat beda jmissilha saqajha u anke l-patata. Nhar it-30 t' Ottubru, 2017, kienet xoghol Ghassa Msida mis-1.00pm sa 9.30pm *second watch*. OMISSIS beda jmissilha sidirha u l-warrani minn fuq l-uniformi. Hi kienet *orderly* dakinhar jigifieri toqghod wara l-bank taqdi n-nies. Il-bank kien gholi u rasha biss kienet tidher minn warajh. Il-bank kien gej fit-tond fuq il-lemin u biex tidhol l-Ghassa hemm tarag. Kompliet tghid illi dakinhar beda jaqbdilha sidirha u l-warrani u kienet qaltlu sabiex ihalliha kwieta u ma jdejjaqiex. Hi ma rrapurtatx dakinhar ghax qalet li l-akkuzat kien ser jieqaf.

Bejn it-30 t' Ottubru, 2017, u s-16 ta' Frar, 2018 ma gara xejn. Hi dak iz-zmien baqghet tmur ghax-xoghol. Mistoqsija kienitx ghamlet xi haga sabiex jinbidlilha s-shift, hi qalet hi wiegbet li kienet ghamlet il-karta izda qatt ma ghaddietha lil xi fizzjal u zammitha ghaliha. Spjegat li hi kienet qalet lil PC Sean Cumbo ghax huma kienu hbieb hafna. Dan tal-ahhar kien jghidilha sabiex imur ikellmu izda hi kienet tibza' u kienet qaltlu sabiex ihallih. Hi qalet ukoll li mieghu kienet tirreferi ghall-akkuzat bhala annimal.

Lil PS 309 kienet qaltlu vicin tal-incident tat-30 t' Ottubru, 2017. Sussegwentament fil-1 ta' Novembru marret l-ikla mas-shift taghha ghax OMISSIS kien qalilha jekk ma' tigix hazin kien ikun ghalik. Spjegat li ma ridietx tmur u Cumbo kien qalilha sabiex tmur habba fih. Hi tghid li ma qaghditx hdejn l-akkuzat izda qaghdet hdejn Shaun Cumbo.

Nhar is-16 ta' Frar, 2018, sar episodju iehor. Kienu xoghol mis-1.00pm sa 21.30pm. hi kienet *orderly* dakinhar. OMISSIS kien gharus u kien mar l-isptar hdejn it-tfajla u xi 6.30pm gie lura u qalilha '*issa c-cans li terdahhuli*'. Hi kienet qaltlu sabiex ma jivvintax

u jhalliha bi kwieta. Hu qabdilha idha u ghamililha fuq il-parti tieghu. Hi qaltlu sabiex ihalliha kwieta. Hi kienet bilqieghda wara l-bank tal-*orderly*. Hu kaxkarha minn idha u dahhalha fil-kamra tas-Surgenti fejn kien hemm sufan roza car antik hafna. Kien sufan ta' bi tlieta. Kien hemm mejda fejn il-bieb u s-sufan kien mal-hajt. Hu ghamilha mal-mejda bil-wieqfa. L-akkuzat kien gie quddiemha u pprova jdahhalula izda ma rnexxilux. Ghalhekk l-akkuzat dawwarha u ppenetraha minn wara gol-vagina taghha. Spjegat illi dakinhar go l-Ghassa kienu hi u l-akkuzat biss. Qalet li hareg il-parti tieghu minn go gisimha, baqa' jimmasturba u egakola barra. Hi telqet bilqieghda u hu gab il-mop u mesah warajh. Dak il-hin giet persuna tiffirma l-*bail book* u l-akkuzat telaq lejn id-dar u hi baqghet wahidha l-Ghassa. Mistoqsija jekk talbitx ghall-ghajjut hi wiegbet fin-neOMISSIS 1iv ghax bezghet li l-akkuzat joqtolha jew iweggaha. Hi sostniet illi kienet tibza' hafna minnu u li sahansitra hu kien gieli jghajjarha quddiem in-nies tal-Ufficju, kien hemm tlett nisa fosthom wahda bl-isem Marsha. Hi kienet qaltlu lill-Ispettur Mercieca dwar dawn izda ma' tafx kienx baghat ghalihom. L-akkuzat u Steve gieli qaghdu *'jitnejku'* biha. Hi kompliet tghid illi meta sar l-att sesswali hi daqqa' kienet mal-mejda u kien l-akkuzat li nehhilha l-buttuna tal-qalziet u nizzlilha l-*panty*. Hi spjegat illi ma kelliex cinturin ghaliex ftit xhur qabel kienet ghamlet cesarja u kienet ghadha friska bil-punti u kienet tkun mugugha. Spjegat illi fuq il-lemin tal-kamra tas-surgenti wiehed setgha jsib mejda u sufan u fuq ix-xellug *vending machine.* Faccata ezatt x'hin tidhol wiehed setgha jara l-*lockers.* Minghaliha li l-mejda kienet forma ta' 'L'. It-tieqa li kien hemm ma' tahsibx li kien hemm vizwal minn barra ghal gewwa. Il-kamra tas-Surgenti kienet tintuza sabiex jekk ikunu jridu jkellmu lil xi hadd ikellmuh fiha. Iktar kienet tintuza sabiex jorqdu fiha, il-Pulizija PC Alan kien jorqod kull *night* fiha. Dwar l-incident tas-16 ta' Frar kienet qalet lil PC Shaun Cumbo fejn dan kien vera ddispjacut ghaliha. Cumbo kien qalilha sabiex jitkellmu izda hi kienet qaltlu le ghaliex bdiet tibza' li mhux ser tigi emmnuta. L-akkuzat kien jheddidha u jghidilha li ha jtellaha Bord tal-Pulizija u dak iz-zmien riedet tmantni it-tifel taghha li llum ghandu 6 snin u nofs. Hi kienet qalet b'dan kollu lil PC Cumbo meta kienu ordnati l-ground tal-futbol ta' Ta' Qali. Hi qalet li kienet tghid dwar dan kollu lil kuntistabbli Shaun Cumbo u kienet tinfurmah bid-dettalji kollha u hu gieli kien icemplilha sabiex jara kif inhi.

Episodju iehor kien 7 ta' Marzu, 2018, kienu *night watch* hi, l-akkuzat, PS Brian u l-kuntistabbli Alan. Hi baqghet taqra *magazine* u l-irgiel marru fil-kamra tas-Surgenti jilghabu *xbox*. L-akkuzat beda jmur hdejha, jaqbdilha l-klippa ta' xagharha u kienet tghidlu sabiex ihalliha kwieta. Kien jitbissem u jerga' jmur jiffitaha. Hi kienet tibza' minnu u ma kienx facli titlob l-ghajnuna minn PC Alan jew is-Surgent billi dawn kienu hbieb tieghu. Darba minnhom gab nisa pajzana u kien johodhom dawra bil-karozza tas-servizz l-akkuzat u s-Surgent ma' kien qallu xejn. Mistoqsija ghaliex ma qabditx u telqet mis-shift, hi tghid li mohha ma hasibx. Qabel telaq ghax filghodu kellu l-Qorti, is-Surgent Brian tbissem lill-akkuzat. PC Alan mar jorqod u l-akkuzat qabadha minn idha u hadha fil-*kitchenette*. Hu nezzalha l-buttuna tal-qalziet u nehhilha l-panty, beda jipprova jbusha u hi bdiet idawwar wiccha. Hu hall il-qalziet, nizzel il-*boxers*, ipprova jippenetra minn quddiem u ma' rnexxilux allura dawwarha wicca lejn is-sink u dahhal il-parti tieghu fil-vagina taghha. Hu mbghad kompla jimmasturba barra u egakula gab l-ixkupa sabiex jimsah. Hi bdiet tibza' minn Chrstian ghalhekk ma' ghajtitx. ma' kienx hemm kliem waqt l-atti sesswali. Hi bdiet taghlaq saqajha u bdiet tinbuttah. Bdiet tipprova zzomm saqajha maghluqin izda xorta ippenetraha minn wara. Il-*kitchinette* kienet zghira hafna u l-mop kienu jzommuh hdejn ic-celel. Mistoqsija jekk qatt gabx ruhu amoruz fil-konfront taghha quddiem kollegi taghhom tghid li le. Hu kien jiktbilha messaggi, jurijomlha izda ma' jibghathomx sabiex ma' jkunx hemm provi. Darba kien qalilha li xtaq jaghmel is-sess maghha fl-Ghassa u kien jghidilha '*nixtieq nahxik*' u hi kienet tghidlu '*m'ghandekx cans*'. Hu kien jghidilha dan id-diskors waqt il-hin tax-xoghol. Darba sahansitra anke ipprova jbusa fuq xoffitha. Tikkonferma illi nhar is-7 ta' Marzu inbuttaha mill-ispalla sabiex hi timxi. Hu kien igib ruhu qisu s-Surgent taghha u kien qalilha li hu s-Surgent taghha u trid tisma milli qed jghidilha hu. Ma' tafx f'liema kuntest kien jghidilha hekk izda sabiex juri li hu superjuri. Darba qalilha li kien hemm *fixed point* u kien jghidilha li kien se jmur hdejha. Hi spjegat illi bdiet tibza' li ma tidrax *shift* iehor u qalet li l-bidla ddejjaqha u ma' tafx x'kienet ser taqbad taghmel u tghid li dak iz-zmien ma' kienitx hadet parir legali. In-numru taghha kien 99884253. Missier it-tifel kien imnizzel fuq il-*mobile* taghha bhala Chris bl-'xx'. Hi kienet ghadha f'relazzjoni mieghu dak iz-zmien izda fil-prezent m'ghadhiex mieghu.

L-akkuzat kien imnizzel OMISSIS bil-PC number tieghu. Lil PC Cumbo kienet tghidlu fuq l-*accident*s u l-gesti fejn kien imissha. Hi kienet qed taghmel hafna *fixed points* sabiex toqghod wahedha. Qalet ukoll li l-akkuzat darba ghawwgilha idha wkoll.

Hi taf li lil OMISSIS 2 missilha saqajha u l-warrani u hi taf b'dan ghaliex qalilha Alan. Hi mbaghad kienet marret tkellem lil OMISSIS 2 gewwa Sliema u fethu qalbhom mal-Pulizija Sue. Sussegwentament kellmet u rrapurtat mal-Ispettur Mercieca. Hi tat dikjarazzjoni fil-prezenza tal-Ispettur Mercieca u Gafa'. Wara kienet marret tkellimha u sussegwentament marret *day duty* gewwa Sliema fejn taf li kienet safe ma' Sue u wara hadet *transfer* ghall-Mosta. Hi spjegat illi telqet mill-korp is-sena ta' qabel minhabba t-trawma u peress li kienet ghaddiet minn dak kollu n-nies ma bdewx ihossuhom komdi jahdmu maghha. Darba minnhom xufier il-Mosta qal li ma' riedx itella' zewg nisa wahdu ghax hu familja kellu. Hi wegghat b'dan il-kliem ghax hassitha botta diretta lilha. Hi kienet tmur ghand il-*councillor* u l-psikjatra ta' Sapport Malta. Hi kienet tmur kull gimgha u kienet tmur ghand psikjatra u kien taghha anke kalmanti. Qabel it-30 t' Ottubru kienet persuna li taf xi trid u llum ghadha bit-trawma. Anke jekk tara uniformi tiehu qatgha.

In kontro-ezami tghid illi l-Ghassa tal-Mosta ma' kellhiex problemi mall-kollegi. L-Ispettur Butters kienet toffri kafe lil ohrajn izda lilha le. Darba minnhom kienet gibditilha l-attenzjoni sabiex tilbes sew izda hi qalet li kienet tilbes sew. Hi tahseb li kienet tghir ghaliha. Ghal bidu li tkellmet ma' l-AC Mamo ghenitha hafna izda meta kienet l-ufficju Sliema ma' tafx x'garalha u nbidlet maghha. Qatt ma' hasbet li l-AC Mamo kienet tghir ghaliha. Hi kienet tkellimha lil AC Mamo u ma' kienitx tkellimha lura. Mas-Surgent Brian kienet kollega normali mieghu izda lill-akkuzat kien ihallih wisq jaghmel li jrid. Hi kienet dejjem hemm gew u lis-Surgent Brian kien ihallih jaghmel li jrid. Id-*driver* suppost kien Cumbo izda qabbad lil OMISSIS. Meta dan tal-ahhar gie kien harbat is-shift. Ix-xoghol kienet tmur bil-karozza taghha. izda ma' hasbitx li setghet taqbad u titlaq meta qalet '*taf x'kien gej ghaliha*'. Kienet tibza' li tehel hi jekk thalli l-Ghassa wahidha. Hi kienet tibza' hafna li jaghmlilha xi haga jew itellaha Bord u titlef l-impjieg u t-tifel kien il-prijorita' taghha. Hi ghamlet kuragg meta saret

taf x'kien ghamel lil OMISSIS 2. Hi qalet li ma kienitx icempillu lil OMISSIS. Lil PC Shaun Cumbo kienet tkellmu regolari, kienu jcemplu lil xulxin u anke darba kellmitu l-*ground*. Lil Cumbo kienet qaltlu dwar l-incidenti ta' stupru izda qaltlu sabiex ma' jghid xejn izda joqghod hdejha fl-Ghassa. Id-dettalji qalithomlu lil PC Cumbo u rreferiet ghall-akkuzat bhala'*annimal*'. Sabiex tbiddel is-shift, hi ghamlet il-karta izda hallitha fuq il-kompjuter taghha u b'hekk ma' ipprocessathiex. Hi bdiet tibza' mill-bidla ghalkemm ghall-ahjar u wara dawn l-incidenti hi ma' kienitx qiedgha sew. Dwar il-biza' li jtellaha bord l-Ispetturi u Sue kienu jafu. Bejnha u bejn l-akkuzat ma' kienx hemm relazzjoni qatt. Quddiem PC Alan u PC Steve kien iwaqqaha ghac-cajt. Lill-Ispetturi ma' specifikatilhomx quddiem min kien iwaqqaha ghac-cajt. Hi ma tiftakarx li hadet xi *screenshots* ta' xi konversazzjonijiet. Hi taf li kellha marki meta kaxkarha imma fejn kienu nesiet. Hi tghid li ma' githiex f'mohha tiehu ritratt taghhom dawn il-marki. Wara l-att ta' stupru kienet mugugha minn gewwa u sostniet li ma kienx hemm kunsens. Mistoqsija ghaliex ma' marritx ghand tabib sabiex jiehu rendikont ta' x'kellha ghax qalet issa tintesa. Dak iz-zmien ma' kienitx tkun intima ma' Christopher Vella ghax wara li garrbet ma' l-akkuzat, ma' ridietx ikollha x'taqsam mieghu. Minghaliha li lil missier it-tifel ma' qaltlux ghaliex ma' ridietx li jinqala' inkwiet. Bdiet tibza' li jahseb li riedet tmur mal-akkuzat allura zammitha ghaliha. Il-Pulizija Alan kien qalilha li l-akkuzat ser jipprova ma' OMISSIS 2.

Tghid li lil PC Roderick gieli bisitu meta kienet ghadha f'relazzjoni ma' missier it-tifel Chris Vella. Hi ma' tiftakarx li lill-akkuzat qaltlu li Roderick minkejja li kellu tletin sena ma' kienx jaf x'se jaghmel bih. ma' PC Galdes ma' tbewwsitx. Is-Surgent Brian u PC Galdes kienu jitkellmu. Tghid li fir-rigward tal-parti genitali tal-akkuzat qalet lil PC Cumbo jaqq x'annimal fih. Mistoqsija kif PC Alan ma' sema xejn hi tghid li jorqod fil-fond. Hi tghid li fit-tieni episodju l-akkuzat ipprova jnehhilha z-zarbun. Mistoqsija ghaliex ma' hargitx imqar fuq l-ghatba tal-Ghassa sabiex twaqqaf dan kollu hi qalet li ma' kienitx fi stat tajjeb. Il-*pepper spray* kien ikun imdendel mac-cinturin izda hi ma' libsitx ic-cinturin izda l-*pepper spray* ma' haditux maghha. Hi tghid li mohhha ma' kienx qed jahseb ghax kienet imwerwra. Hi ssostni li ma' riditx ikollha x'taqsam mal-akkuzat. Li kieku ghajjtet, peress li PC Alan jorqod fil-fond ma' kienx jismaghha.

Mistoqsija setghetx tmur tqajjem lil PC Alan waqt li l-akkuzat kien qed jimmasturba hi tghid li kienet imwerwra mill-akkuzat.

Qabel giet hawn hi tkellmet dwar dan il-kaz ma' ommha u ma' tad-dar taghha. Hi tkellmet ukoll mal-Avukat taghha, mal-counsellor u mal-*partner* taghha. Mistoqsija jekk talbitx ghaxart elef euro lill-akkuzat u tghid li mhux ammont specifiku imma kienet baghtitlu ittra ghad-danni. Fir-rigward ta' OMISSIS 2 tghid li kienu kollegi u ma' kellhiex problemi maghha. OMISSIS 2 qaltilha li ttantaha billi missilha l-warrani u saqajha. Hi ghamlet il-kuragg u marret tkellem lil OMISSIS 2 sabiex hi ma' tghaddix mill-affarijiet li kienet ghaddiet hi. Hi ssostni li ma' vvintat xejn u li kunsens ma' kien hemm qatt. Mistoqsija tiftakarx kienitx kellmitha Sharlet Fabri, Probation Officer tghid li iva u li OMISSIS kien jindahlilha fil-hajja personali taghha, li kien possessiv u li kien igib ruhu qisu qieghed f'relazzjoni maghha. Kien joqghod isemmilha t-tifel taghha u jsaqsiha kif tiehu hsiebu. Mistoqsija kif ma' bezghetx teqleb is-shift ma Pulizija ohrajn hi wiegbet li kulhadd kien jaghmilha u ghalhekk ma' kienitx taf li ser taqlaha.

Xehed ukoll **Christopher Vella** u jghid li dam sitt snin gharus ma' OMISSIS 1. Ikkonferma li l-mobile number tieghu hu 99038545. OMISSIS 1 kienet qaltlu b'dak li kien sehh f'Marzu, 2018.

**Spettur Joseph Busuttil** xehed u spjega li l-Ispettur Mark Mercieca u l-Ispettur Sylvana Gafa kellhom rapport dwar zewg Pulizija tas-sess femminili, OMISSIS 2 u OMISSIS 1 li kienu ghamlu xi *dislosure* maghhom u li kellhom kaz li jinvolvi l-*Vice Squad*. Ra id-dikjarazzjonjiet ghax kienu diga lahqu haduhom l-I-spettur Sylvana Gafa u L-Ispettur Mark Mercieca. OMISSIS 1 kienet qalet illi darba minnhom kienet qieghda l- Ghassa flimkien mas-Surgent Brian u PC 145 Alan kienu qedghin *night watch*. Waqt li kienu qedghin *night watch* is-Surgent u Alan bdew jilghabu xi loghba tipo *play station* jew *xbox* xi haga hekk wahda minnhom, pero' meta ghamel il-hin is-Surgent Brian kien telaq 'l hemm. Jigifieri dan kien xoghol, kien *night watch* normali pero' f'xi hin he *cut it short* u telaq '. L-iehor PC 145 kien dahal fil-kamra tas-surgenti fejn kien hemm xi sufan u kien dahal jorqod hemm hekk u flimkien maghhom kien

hemm OMISSIS, l-akkuzat li hu gharaf fl-awla. Dan kien baqgha flimkien ma OMISSIS 1 go l-Ghassa u *at one point* qabadha minn idejha u hadha in-naha ta' gewwa fejn hemm xi *kitchenette* u hemm hekk sfurzaha biex ikollha x'taqsam mieghu. OMISSIS 1 qaltilhom li nizzlilha il-qalziet imma ma nehhihulhiex ghaliex nizel sa l-ghekiesi, il-kelma li spjegat lilu. U gara li gara sehh dan l-istupru gewwa *l-kitchenette* kienu huma it-tnejn biss. Darb'ohra kien hemm okkazzjoni ohra fejn graw affarijiet simili, l-istess gewwa l-Ghassa.

Minn naha ta' OMISSIS 2, hu spjega li kien kaz kompletament differenti minflok kien *rape* kien fastidju sesswali fuq il-post tax-xoghol. OMISSIS flimkien ma'PC145, kienu marru l-Ghassa ta' Tas- Sliema. Dakinhar PC 145 kien *orderly*, jigifieri suppost orderly joqghod l-Ghassa jirrispondi it-*telephones* u hekk, pero' hadu mieghu. Marru l-Ghassa ta' Tas- Sliema biex isibu xi *policewoman* halli tmur maghhom biex iqassmu xi riferta lil xi prostituta fl-inhawi ta' Ta' Xbiex, Gzira, dik l-*area*. Issa eventwalment malli ghabbew lil OMISSIS 2 fil-karozza, ghaliex OMISSIS 2 marret maghhom, huma marru lura l-Ghassa tal-Imsida u PC145 baqgha hemm hekk. Imbaghad marru jqassmu r-riferta l-akkuzat u OMISSIS 2. Huma ma sabuhiex lil din il-prostituta u allura ovvjament ir-riferta ma tqassmitx u marru Manoel Island, dahlu in- naha ta' gewwa ta' Manoel Island u hemm hekk, l-akkuzat ghamel xi avvanzi sesswali fuq OMISSIS 2 li hi irriffjutat u ghamlet ghalih u telqu minn hemm. Spjega li dik kienet l-ewwel darba.

Hu kompla sabiex jispjega illi it-tieni darba kienet grat xi haga fil-vicinanazi tal-Qorti. L-akkuzat u OMISSIS 2 kienu gew il-Qorti b'karozza tas- servizz. Kien qed isuq OMISSIS u kien hemm OMISSIS 2 fuq is-seat ta' wara fil-vettura tas- servizz u sakemm kienu qed jistennew, hu kien qallha sabiex imorru *weekend break* flimkien u hi qaltlu le u hu ghadda jdejh ix-xellugija bejn is-seats u missilha saqajha. Hu qal li dawk kienu fil-qosor hafna id- dikjarazzjonijiet illi irillaxxjaw dawn iz-zewg minn nies.

L-Ispettur Mercieca gab mandat t'arrest u mar jarresta lil OMISSIS. Hu kien il-Qorti u x'hin wasal hemm kienu diga d-depot, tawh id-drittijiet u talab ghall-Avukat u sussegwentament ittihdet stqarrija awdjo viziva F'din l-istqarrija kienu prezenti hu, l-Ispettur Mercieca, l-akkuzat u l-avukat tieghu Dr Alfred Abela.. Hu qal li l-avveniment ma OMISSIS 1 sar izda konsenswali. Hu kien rega baghat ghal OMISSIS 1 billi qal li hu qatt ma kien ghadu kellimha u ried jiehu l-*feel* taghha. Fost affarijiet ohra hu staqsiha wkoll dwar ic-cinturin u l-*underbelt*. OMISSIS 1 kienet qaltlu li m'hiex tilbsu c-cinturin u dan ghaliex kienet ghadha kemm kellha cesarja u kien qed iweggaha meta tkun bilqieghda. Hi mieghu nfatti baqghet issostni l-istess affarijiet.

Kontro-ezami: ikkonferma illi l-ewwel li ma' tkellmu mal-vittmi kienu l-Ispettur Gafa' u l-Ispettur Mercieca. Hu kien involut fl- istqarrija fejn kienu hu, l-Ispettur Mercieca, l-akkuzat u l-Avukat Abela. Wara li baghtu lill-akkuzat il-*lock-up* wara li rrilaxja l-istqarrija, l-Ispettur Mercieca ma' jafx jekk l-akkuzat kienx baqa' mieghu. Jghid li jista' jkun li kellem lil 1033 flimkien mal-Ispettur Mercieca. Hu jghid li lill-OMISSIS 1 kellimha zgur u jista' jkun li fl-assenza ta' l-Ispettur Mercieca. Zgur ma' kellimhiex wahdu, jista' jkun ma' l-Ispettur Mercieca jew xi hadd min-nies tieghu. OMISSIS 1 kienet kellmitu u saqsiha dwar ic-cinturin ghax difficli ftit sabiex jitnezza. Hi kienet qaltlu li ma' kienitx qed tilbes ic-cinturin ghaliex kien ghad kemm ghamlet cesarja u kienu iwegghuha l-punti bic-cinturin. Hu ma' kienx saqsiha ghaliex ma' kienitx semmiet dan fid-dikjarazzjoni taghha. Hu ma kienx ha rendikont ta' x'qalet ghax din kienet dikjarazzjoni mhux *statement*. Hu ma' hassx il-bzonn li kellu jtella xhud jixhed li hu vera kien kellimha ghax generalment hu jtellha xhieda meta jiehu *statement* u hu ma kienx hadilha *statement*.

**Stefania Testa Calafato** kkonfermat illi d-dokument rilaxxat a fol. 415 immarkat bhala Dok ST1 hija x-xhieda ta' OMISSIS 2 moghtija fid-9 t' April, 2018, quddiem l-allura Mag. Dr. Doreen Clarke waqt li Dok. ST2 hija x-xhieda moghtija minn OMISSIS 1 quddiem l-istess Magistrat. Hi kkonfermat li hija pprezentathom il-Qorti nhar il-25 ta' Jannar, 2021.

**OMISSIS 2** xehdet u spjegat li taf lill-akkuzat ghaliex huwa x-xufier tal-Ghassa u meta jkollhom bicca xoghol fuq barra jakkompanjhom. Tghid li nhar l-4 ta' Marzu 2018 kien mar l-akkuzat u PC 145 Alan l-Ghassa ta' Tas-Sliema waqt in-*night watch* u kellhom bzonn mara biex jassistu minhabba li kellhom iqassmu riferta fuq l-Msida lil wahda prostituta. OMISSIS kien qed isuq. Waqt li kienu fit-triq PC 145 talab lill-akkuzat biex iwasslu l-Ghassa Msida u l-akkuzat hekk ghamel. HIja nizlet fis-*seat* ta' quddiem u minn dak il-hin bdew jinghaddu l-kliem u kummenti bhal idejh tizloqlu minn fuq il-fuq il-*gear lever* ecc. Il-kummenti baqghu ghaddejin lejl shih. Idejh kienu litteralment fuq saqajha, ftit iktar il' fuq minn l-irkoppa. Beda litteralment jaqbdilha saqajha. Missilha xi tlett darbiet zgur u qaltlu affarijiet biex twaqqfu izda r-reazzjoni tieghu sabiex jieqaf dejjem tbissima jew dahka fuq wiccu. Kien anke jghaddilha kummenti pozittivi fuq il-warrani taghha.

Marru jqassmu r-riferta u ma sabux il-persuna li kellhom jaghtu r-riferta u baqghu jduru fl-istess post. Qalet li hadha Manoel Island u hemmhekk gew wicc imb' wicc ma grada kbira. Sabu zewg minn nies wiehed minnhom kien qed jaghmel l-awrina u waqqfuh u regghu daru fl-inhawi. Minn hemmhekk marru fiz-zona residenzjali sabiex taghti xi citazzjonijiet u bdew iduru t-toroq. Fit-triq xorta beda jghidilha li jdejh tizloq u beda jpoggi idejh fuq is-*seat* sabiex hi tpoggi fuqha. Hu kien inehhiha, izda ippersista ghax ghamilha iktar minn darba. Dak il-hin hatfitu u meta irritornaw l-Ghassa qalet lis-Surgent PS 1033 dak li kien gralha. Is-Surgent ried jitla' jghid lill-Ispettur Ransley izda hi waqqfitu milli jaghmel dan ghaliex hasbet li s-sitwazzjoni kienet taht kontroll. Qaltlu li bdiet tiddejjaq bl-agir tieghu.

Dakinhar kienu qed jitkellmu u qalilha dwar ic-cavetta tat-toilet tan-nisa tal-Msida u qalilha li kien ser jaqtghala wahda. L-ghada kienu fuq bicca xoghol mal-Pulizija ta' Tas-Sliema u cemplilha, li c-cavetta kienet lesta u kellha taqtalu fil-qasir ghaliex kienet

fuq bicca xoghol fuq barra. Meta waslet l-Ghassa baghtitlu SMS biex tirringrazzjah tac-cavetta izda ma wegibhiex. Fid-9 ta' Marzu kienet stazzjonata l-Ghassa tal-Pulizija tal-Imsida u kienet gja ftiehmet mas-PS 309 ghax hu kien xoghol dakinhar li ma xtaqitx tibqa' l-Ghassa tal-Gzira peress li hemmhekk ma tantx jidhol xoghol u tippreferi li tohrog barra u ftiehmet mieghu li x-xuffier tal-Ghassa ta' Tas-Sliema jew tal-Ghassa tal-Gzira kien ser jghaddi ghaliha. PS Brian baghtilha li kien sejjer ghaliha l-akkuzat flimkien ma Pulizija ohra mara. Qalet li din il-Pulizija kellha qadja u wara wasluha lura l-Ghassa u x'hin dahlu l-Ghassa l-Ispettura Butters tathom xi files biex johduhom il-Qorti. Marret il-Qorti flimkien mal-akkuzat u l-movimenti dejjem jirrepetu ruhhom u hi dejjem tghidlu le specjalment minhabba li kienu bl-uniformi u kienu f' karozza tas-servizz. Regghu marru lura l-Ghassa tal-Imsida u kellhom bzonn jirritornaw lura lejn il-Qorti peress li PS 309 kellu xi qadi hemmhekk. Waqfu lis-Surgent 309 fejn kellu jieqaf vicin il-Qorti u hija u l-akkuzat qaghdu fil-karozza fejn il-cafeteria. Hemmhekk ghaddiet kumment li kien qed jugaghha darha u beda joffrilha li jghamlilha *massage*. Hi qalet li kellha bzonn lil xi hadd professjonali u li jekk tinhabb m'ommha kellha *sponsor*. Dak il-hin kienet bilqieghda fuq wara u kien il-hin kollu jghaddi idejh minn bejn is-*seats* jew minn bejn is-*seat* u l-bieba u jaqbdilha saqajha. Hija dejjem kienet twaqqfu. Hemmhekk offrilha ukoll li jmorru *weekend break.* Regghu marru l-Ghassa tal-Imsida u kif kienu l-Ghassa tal-Imsida kellha bzonn tixtri xi haga mill-*vending machine* u dahal warajha. X'hin baxxiet biex tixtri u gholliet taghha bewsa fuq haddejja u waqfitu u baghtitu 'l hemm ghax mhux affarijiet li jsiru fl-Ghassa u dahkilha wahda u x'hin harget barra ftit qabel ma telqet kiteb messagg fuq il-mobile pero' ma intbaghtax biex tahsibha sew minhabba l-offerta tal-*weekend break (fol. 197).* Intqal fil-messagg li mhux ghas-*sex,* ried iqatta' *weekend break* maghha izda sabiex isir jafha izjed.

Tghid li darb' ohra kienet qed titkellem ma' OMISSIS 1 u din staqsietha jekk l-akkuzat kienx taghha kopja tac-cavetta u wegbitha fl-affermattiv u fil-pront qaltilha biex toqghod attentata izda ma tatx kaz izda imbaghad qaltilha li fuqha kien qed isir abbuz waqt li kienet gewwa l-Ghassa fis-*shift* taghhom u li anke kien hemm kummenti zejda

li ma hassithiex komda bihom. Mistoqsija jekk spejgatilhiex x'tip t' abbuz qaltilha fil-qosor li kellha x'taqsam mieghu.

In kontro-ezami mistoqsija jekk dawn l-incidenti gewx f'xulxin hi tghid li dawn saru *over five days.* Dakinhar tar-riferta l-Ghassa Sliema kien hemm hi u certu Sally. L-Imsida ma kienx hemm Pulizija mara. Dakinhar kien tard u l-Ispettur Ransley beda jiehu xi *statements.* Is-Surgent 1033 kien qieghed mal-Ispettur. Hi telghet tghid lis-Surgent li kienet sejra hi u d-decizjoni haduha bhala *shift.* Sally kienet qaltilha li xorta ghaliha u qaltilha mela mmur jien. L-Ispettur awtorizzaha tmur ghan-notifika minhabba li l-persuna kienet diffikultuza li tinstab. Marru jfittxu Testaferrata Street u Manuel Island. Tikkonferma li l-akkuzat qalilha li tizloqlu idu minn fuq il-*gear leaver* u hi qaltlu li idu tizloqilha wkoll ghax ittijilu u cioe' ma thallihx. Meta ma sabux lil Charlene ghan-notifika hadha fir-*residential area* sabiex taghti xi citazzjonijiet. Mistoqsija ghaliex ma talbitx lill-akkuzat johodha lura l-Ghassa hi wiegbet li ghaliex hu kien qalilha sabiex jipprovaw jinnotifikawha iktar tard.

Fejn il-Qorti sakemm stennew lis-Surgent Brian qaltlu li kien qed jugghaha darha. Hu qalilha sabiex jaghtiha massage u hi qaltlu li kellha bzonn xi hadd professjonali u li issa tithabbeb m'ommha ghax anke *sponsor* ghandha. Hi tghid li kieku kien jiffansjaha kien joffrilha li jwassalha id-dar u mhux jittanta b'dak il-mod fuq il-post tax-xoghol. Hi ghal bidu hasbet li *she was handling it* izda meta tkellmet ma OMISSIS 1 ma ridietx li certu affarijiet jeskalaw. Tghid li hi u OMISSIS 1 kellhom l-istess karattru, kienu kollegi u mhux *best of friends* u ma kienux jitkellmu regolari. Tghid li tiftakar dwar l-incident tal-barriers fejn OMISSIS 1 kienet qalet lis-Surgent *'inzabbab mhux inressaq il-barriers ghid lil OMISSIS 2 tressaqhom jekk trid.'*

Tghid li hi kellha relazzjoni tajba mal-kollegi Tas-Sliema. Tghid li OMISSIS 1 kellha karattru stramb u kienet tinqata' ghaliha. Kull persuna kellha battibekk maghha, per ezempju Pulizija mara trid tohrog ghal skorta jekk mhux hi ezempju OMISSIS 1.

OMISSIS 1 qatt ma qaltilha li huma ma jistghux ikunu hbieb ghax it-tnejn ghandhom rashom iebsa. Sa dawk l-affarijiet li graw fuqha hi qalet li *'she was handling it'* u ma kienitx ser teskala u tasal s'hawn.

**<u>Rita Cassar</u>** F'2018 kienet HR fil-Korp tal-Pulizija a fol 494 tal-process gharfet il-firma taghha fuq id-dokument li jikkonferma li l-akkuzat kien membru tal-Korp tal-Pulizija. Hu dahal fil-korp fis-sena 2014 u gie sospiz fl-2018. Tikkonferma li l-akkuzat ghandu numru OMISSIS. Tikkonferma li skont il-*white card* tieghu ma kellux *disciplinary offences.* In-numru cellulari tal-akkuzat li hu stess ikun ipprovda kien OMISSIS.

Il-**<u>Maggur Mario Rotin</u>** xehed u muri fol. 219 dok. MR1 qal li nhar is-16 ta' Frar, 2018, OMISSIS 1 kienet *telephone orderly* l-Ghassa tal-Imsida OMISSIS kien ix-xuffier tal-Ghassa tal-Imsida, Surgent dakinhar ma kienx hemm. Kien ilahhaq wiehed minn l-Ghassa ta' Tas-Sliema. Dok MR2 a fol 220 juri l-Ghassa tal-Imsida *night watch* nhar is-Sibt 3 ta' Marzu, OMISSIS kien xufier l-Ghassa tal-Imsida, OMISSIS 1 kienet xoghol *night watch* mid-9.00p.m sas 6-00a.m u OMISSIS 2 kienet xoghol l-Ghassa tal-Pulizija tal-Gzira.

Nhar is-7 ta' Marzu, 2018, OMISSIS kien *night watch* l-Ghassa tal-Msida mit-8.00 pm sal-5.00 a.m. OMISSIS 1 kienet fl-istess *night watch* l-Msida u OMISSIS 2 kienet *night watch* pero' l-Ghassa il-Gzira. Barra minnhekk OMISSIS dik il-gurnata stess kellu mill-5.00 a.m sas-1.00p.m *overtime.* L-Ghassa tal-Imsida kien hemm PS 309, *night watch* u *telephone orderly* kien hemm PC 145. Din it-tielet roster hija mmarkata bhala dok MR3.[16] Il-Hamis 8 ta' Marzu, 2018, il-OMISSIS kien xufier l-Ghassa tal-Pulizija tal-Msida mis-1.00a.m sad-9 .30pm. OMISSIS 1 kienet l-Ghassa tal-Imsida *Patrol Beet* mis-1.30 a.m sad-9.30 a.m u OMISSIS 2 kienet l-Ghassa tal-Pulizija tal-Gzira mis-1.00p.m sad 9.30 p.m. Dan ir-raba' *roster* qed jigi mmarkat bhala dok MR4[17]

---

[16] Fol. 221 tal-atti
[17] Fol. 222 tal-atti

Lilu qatt ma rrizultalu li OMISSIS 1 talbet *transfer*. Id-*detail* kien jaghmilhom hu Tas-Sliema ghal hames snin. Il-Pulizija ma jistghux jaqblu u jbiddlu xoghol suppost jitolbu *approval* u tigi rrangata d-detail. Tibdil fid-*duty* ssir il-hin kollu. Hu qatt ma kellu xi request minghand OMISSIS 1 sabiex tbiddel shiftijiet.

**Keith Cutajar** espert tat-telefonija xehed u spjega li gie mitlub sabiex janalizza ic-cellulari ta' OMISSIS 1. Jghid li kien mar l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan u kien ghamel *download* tat-telefon u kkonferma li 'Chris xx' huwa Christopher Vella u dan gie konfermat anke mill-informazzjoni li nghatat lilu mis-*service provider*. Huwa kkonferma r-rapport tieghu mmarkat bhala dok KC1.

In kontro-ezami muri fol 494 tal-process u cioe' l-*white card* tal-akkuzat pprezentatata minn Rita Cassar jghid li n-numru tal-akkuzat huwa OMISSIS. Dan in-numru jew qatt ma kien *saved* bhala OMISSIS jew kien *saved* u thassar minn dan ic-cellulari. F'CD esebita nhar il-5 ta' Marzu, il-kliem MOC tfisser medium originationg call (in-numru li qed iccempel) in-numru ta' OMISSIS 1 cempel lin-numru tal-akkuzat fil-5 ta' Marzu, 2018, fi tlett okkazzjonijiet u cioe' 06.54 ghal hdax-il sekonda; 08.19 u t-telefonata damet sekonda u t-telefonata ohra saret f'8.02 liema telefonata ma kienitx ta' success u jigifieri ma kienx hemm konversazzjoni.

**Dr Marisa Mifsud Lautier** murija fol. 157 Dok MM1 tghid li kienet giet inkarigata mill-Mag. Doreen Clarke sabiex taghmel it-traskrizzjoni tal-istatment ta' OMISSIS u tikkonferma l-firma taghha. Tghid illi hi kitbet dak kollu li intqal fl-audio-visual.

**PC 1264 Shawn Cumbo** jghid li f'2018 kien stazzjonat Ghassa Msida u ghadu hemm. Jghid li s-sigijiet fl-intrata inbiddlu, is-sufanijiet inbiddlu u anke l-*vending machine.* Il-pultruna li hemm taht it-tieqa ma kienitx hemm u flokha kien hemm sufan *three seater* roza. Il-mejda shape L ghadha hemm. Qal li mieghu fis-shift kien hemm PC 145, PC 828, OMISSIS 1 u OMISSIS. Spjega li bejn Ottubru u Novembru 2017 kienet marret fuqu OMISSIS 1 OMISSIS 1 u qaltlu li OMISSIS kien qed jittantaha minghajr ma taghtu

dettalji. Hu qalilha jekk riditx li jkellem il-fizzjal izda hi tbissmet u qaltlu le. Darba ohra qaltlu li kienu ressqu fil-kcina izda waqfu jitkellmu mbaghad ghax gew xi nies jaghmlu rapport. Hu kien jara kollox normali bejnha u bejn l-akkuzat. Hu jghid li ra l-*istatements* li hu kien ghamel il-Vice Squad u l-*internal affairs* qabel ma gie jixhed fil-Qorti. OMISSIS 2 ukoll kienet qaltlu fl-Ghassa Msida li l-akkuzat kien qabad maghha u li kien stedinha ghal xi *weekend break.* L-atteggjament ta' OMISSIS 2 kien normali. OMISSIS 1 tbissmet meta qaltlu li qaltlu u x-xhud qal li ma jafx ghalhekk dan kienx verita' jew le. Il-komportament taghha kien wiehed normali meta qaltlu dan u jzid jghid li huma kienu xoghol. Ikkonferma li OMISSIS 1 kienet qaltlu li baghbasa l-akkuzat. Id-darbtejn li kellmitu OMISSIS 1 jghid li jahseb li kienu l-Ghassa Msida. Jghid li dwar il-guri mal-kollegi tieghu tkellmu dwar logistika tal-guri izda l-mertu qatt ma kien parti minn din il-konversazzjoni. Darba marru ikla bil-partners fil-Milied u kulhadd kien normali. Hu jghid li OMISSIS 1 ma kienitx bilqiedgha hdejh.

Kontro-ezami: ikkonferma li ghalih din bicca nkwiet zejda. Is-Sur Mark Mercieca u s-Sur J. Busuttil hadulu stqarrija fl-ufficju tal-Ispettur Busuttil. Total kien hemm hames ufficjali tal-Pulizija waqt ir-rilaxxa ta' din id-dikjarazzjoni. Hu hassu ntimidat, kien ghadu jibda id-dikjarazzjoni meta saqsewh kemm kellha servizz OMISSIS 1 u hu qal sentejn. Pulizija minn wara qabez u qal *'le Sir tlett snin'* u hu ma hassux komdu. Hu seta' ma kompliex izda kompla u hadd ma gghielu. L-agir tal-fizzjali mieghu kien wiehed tajjeb. Hu ma hassux komdu izda dakinhar. L-*internal affairs* kellu prezenti mieghu l-avukat u ma hassux intimidat. Meta hadulu *statement* il-vice squad ma tawhx id-dritt li jkun assistit. OMISSIS 1 ma qalitx il-verita' meta qalet li kienet tkellmu spiss fuq dawn l-episodji u li sahansitra kien icemplilha. Hu qal ukoll li gidbet meta qalet li kellmitu fuq dawn l-affarijiet fil-*ground*. Il-kelma stupru qatt ma semmitielu. Jiftakar li marru ikla sushi u kienu rgiel u mara hi biss kien hemm. Din l-ikla fi Frar kienet u marru Hugo's ghal ikla sushi. Hu jghid li ma jiftakarx x'kienet liebsa. Hu kkonferma li OMISSIS 1 dakinhar poggiet faccata l-akkuzat. Kien hemm xi zmien li OMISSIS 1 kienet b'*light duty*. L-Ispettur Butters ma kienitx kellmet lill-OMISSIS 1 quddiemu dwar l-ilbies taghha. OMISSIS 1 gieli kienet tkun Paceville u kienet titlob li tpartat ma' PC 828 sabiex tmur tahdem l-Imsida fejn kien jahdem l-akkuzat.

Jghid li kien hemm tieg is-sena l-ohra li marru s-shift tieghu izda ma jiftakarx li kien hemm l-akkuzat prezenti. Jghid li lbierah ma ddiskutiex *news* mal-kollegi izda qaghad jaqra l-*istatement* tieghu. Jghid li l-bierah kien Mater Dei izda fl-ebda hin ma qabad mal-Pulizija Roderick.

**<u>PS 1033 Sandro Mangion</u>** jghid li ilu sebgha u ghoxrin sena fil-Korp u li fiz-zmien l-incident hu kien stazzjonat Tas-Sliema. Dakinhar kien lejl *busy*. Huwa kien involut fl-incident li sehh bejn it-3 u l-4 ta' Marzu, 2018, meta kien xoghol *night watch* l-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema. Fost il-Pulizija li kellu mieghu dakinhar kellu lil OMISSIS 2. X'hin telghu il-Pulizija tal-Ghassa tal-Imsida, OMISSIS 2 talbitu biex tmur maghhom fuq xi xoghol relatat mal-Ghassa tal-Imsida ghax kellhom bzonn mara. Qal li kellu jibghataha ghax kienet l-unika Pulizija mara li kellu fuq il-*beat* ghax l-*orderly* ma tistax tinqala minn ma l-Ghassa. Din OMISSIS 2 qaltlu li x'hin kienet fil-karozza tas-servizz ma OMISSIS beda jaqbdilha saqajha u hi iddejqet u kisritu. Qalilha li seta' jghid lill-Ispettur Ransley b'dak li kienet irraportat izda ma rieditx teskala. Meta baghat ghalih l-Ispettur Mercieca dan tal-ahhar qallu dwar OMISSIS 1 u l-allegat stupru u hu qallu dwar ta' OMISSIS 2 wkoll. OMISSIS 2 qaltlu li ma xtaqitx teskala. Hu gharaf l-akkuzat gewwa l-awla.

**<u>PC 828 Steve Camilleri</u>** xehed kkonferma li huwa stazzjonat fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Msida u ilu fil-korp tnax-il sena. Mieghu fis-shift A kien hemm PS 309 Brian Xuereb, PC 1264 Shaun Cumbo, PC 145 Alan Joseph Abela OMISSIS 1 OMISSIS 1 u OMISSIS OMISSIS. Muri d-detail tas-16 ta' Frar, 2018, jikkonferma li kien imnizzel bhala *second watch* izda kien bis-*sick leave*. Muri id-detail tas-7 ta' Marzu, 2018, jghid li kien xoghol Paceville ta' bil-lejl. OMISSIS 1 kienet qaltlu li l-akkuzat stupraha gewwa l-Ghassa u l-akkuzat ukoll gghiela taghmillu *blowjob*. Mistoqsi quddiem l-Ewwel Qorti jekk il-Pulizija OMISSIS 1 qattx qaltlu xi haga dwar l-akkuzat jghid li le qatt. Hu xehed ukoll quddiem l-Ewwel Qorti illi qatt ma taghtu x'jifhem li hi ma rieditx tahdem mal-akkuzat. Hu sar jaf b'dan kollu wara li OMISSIS 1 irrapurtat ma l-Ispettur Mercieca. Hu jghid li ma tantx kellu cans isir jaf lill-akkuzat. Darba jifrakar li marru ikla Hugo's

u OMISSIS 1 poggiet hdejh u faccata l-akkuzat. Jghid li maghhom kien hemm Pulizija bl-isem Roderick izda mhux li ssemma diga fil-guri. Huma qraw l-artikolu l-Ghassa dwar il-guri li gie rrapurtat lejliet u meta waslu n-nies tal-access huma hargu l-barra. Jghid li dawn iddiskutewa izda mhux fuq il-mertu. Qal li qabdu mal-Pulizija Roderick ghax ma kienux jafu li biesha lill-allegata vittma. Spjega li kien hemm tieg fejn kien hemm l-akkuzat izda sellimlu u zammew id-distanza.

In kontro-ezami jghid li jaf li ma semmehiex dan il-punt ghax hi kienet ga rrapurtat ma *higher rank*. Hu jikkonferma li lil OMISSIS 1 kien jaraha normali. Kulhadd kien jaf inkluz hu u OMISSIS 1 li mhux suppost jaqilbu d-*duty* izda xorta kienu jaghmluha. Meta kien ikun xoghol l-Imsida u OMISSIS 1 kienet tkun *detailed* Paceville kienu jpartuwa.

**PC 145 Alan Joseph Abela** xehed u qal li ilu fil-korp sbatax-il sena kien stazzjonat l-Imsida fi zmien l-incident u ghadu hemm sal-lum. Muri r-roster mmarkata bhala dok MR3 jghid li kien *first watch* l-Ghassa tal-Pulizija tal-Msida bhala *telephone orderly* Dakinhar kellu xi sieghat zejda fejn hadimhom filghodu l-ispter Mater Dei. Jikkonferma li dakinhar l-akkuzat OMISSIS kien xufier l-Ghassa tal-Imsida. Hu gharaf lill-akkuzat gewwa l-awla. Mistoqsi jekk jafx lil OMISSIS 1 jghid li jafha u dakinhar kienet *Beat Officer* l-Ghassa tal-Pulizija tal-Msida. Qal li n-*night watch* beda fit-8.00p.m u xi hin dahal fil-kamra tas-Surgenti u intefa' fuq is-salott u marret ghajnu bih. Dakinhar l-Ghassa kien hemm ukoll l-akkuzat u OMISSIS 1. Kollox deher normali u xejn ma gara mhux tas-soltu. Meta lesta is-shift fil-5.00a.m mar id-dar normali. Mistoqsi kemm dam rieqed jghid li ma jiftakarx bl-ezatt pero' jaf li ghamel saghtejn zgur. Ma jiftakarx li kien hemm incident fuq tqassim ta' riferta.il-Pulizija OMISSIS 2 jafha izda ma tantx hadem maghha. La OMISSIS 1 u qas OMISSIS 2 ma qatt fethu qalbhom mieghu. Min-naha tieghu jghid li l-bierah Mater Dei kien xoghol ma nies mix-shift tieghu u hu ma tkellimx fuq il-kaz. Darba kellhom ikla sushi izda hu ma kienx mar. Din kellha tkun ikla rgiel izda marret OMISSIS 1 wkoll. Hu ma jafx min kien qalilha biex tmur. Qabel dahal jistrieh bdew jilghabu bl-*xbox* fl-istess kamra tas-Surgenti. Dan il-hin OMISSIS u OMISSIS 1 kienu fejn l-*orderly*. Hu kellu *statement* u

ma zammux ghax haseb li l-kaz waqaf hemm. Hu dak iz-zmien mhux cert kienx hemm pultruna ta' wiehed jew le fil-kamra tas-Surgenti. Is-Surgent kien fuq barra dakinhar. Il-bieb tal-kamra tas-Surgenti ma kienx miftuh berah imma ma jafx kienx maghluq. Meta jkun *duty* ma jorqodx daqshekk seren u fil-fond bhad-dar, kieku kien hemm xi haga kbira jew t'emergenza kien jismaghha. Dak iz-zmien ma jiftakarx kienx hemm siggijiet b'roti u ma jiftakarx ukoll min kien biddlu fix-*shift* x'hin dan spicca. Ikkonferma illi waqt li kienu qed jilghabu bl-*xbox* daqqa' bdiet tmur OMISSIS 1 hdejhom u daqqa' OMISSIS. Muri dok MR2 a fol. 220 jghid li hu kien *night watch* mit-8.00pm sal-5.00am. L-akkuzat kien xoghol ukoll. OMISSIS 1 qiedgha mnizzla li kienet xoghol Paceville izda hu jaf li gieli biddlitha mal-Pulizija Steve. Lill-Pulizija OMISSIS 2 jaf li kienet stazzjonata Ghassa Gzira. Id-*detail* kienet tkun fuq bicca njama gewwa l-Ghassa tal-Imsida u ta' Tas-Sliema. Jghid li hu peress li hu *orderly*, marament johrog mill-Ghassa. Hu jghid li mal-akkuzat hadem madwar sena jew ftit inqas. Hu jghid ukoll li mal-akkuzat dejjem hadem sew u anke ma OMISSIS 1. Is-sajf li ghadda s-*shift* taghhom kellhom tieg *seated* iz-Zurrieq ta' PC 840. Hu ma jidirlux li rah lill-akkuzat u zgur ma kellmux. Hu quddiem l-ewwel qorti jiftakar biss il-mistoqsijiet fir-rigward ta' PS 309.

In kontro-ezami jghid li pultruna jpoggi persuna wahdu filwaqt li sufan ipoggu, tnejn jew tlieta min-nies. Hu jikkonferma li kien strah fuq sufan u mhux pultruna. Hu jghid li sa 18 ta' Marzu 2018 ma kien jaf xejn dwar l-allegat kaz odjern. Kien cempillu l-Ispettur Mercieca u kien mar ikellmu l-ghada. L-Ispetturi Mercieca u Busuttil kellmuh fil-kcina u qalulu li allegatament sar *rape* u hu jghid li kesah. Hu qalilhom li huma t-tnejn hbieb tieghu u ma jixtieqx jidhol f'dan kollu. Huma hadulu d-dikjarazzjoni u prezenti kien hemm iz-zewg spetturi u tlett Pulizija fuq wara, u kien hemm Pulizija mara fost dawn l-ufficjali. Hu jghid li gie muri l-interogazzjoni tal-akkuzat u baqa' mbellah. Il-fizzjali qalulu li ma bdewx jemmnuh u l-Ispettur Busuttil allega li hu beda jnemmes, xi haga li hu nnega. Quddiem l-Ewwel Qorti hu inghata l-*caution*, minhabba *crimes* u l-proceduri interni li jistghu jittiehdu kontrih. Hu jinsisti li kemm l-akkuzat u kemm il-OMISSIS 1 rahhom normali. Jghid u jispjega li OMISSIS 1 setghet tigi ghall-

ghajjut izda hadd ma gie. Jekk ikun hemm azzjoni hazina jkun hemm atmosfera li tinhass u hu ma hassx xejn minn dan.

**PS 309 Brian Xuereb** jghid li lahaq Spettur sena u nofs ilu. F'Ottubru, 2017, kien qieghed b'*light duty* ghaliex kellu problemi personali. Fis-snin 2017 u 2018 kien stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida u jlahhaq Tas-Sliema. Jiftakar li marru ikla Hugo's Sushi rgiel biss. Kienu qalu li OMISSIS 1 ma thobbx is-sushi. Eventwalment izda kienet giet OMISSIS 1 u poggiet faccata ta' Chris. Kemm dam jahdem maghhom ma jafx li kien hemm problemi bejniethom. Kellhom dizgwit f'*shift* fuq *vacancy* partikolari izda xejn iktar. Hu gharaf lill-akkuzat u jghid li xogholu *mainly* kien bhala xufier. OMISSIS 1 *b'letter minute* kienet *beat officer* u anke gieli kienet *orderly* fil-bank malli tidhol. Mistoqsija gielix kellmitu OMISSIS 1 hu jghid li iva u qaltlu li l-akkuzat ipprova jbusa u tbissmet. L-ewwel ma kien ghamel staqsiha ghaliex ma kienitx qalet b'dan lis-Surgent tas-shift taghha. Sussegwentament, Hu ssugerila li tkellem lil tal-vice izda qalet li ma jemmnuhiex. Issugerilha tirrekordja lilOMISSISu jekk jghidilha l-kliem bhal *'ser tilghaba tad-dejqa'* kien ikollha prova. Hi qaltlu li hekk kien jghidilha. Jghid li din kemmxett xufftejha xorta u qalilha li allura kellha tqabbad avukat.

Dak il-lejl kienu dahhlu kollha flimkien, kien qed jiccekja xi rapporti antiki. Il-Pulizija OMISSIS 2 kienet il-Pulizija li kienet dahlet ricenti. Hu jaf liOMISSISkellu certu nteress lejn OMISSIS 2. Hu jiddeskrivi lil OMISSIS 2 bhal li jkun jaf fejn qieghed maghha.OMISSISkien qallu li kellu nteress lejha. Hu kien saqsih x'jahseb fuq OMISSIS 2, hu jghid li ma Pulizija zgur qatt ma johrog. Dwar dan lil OMISSIS 2 ma kien qalilha xejn. Jghid li l-Ispetturi ma kienux kellmuh izda hu kien ikkomunika mal-Ispettur Mercieca b'email. Jghid li bhala Surgent ghalih dan kien xokk qawwi u hadha personali. Hadd ma beda jghidlu xejn u xejn ma kien gie ccarat lilu. Hu pprezenta d-dokumenti l-Qorti sabiex jigi verifikat mill-iscreen shots 'Chris xx' min kien fuq il-mobile ta' OMISSIS 1.

In kontro-ezami jghid illi l-Ispettur Mercieca cempillu il-Hadd filghaxija, ma setghax imur ikellmu u allura baghtlu email. Il-Pulizija ta' Tas-Sliema kienu qalulhom sabiex

ma jkellmux lill-Pulizija tal-Imsida. Jiddiskreviha li kien hemm qisu *Cold War* bejn iz-zewg ghasses. L-Ispettur Mercieca ma kienx baghat ghalih sabiex johodlu dikjarazzjoni izda kienu baghtu ghalih tal-*internal affairs*. Meta baghat ghalih l-Ispettur Mercieca hu hassu mhedded meta qallu li minhabba fih Pulizija giet stuprata darbtejn u iehor sejjer il-habs. Minn dakinhar inqalghu hafna problemi. Hu jghid li spicca *speed dial* mal-internal affairs. Hu jghid li mal-Ispettur Mercieca kien spicca mieghu li fejn jidhol xoghol jikkomunika mieghu tramite email u daqshekk. Hu jghid li jiftakar lil OMISSIS 1 tghidlu li l-akkuzat ipprova jbusha u wiccha kien bi tbissima. Fil-bidu kien jghid li ghadha gdida izda kien hemm kwistjonijiet li feggew fosthom darba cemplitlu li kien hemm xi aggressjoni fil-konfont taghha minn xi nisa tad-dar. Hu kien mar u fost in-nisa li sab l-Ghassa sab mara b'dmugh f'ghajnejha u dawn riedu jirrapurtaw lil OMISSIS 1 b'sahha lil *internal affairs*. OMISSIS 1 qalet li kien hemm xi wahda li waddbitilha l-handbag izda l-mara innegat dan u qalet li kienet ser tohrogila d-dokument mill-*handba*g taghha. Nizlet sahansita l-Ispettur Lara Butters li bdiet tiddefendi lil OMISSIS 1. Ikkonferma wkoll dwar sitwazzjoni li nqalghet l-Ghassa Sliema meta OMISSIS 1 kienet orderly u kienu ttiehdu xi files mill-Ghassa minn xi tifel ta' Pulizija. Meta wasal hemm hu sab dizgwit shih fejn zewg kuntistabbli bdew jiggieldu maghha ghax hi bdiet tigdeb li ma kienitx prezenti hemm. Hu kien qalilha li l-Ispettur Butters kienet issortjata din l-istorja. PC 1264 kien qallu li kellhom *issue* wkoll ma OMISSIS 1 meta kienu fuq *'clearance'* il-Belt u lil Cumbo meta taghha struzzjoni wegbitu *'nzabbab'*. Prezenti kien hemm ukoll il-kuntistabbli OMISSIS 2 li kienet qaltilha xi haga f'sens li dak kien superjur taghha u minflok obdiet l-istruzzjoni hi.

Meta Butters gibditilha l-attenzjoni dwar hwejjigha hi kienet qalet xi haga fis-sens din lili rat, ahjar tara x'tilbes hi. Qal ukoll li kien hemm zewgt tfajliet ohra kuntistabbli kienu johorgu maghha u kellhom jieqfu. Fir-rigward ta' Roderick PC1422, OMISSIS 1 riedet twasslu id-dar darba minn Paceville izda hu ma riedx imur u l-Pulizija Galdes kien jigi joqghodu jpacpcu hi u hu u gieli rahom b'ghajnejh stess. Jghid li OMISSIS 1 kellha l-gharus dak iz-zmien. Hu jghid li l-akkuzat ma jpejjipx.

**WPC 16 Suzanne Sapiano** xehdet li f'2017/2018 kienet stazzjonata Ghassa Sliema. 17 ta' Marzu, 2018 hija kienet *duty office*. X hin dahlet ghax-xoghol innutat lil OMISSIS 1 u din kienet qaltilha li xtaqet tkellimha. Xi 12.00pm marret tkellimha u qaltilha li kienet *raped* darbtejn gewwa l-Ghassa u kien beda kollox f' Ottubru ta' qabel. L-ewwel darba li kien gara kien 16 ta' Frar, u sar bejn 6/6.30pm u darb' ohra sar 7 ta' Marzu. Hi kienet qaltilha li dan sar min-naha ta' wara. OMISSIS 1 kienet qaltilha li kien jitrattaha hazin ukoll. Tghid li lill-gharus taghha l-akkuzat kien jirreferi ghalih bhala ccassat. Hi qalet li ma kienet titkellem ma had hlief ma Cumbo. Hi qalet lil OMISSIS 1 hi kellha titkellem la kienet fethet qalbha maghha. Dakinhar stess marret tkellimha OMISSIS 2 wkoll li kienet spjegat li kien ittantaha l-akkuzat. Hi jidrilha li l-akkuzat kien qabdilha saqajha lil OMISSIS 2 u f'okkazzjoni ohra qabdilha l-warrani. Hi dahlet fl-ufficju tal-Ispettur Mercieca meta kien qed ikellimhom, izda mbghad telqet ghax '*it was not her space*'. OMISSIS 1 kienet qaltilha li kienet tibza' mill-akkuzat. Ix-xhud kellmitu darba lill-akkuzat fuq ix-xoghol. Hi tghid li kienet tahdem ma OMISSIS 1 u kienu jidhku hafna u rat lil OMISSIS 1 differenti meta qaltilha b'dawn l-allegazzjonijiet. Tghid ukoll li OMISSIS 2 bdiet tibki. Ftit qabel kienu marru l-ufficju b'xi xoghol u OMISSIS 1 kienet tmur tkellimha u ndunat li kellha xi haga. Spjegat li ghamlet madwar hames xhur tahdem maghha matul il-*pregnancy*. Sussegwentament baqghu hbieb u OMISSIS 1 kienet tiftah qalbha maghha. Spjegat li kienet taqbel hafna maghha l-ufficju fuq xoghol.

In kontro-ezami kkonfermat li hadmet ma OMISSIS 1 fl-ufficju. Tikkonferma illi kienet OMISSIS 1 li qaltilha li kien hemm ohra fl-istorja u li kienet baghtet lil OMISSIS 2 sabiex tmur tkellimha wkoll fl-ufficju taghha.

**L-akkuzat** ghazel li ma jixhidx kif kellu kull dritt li jaghmel pero' *a tempo vergine* tal-investigazzjoni kien irilaxxa stqarrija audio-viziva li tinsab esebita fl-atti, liema audiovizwali giet murija waqt ic-celebrazzjoni tal-guri u ghalhekk dak li jintqal mill-akkuzat fl-istqarrija jikkostitwixxi prova *res gestae*. Ghaldaqstant, il-Qorti ghandha taghti wkoll kunsiderazzjoni lilha fl-apprezzament tal-provi li sejra taghmel. F'din l-istqarrija l-akkuzat stqarr li:

Lil OMISSIS 1 kien ilu jafha mis-sena ta'qabel u cioe' mis-sena 2017. OMISSIS 2 kienet dahlet fl-ahhar reklutagg u cioe' f'Dicembru ta qabel. Hu jghid li vera kien ghamel xi atti sesswali ma OMISSIS 1 izda mhux kontra r-rieda taghha. Jirrakunta li marru jieklu tas-shift gewwa Paceville u hemmhekk innota mill-harsa taghha li kellha *softspot* ghal wiehed minnhom u cioe' wiehed mill-Pulizija. Sussegwentament OMISSIS 1 u hu tkellmu fl-Ghassa u jghid li hu kellu xi problemi fir-relazzjoni tieghu. Hi kienet qaltlu li kienet *'intredat'* u marret ma dan il-Pulizija izda qaltlu li xejn specjali ghax ghalkemm ghandu tletin sena ma kienx jaf x'se jaqbad jaghmel bih. Mbghad hu kien fil-*kitchenette* u din giet hemmhekk u bdiet thares lejh u hu qabad u biesha fuq xoffitha mbghad dahhlu fil-kamra tas-surgenti u ghamlu att sesswali. Hu jghid li kienu bil-wieqfa u ppenetra fil-parti taghha b'darha lejh. Kulhadd neza' l-hwejjeg tieghu. Il-qliezet *just* nizzluhom ma nezawhomx kompletament. Hu jghid li kontracettivi ma uzax u egakula barra. Waqt li beda jimmasturba hi bdiet tbusu. X'hin lesta mesah bil-mop u kompla kollox normali u ftit wara gie wiehed jiffirma. Hu jghid li mhux minnu li OMISSIS 1 qaltlu ara ma tergax tghamilli hekk. Darba kienu *night watch* u kienet qaltlu li tieghu kien l-ikbar wiehed li qatt kellha. Hi kienet qed tirreferi ghal parti tieghu f'dan ir-rigward. Hu ma kienx jaf x'ser jaqbad jghidilha ghax hadd qatt ma kien qallu hekk qabel. Fl-allegat tieni episodju kienu *night watch* u wara li laghabu *x box* u PC Alan dahal jorqod, hu u OMISSIS 1 kienu qeghdin fejn l-*orderly* u gietu l-kurzita', qalilha jekk hux vera l-parti tieghu kien l-ikbar li qatt kellha. hi qaltlu iva u regghet qaltlu li meta kienet marret ma PC1422 ma kienx jaf x'se jaqbad jaghmel bih. Hu mar jahsel idu u hadilha l-klippa minn xaghra. PC Alan mar jorqod fil-kamra tas-surgenti fejn kien hemm sufan *three seater* u bexxaq il-bieb. Huma marru jaghmlu l-att sesswali fil-*kitchenette* din id-darba.

Mistoqsi jekk tghajjat lil xi hadd mil-*kitchenette* jinstemax mill-kamra tas-surgenti, hu wiegeb li iva. Hu jghid li tkellmu bejniethom u qalu li din kellha tibqa' bejniethom. Hu spjega li hu kien gharus dak iz-zmien izda jghid li mhux cert jekk hi kienitx f'relazzjoni jew le minhabba kif kienet qed iggib ruhha u t-tip ta' ritratti li kienet qed itella fuq *Facebook*. Mistoqsi jekk gielix kellimha hazin, heddida jew inkella kienx

possessiv fuqha hu wiegeb fin-neOMISSIS 1iv. Hu qal li gieli kellhom xi argumenti zghar u gieli kien jiccajta maghha billi jghidilha rekluta.

Dwar OMISSIS 2 hu jghid li ma kienitx ilha dahlet fil-Korp u li kienet tahdem gewwa l-Ghassa tas-Sliema u spjega li beda jingibed lejha. Jghid li ltaqa' maghha l-ewwel darba meta hi kienet *fixed point* u f'hin minnhom hares lejn il-warrani taghha. Hu jghid li meta marru sabiex iqassmu riferta ma messiliex saqajha. Lanqas ma qal li qabdilha saqajha meta marru b'qadja u kienu fejn il-Qorti. Hdejn il-Qorti hi qaltlu li beda jugaghha darha u qalilha li ghandha bzonn *message* minn dawk li jwahxuk bl-ugigh fl-istess hin. Hi qaltlu li kellha lil ommha bhala *sponsor*, tmur tithabbeb naqa' maghha u thallsilha wiehed. Hu qal li mhux stedinha ghal *weekend break* izda offrilha sabiex jiltaqghu sabiex isir jafha ahjar. Hu jghid li kiteb messagg fuq il-mobile u kien urijulha izda ma kienx baghtulha. Hu jghid li OMISSIS 2 kienet qaltlu xi haga *along the lines* ta' mbgghad naraw. Hu qal li dak iz-zmien OMISSIS 2 kienet qaltlu li hi *single.* Hu spjega li meta hu u Alan marru l-Ghassa Sliema kien jaf li kien hemm zewg nisa izda ma kienx jaf min kien ser imur maghhom jekk hux OMISSIS 2 jew certu Sally. Hu qal li dakinhar hu u OMISSIS 2 bdew jitkellmu normali, jiccajtaw u jidhku. Hu kien qal lil OMISSIS 2 li ser jaqtala' cavetta ghat-toilet tan-nisa u hu kien qal lil OMISSIS 1 sabiex taqtahielu u specifika li dan riedha ghall-OMISSIS 2. Dan gara wara li hu kien spicca minn ma OMISSIS 1. Hu c-cavetta kien ghaddihielha darba meta mar l-Ghassa Sliema u hi qaltlu *'thank you'* u offritlu li thallsu izda hu kien qalilha li ma kienx hemm il-bzonn. Jghid li hi baghtitlu messagg tirringrazzjah ukoll. Hu jghid ukoll li kien qalilha li hi helwa ghax kienet toghgbu. Hu spjega li kien gara bejnu u bejn OMISSIS 1 kien ta' dak il-hin u ma kien ihoss xejn lejha prattikament. Hu qal li kien ghamel hekk ma OMISSIS 1 ghaliex kellu l-problemi fir-relazzjoni personali tieghu u kien dghajjef u waqa'. Hu kompla jghid illi lejn OMISSIS 2 hu kien qieghed jingibed izda ried isir jafha qabel u nfatti dak il-messagg kien kitbilha u wriha hekk. Hu kien offrielha lil OMISSIS 2 sabiex iwassalha d-dar izda hi kienet qaltlu li tigi ommha jew kellha min iwasslilha. Mistoqsi jekk OMISSIS 1 haditx ghaliha u rrapurtatux ghalhekk u wiegeb li jista' jkun izda ma jafx jekk kinitx taf. Spjega izda li OMISSIS 1 kienet qaltlu darba li x'hin hu jara lil OMISSIS 2 kien joqghod imur hdejha u hu qalilha b'daqshekk tfajla

helwa u kienet oghgbitu. Hi wegbitu 'ma nafx jien' u hallitu biha. Hu qal li kif gew l-affarijiet, hu kien waqa' ghal OMISSIS 1 u lil OMISSIS 2 genwinament kienet toghgbu. Hu qal li bired kemm ilu ma jaraha u solvitlu l-problema mat-tfajla ghax tkellmu li se jahdmu sabiex iqajjmu r-relazzjoni fuq saqajha. Hu spjega li jiddispjacih esagerat ghal li gara u jiddispjacih li lil OMISSIS 1 holqilha skumdita ghax beda jaghti attenzjoni lil xi haddiehor u mhux lilha. Fir-rigward ta' OMISSIS 2 hu jghid illi jekk hassitha skomda b'xi kumpliment jew mossa li kien ghaddilha jiskuza ruhu.

L-akkuzat ressaq in difeza tieghu lix-xhud lil l-Ispettur **Lara Butters** li tghid li hi qatt ma kellha xi tghid ma' OMISSIS 1 u mistoqsija dwar l-allegazzjoni tal-*bullying* fuq OMISSIS 1 hi tghid li ma tistax tghid ghala din kienet qalet hekk dwarha. Tghid li meta qalet hekk OMISSIS 1 kienet gidbet. OMISSIS 1 ghamlet zmien tigi minghajr uniformi ghaliex kienet weggghat subajha ta' saqajha u ratha liebsa naqra skullat u gibditilha l-attenzjoni ghal darba darbtejn. Sussegwentament OMISSIS 1 ittrangat u bdiet tilbes addatat. Hi ma tghidx li qatt ghamlet rapport formali fil-konfront ta' OMISSIS 1 anzi pjuttost dejjem rat kif ser tirranga l-affarijiet. Hi tghid li dejjem libset sew forsi *stylish* izda mhux provokattiv. Qalet ukoll li l-Ma'am Mamo qatt ma kienet tatha xi rapport dwar l-ilbies taghha. Hi qalet ukoll illi ma kienitx tghir ghal OMISSIS 1.

Apparti x-xhieda mismugha din il-Qorti wkoll zammet access nhar il-15 ta' Marzu, 2023, bil-ghan li tifamiljarizza ruhha mal-ambjenti li jinsabu gewwa l-Ghassa tal-Imsida. Jirrizulta illi fl-intrata ta' din l-Ghassa hemm skrivanija kbira faccata tal-bieb principali u wara dan id-desk kien hemm erba' siggijiet tar-roti. Fuq in-naha tal-lemin tal-iskrivanija, int u thares lejha mill-bieb principali hemm fetha li taghti ghal kuritur li twassal ghall-kamra maghrufa bhala tas-surgenti. F'din il-kamra li d-dhul ghaliha jsir tramite bieb, faccata tal-bieb hemm numru ta' *lockers* fuq ix-xellug hemm *vending machine*, waqt li fuq il-lemin hemm mejda forma ta' 'L' u propju faccata l-*vending machine* kien hemm pultruna taht tieqa li taghti ghat-triq principali. Dan il-kuritur jaghti ghall-fetha kbira li hemm zewg settijiet ta' turgien li jaghtu ghal fuq fejn hemm it-toilet tan-nisa. Isfel f'din is-sala *in fondo* wara l-bieb li jaghti ghall-entratura fejn

hemm l-iskrivanija hemm bieb li jaghti ghall-*kitchenette* u ftit passi l' quddiem hemm grada fejn kien hemm xi bramel u mop, u wara hemm xi cellel li jintuzaw bhala *stores*.

**Ikkunsidrat ulterjorment,**

**FL-Ewwel Kap tal-akkzuza l-Avukat Generali akkuza lil OMISSIS bir-reat ta' stupru vjolent aggravat, u cioe' talli nhar Sittax (16) ta' Frar tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (18:30hrs),u kif ukoll nhar is-Seba' (7) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Tmintax (2018) ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (03:30hrs), gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Imsida, Malta bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' OMISSIS 1), b'dana illi dan l-istupru huwa wiehed aggravat stante li allegatament sar ripetutament;**

L-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' stupru huwa ben stabbilit fl-ordinament guridiku taghna. L-Artikolu 198 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qabel l-emendi li saru permezz tal-Att XIII ta' 2018 li tirrifletti dak li hemm fl-Istanbul Convention l-Artikolu dwar l-stupru li japplika ghal kaz odjern kien jipprovdi li:

> *'Kull min, bil-vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati prigunerija ghal terminu minn tlieta sa disa' snin bi jew minghajr konfinazzjoni solotarja.'*

Illi essenzjalment id-definizzjoni tar-reat ta' stupru skond l-Artikolu tal-ligi ta' qabel l-emendi huwa *rape* u jikkonsisti essenzjalment fil-kongungiment karnali, cioe' fil-ghaqda ta' gisem ma gisem iehor. Stupru ghalhekk jfisser li jrid ikun hemm relazzjoni sesswali, irid ikun hemm l-introduzzjoni jew penetrazzjoni ta' l-organu genitali ta' persuna fl-organu genitali ta' persuna ohra. Dan il-kongungiment karnali jew introduzzjoni tal-organu genitali ta' persuna f'ta' persuna ohra, ma hemmx ghalfejn ikun komplut ghal kollox jew kkonsmat. Il-penetrazzjoni ta' organu genitali f'iehor

ma hemmx ghalfejn tkun shiha ghal kollox. Huwa bizzejjed, skond l-ligi, jekk ikun hemm biss anke parti minn din il-penetrazzjoni, xorta f'dak il-kaz d-delitt huwa komplut, mill-aspett tal-element materjali. Il-qtugh tal-*hymen* u emissjoni ta' *semen* mhux elementi kostituttivi ta' dan ir-reat kien jikkonsisti fil-kongungiment karnali.[18]

**<u>Il-Prof. Anthony Mamo</u>**, fin-Notamenti tieghu fuq il-Ligi Kriminali, jghid hekk fuq ir-reat ta' stupru vjolenti:

> *"In our law, the offence called "rape or carnal knowledge with violence" is that which is committed by any person who, by violence, has carnal knowledge of another person of either sex. Thus, there are two essential elements of this crime under our law, and these are:-*
>
> *(i) the carnal knowledge; and*
> *(ii) the violence.".*[19]

Il-Qorti Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta kontra Ommisses</u>**[20] jghid:-

> *Id-delitt ta' stupru taht l-artikolu 198 tal-Kodici Penali jikkonsisti essenzjalment f'kongungiment karnali bi vjolenza. Il-ligi ma taghtix definizzjoni dettaljata ta' x'tip ta' kongungiment karnali irid ikun hemm ghar-reat ta' stupru.*
>
> *Illi sabiex jissussisti r-reat tal-istupru bhal kull reat iehor, jehtieg il-presenza tal-element kemm materjali kif ukoll dak formali. Bl-att materjali allura jkun il-kongungiment karnali kontra il-volonta' tal-vittma. Illi maz-zmien dan il-*

---

[18] Ara **<u>Il-Pulizija vs Rhys Fiteni et</u>** deciza nhar l-10 t' April, 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Ara ukoll is-sentenza ir-Republika ta' Malta vs Ommisses kif konfermata fil-Qorti tal-Appelli Superjuri nhar il-26 ta' Frar, 2020.
[19] Notes on Criminal Law Vol II pagna 194
[20] per Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, Deciza 11 ta' Jannar 2019; Att t' Akkuza numru: 15/2018

*kongungiment karnali nghata tifsira aktar wiesgha minn dik tradizzjonali sabiex b'hekk illum din tinkludi l-icken bidu ta' konnessjoni karnali bl-inseriment forzat tal-pene maskili f'wahda mit-tlett orefici intimi tal-persuna – u cioè il-halq, il-vagina u l-anus kemm bejn nies tas-sess oppost, kif ukoll bejn dawk tal-istess sess. Pero din it-tifsira ta illum ma tapplikax ghal kaz in dezamina stante li l-istupru sehh qabel ma gew introdotti l-emendi fil-ligi.*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Stephen Bonsfield**[21] ikkunsidrat li:

*'Il-mottiv jew l-istato d' animo tal-appellant waqt li kien qed jaghmel dawn l-atti fuq martu ma hux rilevanti ghall-kaz ghaliex ir-reat ta' stupru vjolent u dak ta' attentat vjolent ghall-pudur ma jirrikjedix xi intenzjoni specifika jew xi motivazzjoni partikolari. Wiehed jista' jikkomettihom biss ghall sodisfazzjoni sesswali, jew ghal skopijiet sadistici, jew ghal xi "fetish" jew addirittura biex jumilja u jivvendika ruhu mil-vittma. Kull kif, una volta ikun hemm l-icken penetrazzjoni, anki kontra n-natura, kontra l-kunsens tal-vittma, r-reat jissussisti.'*

Imbaghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Joseph Magro**[22] gie ritenut:

*Illi fl-ewwel lok ir-reat tal-istupru jikkonfigura meta l-awtur tar-reat:*

*"bil-vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wiehed jew l-iehor".*

*....*

Id-dottrina Maltija hija fis-sens li r-reat ta' stupru huwa ikkunsmat meta jigi pprovat:

[21] Per Onor. Imhallef Dr. Joseph Galea Debono. Deciza 27 ta' April, 2006 Appell Kriminali Numru. 319/2005

[22] Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Deciza 29 ta' Novembru 2018. Appell numru 591/2012 u Appell numru 600/2012

> *"The commencement of the connection without the necessity of proving any further acts" (vide Criminal Law - Profs A Mamo pg 194) Ir-reat ta' stupru jissussisti: "upon proof of penetration only: and the slightest penetration is sufficient" (Ibid). Kif gie ben ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali per l-Onor Imhallef Joseph Galea Debono, fl-ismijiet il-Pulizija Supt. Bartholomeo Mula et. vs. OMISSIS, deciza fl-4 ta' Settembru 2003: "Biex ikun hemm ir-reat ta' stupru mhux mehtieg li jkun hemm penetrazzjoni shih u l-icken bidu ta' konnessjoni karnali hija sufficjenti biex jissussisti reat."*[23]

Dan il-kongungiment karnali irid necessarjment isir minghajr il-kunsens tal-vittma. Il-kuncett ta' nuqqas ta' kunsens jipprevadi r-reat ta' stupru. Hu dan li l-legislatur jrid ifisser qabel ma saru l-emendi bl-Att XIII ta' 2018 meta uza l-kwalifika "bil-vjolenza". Il-vjolenza mhux biss hi dik fizika, izda tista' tkun wahda ta' natura morali jew psikologika. *Tavvera ruhha bin-nuqqas ta' kunsens fis-sens tal-volontarjeta'* [24] li tissoggetta ruhhek ghall-att, kif kien ghadu definit dak iz-zmien, tal-kongungiment karnali.

Issir riferenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Qorti fis-sentenza **The Police vs Ahmed Rasem. A Franka**[25]:

> *……even though OMISSIS might have been at first complacent to the attentions of appellant, however he should have immediately realised that upon the commencement of a degree of intimacy between them, she was not consenting to the sexual act and therefore he should have refrained immediately from carrying on further his sexual advances*. [emfazi ta' din il-Qorti]

---

[23] Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed deciza fil-5 ta' Lulju, 2002
[24] Enfazi ta din l-Onorabbli Qorti
[25] Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima. Deciza 26 t'Ottubru, 2017. Appell Nru. 72/2017

Fis-sentenza **<u>Ir-Repubbklika ta` Malta vs OMISSIS, Seydou Bandaogo</u>**[26], il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*36. Il-Professur Mamo jghid hekk, fuq l-element tal-vjolenza fin-noti tieghu dwar il-ligi kriminali:*

*It is an element which is of the essence of the crime and not merely an aggravation of it. … … The law does not specify what the violence must consist in. Nor could it. The whole point is to determine in each particular case whether the carnal knowledge took place against the will of the victim and notwithstanding such resistance as he or she could, having regard to his or her physical strength and moral energy, offer: All the rest boils down to an appreciation of the circumstances of fact according to the common experience of life.*

*Any attempt to determine "a priori" the intensity, the character and the degree of violence required would have been vain and dangerous, they depending so much on the character and personal circumstances of the victim of the crime.*[27]*…………..*

*37. Issa kif inghad, mill-ezami tal-atti processwali jirrizulta indubitat, u lanqas ma gie kontestat, illi l-penetrazzjoni vaginali bejn l-appellant u OMISSIS 1 sehhet, stante li l-appellant ighid illi kien hemm rapporti sesswali bejnu u bejn OMISSIS 1. Il-kontestazzjoni pero tezisti fir-rigward tal-ezistenza o meno tal-kunsens tal-vittma fil-mument li fih sehh l-att inkriminatorju; jekk kienx ghalhekk jezisti l-element tal-"vjolenza" fis-sens li kienet issemmi l-Ligi bhala wiehed mill-elementi legalment rikjesti biex jitqies integrat ir-reat tal-istupru;*

---

[26] Per S.T.O. Prim Imhallef Dr. Mark Chetcuti, Onor Imhallef Dr. Edwina Grima u Onor. Imhallef Dr. Aaron M. Bugeja; Att tal-Akkuza Nru. 8/2018 Deciza 26 ta' Jannar 2021

[27] Notes on Criminal Law Vol II pagna 195

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni* ***<u>Il-Pulizija vs Malcolm Mifsud</u>***[28] *ikkunsidrat:*

*F'dan ir-rigward l-ewwel Qorti rreferiet ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Ottubru, 2000, fl-ismijiet* ***<u>Il-Pulizija v. James Demanuele</u>****. Din il-Qorti sejra wkoll tirreferi ghas-segwenti brani minn dik is-sentenza:*

*Issa, il-ligi taghna, in tema ta' stupru, tirrikjedi li l-kongungiment karnali ikun sar bil-vjolenza. Tali vjolenza tista'* ***tkun fizika jew morali (jew, naturalment, it-tnejn flimkien)****. Il-ligi, pero`,* ***ma tikkwantifikax din il-vjolenza****, ossia il-grad ta' vjolenza li trid tigi wzata biex wiehed jghid li kien hemm stupru. Kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari fuq l-eta` tas-suggett attiv u tas-suggett passiv, l-istat ta' sahha u l-forzi taghhom, it-temperament jew karattru taghhom,* ***kif ukoll fuq ic-cirkostanzi partikolari li jkun jinsab fihom is-suggett passiv. Dak li hu necessarju hu li l-vjolenza tkun wahda effettiva, jigifieri li fil-kaz konkret ikun hemm, bejn il-vjolenza adoperata u l-kongungiment karnali, in-ness ta' kawza u effett, ta' mezz u fini****. Fi kliem* ***Majno****: '… vano e pericoloso sarebbe il tentativo di disciplinare l'intensita`, i caratteri, l'idoneita` dei mezzi medesimi, se essi sono affatto relative al soggetto attivo e passive del delitto. Secondo l'eta`, lo stato della salute e delle forze ed il temperamento della vittima, puo` avvenire che raggiungano l'intento dei mezzi che considerati in se` stessi, nella generalita` dei casi, dovrebbero ritenersi inefficaci; o che riescano frustranei mezzi ed apparati per se` stessi, nella generalita` dei casi, idonei. L'indagine caratteristica del delitto si riduce a questo,* di determinare se la congiunzione carnale sia avvenuta contro la volonta` della vittima, e non ostante quella resistenza che secondo le sue forze fisiche e la sua energia morale ha potuto fare. *Tutto il resto i riduce ad un apprezzamento delle circostanze del fatto che rientra nelle nozioni piu` ovvie della vita" (op. cit., para. 1463, pp. 178, 179). Ghalhekk m' huwiex il-kaz, kif donnu qed jippretendi l-appellant, li biex ikun hemm l-istupru jrid ikun hemm, da parti tal-vittma, <u>xi resistenza sa l-ahhar</u> nifs,*

[28] Il-Pulizija vs Malcolm Mifsud. Per Onor. Imhallef Dr. David Scicluna; Deciza 13 ta' Lulju, 2007; Appell Kriminali Numru. 302/2005

*jew li l-istess vittma tant tkun irresistiet fizikament li tispicca mbengla minn rasha sa saqajha."[*sottolinejar tal-Qorti*]*

Illi ghalhekk *in succinct* l-istupru jirrikjedi zewg elementi: l-att sesswali u li dan jkun maghmul kontra **l-volonta' tal-vittma,**[29] bi vjolenza. Dawn iz-zewg elementi li jridu jkunu jesiztu flimkien u fl-istess hin u ghalhekk kumulattivi waqt li l-akkuzat allegatament kkommetta ir-reat, ghaliex jekk ma jirrizultax element wiehed minnhom, allura ma hemmx r-reat. Naturalment kif hemm f'kull reat iehor hemm ukoll l-element intenzjonali u dan irid jissusisti ndipendentement jekk offrietx resiztenza jew le l-allegata vitma. Jigifieri li mhux bizzejjed li l-vittma ma jkollhiex il-volonta, **imma irid ikun hemm r-rezistenza taghha ghal dak l-att ta' stupru.** Naturalment wiehed irid jara din r-rezistenza u x'setghet kienet minn ezami tac-cirkostanzi partikolari f'kull kaz fejn hu allegat li sar dan d-delitt. Ghalhekk f'kazijiet normali ta' stupru fejn l-vittma mhiex persuna minorenni sabiex tigi konsidrata x'tip ta' resistenza setghet toffri l-vittma wiehed irid jikkonsidra certi cirkostanzi bhal per ezempju l-eta' tal-vittma, l-istat fiziku taghha, il-post fejn sehh l-akkadut, jekk kienx hemm nies li setghu jaghtu l-ghajjut, jekk kienx hemm theddid u vjolenza fizika u in partikolari l-karattru taghha u affarijiet simili ohra.

Illi minn ezami ta' dan l-artikolu isegwi li l-Prosekuzzjoni trid tipprova zewg elementi (flimkien) u cioe;

a. l-att sesswali;
b. maghmul kontra l-volonta tal-vittma [30] bi vjolenza.[31]

[29] Enfazi ta din l-Onorabbli Qorti
[30] Enfasi ta din l-Onorabbli Qorti
[31] Notes on Criminal Law Vol II pagna 194

Skond **l-Professur Mamo** fin-Noti tieghu **The Criminal Law**, jghid li l-vjolenza huwa l-element karatteristiku tar-reat ta' stupru u fil-fatt huwa l-element baziku w intrinsiku ta' dan r-reat.

Illi f'din il-kawza smajna hafna lill-allegata vitma OMISSIS 1 isemmi il-kelma kunsens u ghalhekk jehtieg li din il-Qorti tghamel referenza ghal dak li irid jitfisser bil-kelma 'kunsens' . Dwar il-kunsens o meno tal-vittma f'kazijiet ta' stupru **Blackstone** (Criminal Practice 2009 edition)[32] jghid hekk:

> *Capacity is an integral part of consent. A valid consent can only be given by a person who has the capacity to give it. Common law principles that a complainant will not have had capacity to agree by choice where her understanding and knowledge were so limited that she was not in a position whether or not to agree. This may arise in a variety of different circumstances; for instance when a complainant is intoxicated by alcohol or drugs. These principles still apply ...*

**Maino**, il-gurista Taljan, fil-ktieb tieghu **Commento al Codice Penale - Vol 3 - pagni 178 u 179** jghid:

> *"L indagine caratteristico del delitto si riduce a questo, di determinare se la congiunzione carnale sia avvenuto contro la volonta della vittima, e nonostante quella che secondo le sue forze fisiche e la sua energia morale ha potuto fare. Tutto il resto si riduce ad un apprezzamento della circostanze del fatti che rientra nelle nozioni piu ovvie della vita."*

[32] Blackstone 'Criminal Procedure pagna 278

Illi ghalhekk wara li din il-Qorti stabiliet dak li trid tipprova l-prosekuzzjoni sejra issa tqis ix-xhieda provata fid-dawl tas-suespost sabiex tara jekk il-prosekuzzjoni irnexxilhiex tipprova il-kaz taghha sal grad rikjest mill-ligi. F'din il-kawza ma hemmx xhieda li raw l-allegat stupru isehh u lanqas xhieda li semghu xi haga u ghalhekk ix-xhieda tal-allegata vittma OMISSIS 1 ma ssibx korroborazzjoni f'dak ir-rigward. Jirrizulta pero li f'dan il-kaz ma hiex kwistjoni jekk l-akkuzat verament kellux x'jaqsam mal-kwerelanti OMISSIS 1 ghaliex dak hu ammess fl-istqarrija tal-akkuzat rilaxxjata *a tempo vergine* tal-investigazzjoni. Dak li l-Qorti trid tisstabilixxi hu jekk l-atti sesswali li sehh f'zewg okkazzjonijiet kienx wiehed konsenswali b'hekk skond ix-xewqa u rieda taz-zewg partijiet jew jekk sarx kontra l-kunsens ta' OMISSIS 1.

Illi jirrizulta bic-car mill-ezami dettaljat u akkurat tax-xhieda ta' OMISSIS 1 illi din ma kienitx konsistenti f'dak li qalet u fil-fatt giet kontradetta mill-istess xhieda msemmija minnha. Il-Qorti rat il-komportament taghha u cioe' kif bdiet iggib ruhha quddiem din il-Qorti fis-sens li ma naqsitx milli ssemmi l-persuni li fil-fehma taghha setghu jikkoraboraw it-tezi taghha jew ahjar jitfghu dawl fuq dak li qalet li ghaddiet minnu. OMISSIS 1 qed issostni li bejnha u bejn l-akkuzat kien hemm stupru u cioe' relazzjoni sesswali bejniethom sehhet fiz-zewg okkazzjonijiet minghajr il-kunsens taghha. L-akkuzat min-naha l-ohra qieghed jikkonferma li saru l-atti sesswali pero' jsostni bil-qawwa li dawn saru bil-volonta' taz-zewg partijiet, tant kemm hu hekk li kienu ftiehmu li din kellha tibqa' bejniethom. Il-partijiet jaqblu fil-maggorparti tad-dettalji ta' meta, kif u fejn sehhew l-atti sesswali. L-uniku kwistjoni li ma jaqblux dwarha hi l-punt tal-kunsens u ghalhekk jehtieg li din il-Qorti tara min minnhom kien aktar kredibbli f'dak li stqarr u appuntu trid tara jekk il-prosekuzzjoni lahqitx il-prova 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni jew jekk intlahaqx il-livell li kellha tipprova d-difiza li dak li gara aktarx iva milli le sehh bil-kunsens tal-partijiet.

OMISSIS 1 tghid li hija kienet fethet qalbha mas-Surgent Brian u PC Shaun Cumbo. Filwaqt li lis-Surgent Brian kienet qaltlu b'referenza ghall-akkuzat illi dan kien qieghed imissha u li wegibha b'dahka jekk ridietx li huwa jkellmu. Qalet ukoll li

wegbitu *'Qed narak qed tidhak, tahseb li nista' nafdak biex tghidlu?'* Is-Surgent Brian jghid mod iehor u jghid kif del resto qal ukoll PC Shaun Cumbo li meta qaltlu dan id-diskors hi kienet bid-dahka. Sahansitra PC Shaun Cumbo jghid li ghal din ir-raguni gie f'dubbju kienitx qed tghid il-verita'. F'dan ir-rigward irrizulta quddiem din il-Qorti illi lil PC Steve Camilleri kienet qaltlu illi l-akkuzat kien stupra pero' hi haga tal-ghageb ma taghmel l-ebda referenza ghal dan l-incident.

Illi minn ezami tax-xhieda johrog il-karattru ta' OMISSIS 1 u cioe' d-diversi kunflitti ghar-rigward dak li qalet hi. Din il-Qorti innutat b'mod partikolari l-atteggament tal-allegata vittma fil-konfront tal-awtorita'. OMISSIS 1 tghid li hija ghamlet dak li ghamlet ma l-akkuzat ghaliex kienet tibza' minnu fuq il-premessa li kien ser jghaddiha bord, pero' meta kienet tigi u tbiddel id-*duties* taghha ma PC Steve Camilleri qatt ma bezghet mill-konsegwenzi. Oltre minn hekk, isemma wkoll incident fejn l-allegata vittma OMISSIS 1 kienet fil-prezenza ta' PC Shaun Cumbo u OMISSIS 2 u meta giet mitluba minn PC Shaun Cumbo sabiex tressaq xi barrier hija wiegbet bil-kelma *'inzabbab'*. Oltre minn hekk, meta din il-Qorti staqsietha xi domandi dwar il-hajja personali taghha, fid-dawl ta' dak li kien qed jintqal, hija kienet pronta twiegeb li tali materja ma kellhiex x'taqsam mal-kawza u kienet rilevanti li tixhed. Ghaldaqstant din il-Qorti setghet tinnota l-vera atteggament tal-allegata vittma OMISSIS 1 lejn l-awtorita'.

Illi jirrizulta wkoll illi OMISSIS 1 ma kienitx daqstant veritiera b'dak li jirrigwardja r-relazzjoni taghha ma PC Roderick u dan ghaliex filwaqt li quddiem l-ewwel Qorti hija baqghet issostni, minkejja d-diversi domandi li saru lilha, li dan kien biss habib taghha, meta xehedet quddiem din il-Qorti, fuq domanda tad-difiza hija ammettiet illi f'dan l-istess perjodu taz-zmien meta hija kienet ghadha f'relazzjoni ma missier it-tifel taghha u fl-istess zmien meta allegatament giet stuprata, hija kienet titbewwes mieghu. F'dan ir-rigward l-akkuzat jghid li hi kienet qaltlu li meta kienu l-ikla Paceville hija kienet bieset lil Roderick izda mhux biss, OMISSIS 1 kienet qaltlu wkoll li kienet marret ma' Roderick izda mhux billi kellu tletin sena ma kienx jaf x'ghandu

jaghmel bil-parti tieghu. Dan kollu jitfa' dawl fuq il-karattru permessiv tal-allegata vittma OMISSIS 1.

Jigi rilevat ukoll illi missier it-tifel ta' l-allegata vittma OMISSIS 1, Christopher Vella qal li hu ma kien jaf xejn fuq dak li kien qieghed jigri salv meta qaltlu hi f'Marzu tas-sena 2018. Madankollu, hi tghid li ma kienet qaltlu b'xejn u dan stante li bdiet tibza' li jahseb hazin fiha. Allura din il-Qorti tistaqsi, ghaliex fir-rigward t'akkuza daqshekk serja l-partner tieghek ghandu jahseb hazin fik?

F'dan ir-rigward, l-akkuzat jghid illi OMISSIS 1 kienet tbusu waqt li hu beda jimmasturba u li effettivament kellha hafna kunfidenzi mieghu, tant illi fethet qalbha mieghu dwar dak li ghamlet ma Roderick u sahansitra kienet qaltlu li l-parti genitali tieghu kienet l-ikbar li qatt kellha.

Illi jirrizulta wkoll illi OMISSIS 1 qalet illi l-Ispettur Lara Butters ma kienitx tahmilha u sahansitra kienet tigi *bullied* minnha. OMISSIS 1 tghid ukoll li Butters kienet waqqatha wkoll ghar-redikolu quddiem xi pajzana u li kienet tghir ghaliha. Fuq il-pedana tax-xhieda l-Ispettur Butters tichad dan u anzi tghid kemm kienet tghinha fir-rigward tan-nuqqasijiet taghha fuq ix-xoghol, kif anke gie kkonfermat mis-Surgent Brian Xuereb meta xehed quddiem din il-Qorti.

Is-Surgent Brian Xuereb xehed ukoll dwar incident li sehh fl-ghassa Sliema meta kienu hargu xi files li ma kellhomx johorgu. Hu spjega li OMISSIS 1 li kienet *orderly* dakinhar kienet cemplitlu u nfurmatu li ser tilaghba bhal li kieku ma kienitx xoghol u ghalhekk kienet lesta tigdeb.

Din il-Qorti ghalkemm taf li vittmi t'abbuzz sesswali mhux dejjem ikollhom il-kuragg li jirrapurtaw lill-aggressur taghhom, f'dan il-kaz issibha ferm bi tqila temmen illi l-alllegata vittma OMISSIS 1 kienet tibza' mill-akkuzat daqskemm tghid hi u li

effettivament kien minhabba din il-biza li qatt ma talbet ghall-ghajjut jew telqet mill-ghassa. Dan qed jinghad ghaliex kuntrarjament ghal dak li jigri s-soltu u cioe' li l-vittma tipprova Tevita lill-aggressur taghha, l-allegata vittma OMISSIS 1 f'dan il-kaz ghamlet minn kollox sabiex tibqa' fil-kumpanija tal-allegat aggressur u dan meta kienet tbiddel is-shift ta' Paceville ta' sikwiet. Jirrizulta wkoll illi meta kien hemm attivita' socjali u kienet taf li l-akkuzat kien ser ikun prezenti hija ma ddejqietx tmur u mhux talli hekk, talli poggiet faccata tieghu. Hija kienet stqarret illi dakinhar poggiet fejn PC Cumbo, madankollu PC Steve Camilleri xehed li din kienet poggiet hdejh u faccata l-akkuzat.

Illi jirrizulta wkoll illi f'okkazjoni minnhom hija ma kienitx wahidha fl-ghassa mal-akkuzat izda kien hemm PC 145 Alan u ma dehriliex li setghet titolbu l-ghajjut bhala prevenzjoni jew li titolbu l-ghajjut wara l-allegat akkadut, filfatt PC 145 dwar dakinhar jghid illi OMISSIS 1 dehret normali u fl-ebda hin ma attiratlu l-attenzjoni minhabba l-atteggjament tal-akkuzat.

Mistoqsija jekk hija qattx talbet ghal xi transfer tghid illi kienet imliet il-formola izda qatt ma baghtita u dan ghaliex kienet tibza' li ma tidrax is-*shift* il-gdid. Hawnhekk ukoll il-Qorti ssibha ddificli temmen illi effettivament ippreferiet tibqa' fl-istess shift ma min allegatament stupra milli tibda xoghol f'post iehor.

Ghalhekk, in vista tas-suespost u tal-fatti kollha li rrizultaw din il-Qorti tiddikjara illi l-allegata vittma OMISSIS 1 m'hiex kredibbli u stante dawn in-nuqqasijiet kollha skuntrati iktar il-fuq ma thossx illi l-prosekuzzjoni ppruvat din l-akkuza sal-livell rikjest mill-ligi u cioe' illi l-akkuzat stupra lill-OMISSIS 1 u konsegwentament tilliberah minn tali akkuza.

**<u>Fit-Tieni Kap tal-Akkuza OMISSIS gie akkuzat illi fl-istess lok, zmien u cirkustanzi bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, arresta, zamm jew issekwestra lil OMISSIS 1 kontra l-volonta' taghha sabiex tigi mgieghlha taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.</u>**

Skond l-artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jkun hati tar-reat ta' sekwestru ta' persuna:

> *'kull min, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata'*

Illi l-**Professur Sir Anthony Mamo** meta ikun qed jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jghid[33]

> *The words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid, para 323) % Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested*

Dwar it-tifsira ta' dan ir-reat il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fuq din l-istess materja mill-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Jeffrey Scicluna) Vs Deemer Tabone</u>**.[34]

[33] Notes on Criminal Law Part II pagna 40.
[34] Deciza 15 ta' Mejju 2016.

*Ir-reat t'arrest illegali jinkludi fih tlett ipotezi differenti u cioe' dik tal-arrest, taz-zamma jew tas-sekwestru tas-suggett passiv. Fil-forma originali tieghu l-Artikolu 86 tal-Kodici Kriminali jirriproduci kwazi kelma b'kelma l-Artikolu 169 tat-Tieni Ktieb tal-Codice per lo Regno delle due Sicilieli kien jippreskrivi s-segwenti : -*

*"Chiunque senza ordine delle autorita' costituite e fuori de' casi ne' quali la legge autorizza i privati all'arresto degl'incolpati, arresti, detenga o sequestri qualsiasi persona, o presti il luogo per eseguire un tale arresto o sequestro sara' punito del primo grado de' ferri nel presidio"*[35]

Skont il-maggoranza tal-awturi ta' dak iz-zmien ricerkati minn din il-Qorti jirrizulta li dan ir-reat kien imnissel mir-reat aktar qadim ta' *"carcere privato"*. Sa minn zmien il-**Carmingnani** kien gie rikonoxxut li dan ir-reat ma hux rifless biss fl-ipotezi tal-arrest ta' persuna minghajr awtoritá legittima.[36] Il**-Carmignani** kien jiddistingwi bejn ir-reat ta' carcere privato –

a. fis-sens proprju ristrett u dak ta'
b. carcere privato per equipollenza.

Biss sa minn din it-tifsira bikrija jirrizulta li l-kuncett ta' carcere privato kien ristrett ghall-ipotezi ta' arrest attwali, detenzjoni jew sekwestru ta'persuna:

*"E' vero carcere un locale da tutte le parti chiuso, affin di ritenervi o punirvi gli uomini, cio' che fu' una delle insigne e dei simboli della magistratura (2) s'intende poi tale per equipollenza quando taluno nella propria casa abbia coll'ajuto dei suoi servitori o senza, legato un uomo, oppure, se non legato, rinchiuso (3)."*

---

35 Il-Codice per lo Regno delle due Sicilie, Prima Edizione, Parte Seconda, Avv. Luigi Dentice & Co., Napoli, 1849, page 38.

36 Elementi di Diritto Criminale, Giovanni Carmignani, Prima Edizione Italiana del Professor Caruana Dingli, 2a edizione napolitana sull'ultima di Malta, Napoli, 1854, page 248-249.

**Francesco Sav. Arabia**[37] li jikkummenta wkoll fuq il-Kodici tar-Renju taz-Zewg Sqallijiet jghid li:-

> *"Arresta chi privando un'uomo della sua liberta lo riduce in luogo chiuso ma riconosciuto come carcere, o anche lo consegni ad una autorita' pubblica: detiene chi trovando altri in luogo chiuso gl'impedisce di uscirne: sequestra chi priva altri della sua liberta separadolo dal consorzio di coloro da cui potrebbe essere soccorso. Da queste tre voci usate dal legislatore e che nell'linguaggio legale non pare che possono avere una distinzione diversa da quella che abbiamo indicato, e' chiaro come qualunque impedimento alla liberta civile e' compreso nella sanzione di questo articolo."*

Skont l-**Arabia** dan ir-reat mhux limitat ghal-meta tigi mhedda biss il-liberta naturali tas-suggett passiv izda wkoll meta l-liberta civili tas-suggett passiv tigi newtralizzata'– kuncett evidentement aktar wiesa' minn dak ta' liberta naturali.

Biss il-*Codice per lo Regno delle due Sicilie* espanda fuq il-kuncett ta' carcere privato billi zied b'mod esplicitu mhux biss l-ipotezi tal-arrest jew detenzjoni izda wkoll dik tas-sekwestru ossija sequestro. Dawn huma ghalhekk tliet ipotezi differenti li pero jikkostitwixxu r-reat tal-carcere privato. Maz-zmien din it-tifsira tal-carcere private evolviet u diversi awturi Taljani ohra spjegaw sitwazzjonijiet differenti fejn persuna tkun tista' tigi arrestata illegalment minkejja li ma tkunx konfinata fi spazju fiziku delineat bhal-residenza jew ambjent maghluq.

Skont ir-**Roberti**[38] dan ir-reat kien jaqa' fil-kategorija ta' reati intizi li jittutelaw il-liberta' personali minkejja l-fatt li kienu jinsabu fis-sub-titolu *Dell'uso privato de' mezzi della pubblica autorita'*. **Roberti** jghid:

> *"La legge adopera l'espressioni arresti, detenga o sequestri qualsiasi persona. Esse non sono certamente sinonimi, ma ciascuna indica un modo speciale con cui si puo'*

[37] I Principi del Diritto Penale, 2a. Edizione, Volume 1, Napoli, 1859, page 48.
[38] Corso Completo del Diritto Penale, Volume 4, Napoli, 1834 page 378.

*attentare alla liberta della persona. Era per diritto antico espressamente disposto che sotto il nome di carcere privato non s'intendesse solamente la detenzione arbitraria in luogo chiuso da tutti i lati a forma di carcere, ma anche l'impedimento qualunque recati ad altrui sia legandolo, sia trasportandolo suo malgrado o facendolo ovunque trattenere per forza .... che il reato preveduto nell'art. 169 esista' sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro".*[39]

**Ferrarotti,** li jikkummenta fuq il-**Kodici tal-Piemonte**[40] li kien jippreskrivi disposizzjoni simili ghall-dik kontemplata fl-Artikolu 169 tal-Kodici Borboniku aktar il-fuq imsemmi jistqarr :

*"Havvi arresto o sequestro criminoso di persona, ogni volta, che un individuo e' stato privato della piena liberta individuale; non e' necessario il-concorso della forza materiale e della violenza"; cass. 18 luglio 1849 ricorso Torre – Bettini."*

Dan ifisser li biex jitwettaq id-delitt tal-arrest jew zamma illegali mhux mehtieg li jkun imwettaq b'xi vjolenza jew bl-ezercizzju ta' forza materjali fuq is-suggett passiv tar-reat. Skont dik il-Ligi jekk ikun hemm vjolenza jew forza materjali ezercitata fuq is-suggett passiv, is-suggett attiv jirrendi ruhu responsabbli ghar-reat fil-forma kwalifikata tieghu. Inoltre huwa jtenni li ma hemmx bzonn li jigi determinat jew stabbilit xi motiv specifiku wara l-arrest, zamma jew sekwestru tas-suggett passiv.

Il-**Buonfanti** fil-**Manuale Teorico Pratico del Diritto Penale,** kummentarju fuq il-Kodici Penali tat-Toskana[41] jghid : -

*"Bisogna dunque distinguere in questo delitto il fatto materiale, e la sua moralita'. Il fatto materiale puo' effetuarsi in tre modi distinti per l'arresto, la detenzione, il sequestro. Questi tre fatti differenti, per essere dalla legge repressi non esigono la*

---

39 Enfazi mizjuda.
40 Commentario Teorico Pratico del Codice Penale, T. Ferrarotti, Torino, 1860, p 294
41 J. Buonfanti, Pisa, 1849 page 819.

*presenza simultanea di ciascuno di essi; sono tre delitti analoghi che possono sia riunirsi in uno solo, sia verificarsi isolatamente, e in ciascuna di queste ipotesi, come e' facile il dimostrare essi ugualmente costituiscono il reato in esame. Quindi lo arresto momentaneo d'una persona senza ch'essa sia stata rinchiusa in quasivoglia luogho; la sua detenzione nella casa propria e conseguentemente senza che essa sia stata precedentemente arrestata; finalmente, e a piu' forte ragione, il sequestro della medesima in un luogo solitario, questi tre fatti, identici per loro carattere, differenti per la loro forma, costituiscono dei delitti indipendenti l'uno dall'altro, ma si confondono in una stessa imputazione….D'onde la regola generale, essere sufficiente che la persona non abbia potuto ritirarsi liberamente, trerche essa possa essere considerate come arrestata o detenuta… Quanto poi alla moralita', ossia alla causa del fatto, perche questo possa reputarsi delittuoso, si richiede che lo scopo dello agente sia di mettere in esecuzione un proprio diritto, e di usurpare un' autorita' che ai soli magistrati si appartiene."*

Element importanti ghall-ezistenza ta' dan r-reat kif imsemmi fis-sentenza, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Andrew Bonnici</u>**[42] huwa li bniedem irid jkun jittiehed fil-post kontra l-volunta' tieghu.

Illi pero' fil-kaz t' arrest illegali ta' persuna bhala mezz biex jitwettaq ir-reat ta' stupru, korruzzjoni ta' minorenni jew attentat vjolenti ghall-pudur htija ma tistax treggi ukoll fuq ir-reat ta' arrest illegali. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali tghallem li:

*dan il-fatt, se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta' stupru vjolent …… jew dik ta'……. korruzzjoni ta' minorenni …..u ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn "consenting adults" taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta' sekwestru ghax hu risaput li f' hafna kazi l-att sesswali f' certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta' persuna minn persuna ohra. Umbaghad il-fatt li waqt li jkun qed isir att sesswali, persuna taghalaq il-bieb fejn tkun*

[42] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Jannar, 1998

*u anki ssakkru minn gewwa biex ma jidhol hadd fuqha w fuq il-persuna jew persuni ohra li jkunu mieghu, per se zgur li ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru…….. Imma ancorche' kellu jirrizulta li ……..f' xi hin li kellu relazzjonijiet intimi mal-minuri……, ghalaq u sakkar minn gewwa il-bieb intern tal-parti tad-dar li fiha kien joqghod, biex ovvjament ma jidhol hadd fuqu, dan ma jammontax ghar-reat dedott. Di fatti, kif kienu jispiccaw l-atti in kwistjoni, t-tfal dejjem thallew johorgu w jkomplu bl-attivita' normali taghhom*[43].

Hawnhekk pero' l-akkuzat ma hux akkuzat li ssekwestra l-persuna ta' OMISSIS 1 kontra l-volonta taghha indipenentement mir-reat ta' stupru izda li z-zewg okkazzjonijiet li l-prosekuzzjoni tallega li OMISSIS 1 giet sekwestrata kienu dawk imsemmijin fin-narattiva tal-Kapi tal-Akkuza, dejjem relatati mal-akkuza ewlenija tal-istupru, filfatt il-prosekuzzjoni tghid illi fl-ewwel okkazzjoni *'qabadha minn idha u gibidha 'l gewwa bil-forza, gewwa kamra aktar 'l gewwa go l-Ghassa. Hawnhekk imbuttaha fuq sufan, neza' l-qalziet tas-servizz, hareg il-parti genitali tieghu, u filwaqt li zamm lil OMISSIS 1 bil-forza, beda wkoll izommilha rasha biex igieghlha taghmel is-sess orali fuqu. Imbaghad imbuttaha u rassha ma' mejda b'mod li ma' setghetx tahrab, nizzlilha l-qalziet tas-servizz u l-qalziet ta' taht, zammha kontra r-rieda u l-volonta' taghha u stupraha.'* Fit-tieni okkazzjoni l-Avukat Generali b'referenza ghall-akkuzat jghid: *'li qabad lil OMISSIS 1 minn idejha u gibidha bil-forza ghal gol-kitchenette ta' l-Ghassa. Hemmhekk dawwarha wiccha lejn is-sink, rassha mas-sink b'mod li ma' setghetx tahrab, zammha kontra r-rieda u l-volonta' taghha, u stupraha'*.

Din il-Qorti hija ben konxja mill-gurisprudenza lokali li qieset li r-reat t'arrest illegali kwalifikat ma jistax jitqies integrat meta si tratta taz-zamma ta' persuna sabiex din tkun tista' tigi stuprata. Hekk per ezempju fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Denis Pandolfino et**[44] intqal hekk :

[43] Ref Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et Qorti Kriminali deciza 19/10/2006.
[44] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar id-19 t'Ottubru 2006

*'Illi f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni fl-ebda hin ma qalet li li l-vittma kienet mizmuma kontra l-volonta' taghha f'xin independenentmenet mill-istupru. Izda f'dan il-kaz din l-Onorabbli Qorti ma sabitx lill-akkuzata hatja tal-akkuza ta' stupru u ghalhekk wisq inqas jista jirriuzlta dan it-tieni reat.'*

Illi f'dan il-kaz ghalhekk stante li din il-Qorti mhux qed issib lill-akkuzat hati ghar-reat ta' stupru ma tistax issib lill-akkuzat hati tar-reat ta' sekwestru illegali u konsegwentament tilliberah minnha.

**Fit-tielet imputazzjoni misjuba fit-Tielet Kap tal-Akkuza l-akkuzat gie akkuzat talli ta' fastidju sesswali, u cioe' talli nhar id-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) u fil-gimghat u xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zmijijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bhala impjegat fil-Korp tal-Pulizija ta' fastidju sesswalment lil impjegati ohra (OMISSIS 1 u OMISSIS 2) billi assoggettahom ghal att jew atti ta' intimita' fizika u/jew assoggetahom ghal xi att jew kondotta li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, gesti, jew il-produzzjoni, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal iehor fejn l-att jew atti jew il-kondotta ma' kienux mixtieqa mill-vittmi (OMISSIS 1 u OMISSIS 2) u jistghu ragonevolment jitqiesu bhala offensivi, umiljanti, u intimindatorji lejn il-vittmi;**

In parentisi din il-Qorti tirrimarka li kunfidenzi zejda fuq il-post tax-xoghol jistu' jwasslu ghal problemi serji bejn l-impjegati b'konsegwenzi serji hafna. Fejn m'hemmx fuq il-postijiet tax-xoghol ghandu jkun hemm *Code of Conduct* car fejn l-impjegati ghandhom ikunu konxju tieghu sa mill-ewwel jum tal-impjieg taghhom u li huma ghandhom jimxu strettament mieghu.

L-**Organizzazzjoni Workplaces Matters**[45] tispjega l-mizerja li jghaddu minnha dawk li fuq il-post tax-xoghol isoffru minn fastidju sesswali:

[45] www.workplacematters.org.uk

*Victims of sexual harassment in the workplace know only too well the embarrassment and misery that this issue can bring. A once harmonious workplace can be turned into a hostile environment due to inappropriate and intimidating behaviour. Sexual harassment can happen to both men and women and can appear as physical, verbal and non verbal harassment. This type of behaviour should never be tolerated and there are guidelines for stopping and reporting sexual harassment in the workplace.*

Fil-Code of Conduct ghandu jkun hemm imizzel b'mod car, x'iwassal ghal fastidju sesswali u x'ghandu jkun evitat:

- *Remarks and comments that are sexual in nature and unwelcome*
- *Unnecessary and unwanted physical contact including touching, pinching, patting and kissing*
- *Displaying material in the workplace that may be deemed offensive*
- *Sending offensive texts, emails and downloading offensive material*
- *Continually making jokes of a sexual nature that are found offensive by others*
- *Leering at someone or making sexual gestures can be seen as non verbal sexual harassment*
- *Unwanted sexual advances or verbal harassment outside of the workplace*

Illi ghalhekk dan ir-reat dwar l-ghoti tal-fastidju fuq il-post tax-xoghol u appuntu huwa dak dispost fil-ligi u cioe' fl-artikoli 29 ta' l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta qabel ma saru l-emendi bl-Att XIII tas-sena 2018, l-elementi ta' dan ir-reat huma is-segwenti:-

1. Illi l-akkuzat irid ikun impjegat u f'dan il-kaz jirrizulta bic-car li l-akkuzat kien membru tal-Korp tal-Pulizija fiz-zmien meta ikkommetta l-allegati reati u cioe' bejn Ottubru, 2017 sa Marzu, 2018 u dan allegatament fuq zewg kollegi tieghu wkoll membri fil-Korp tal-Pulizija;

2. Li jrid ikun ta' fastidju sesswalment lill-impjegati ohra fl-istess Korp tal-Pulizija u cioe' lill-impjegati l-ohra polizjotti OMISSIS 1 u OMISSIS 2;
3. Illi ikun assoggethom ghal att jew atti ta' intimita' fizika u/jew assoggethom ghal xi att jew kondotta li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, gesti, jew il-produzzjoni, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal iehor;
4. Li tali att jew atti jew il-kondotta ma' <u>kienux mixtieqa</u> mill-allegati vittmi u cioe' OMISSIS 1 u OMISSIS 2; u
5. Li tali atti jistghu ragonevolment jitqiesu bhala **<u>offensivi, umiljanti, u intimindatorji lejn il-vittmi</u>**; (sottolinear ta din l-Onorabbli Qorti)

Illi ghal darb ohra ghalhekk din il-Qorti trid timmizura dak li ghamel jew allegtament ghamel l-akkuzat b'mod idividwali fil-konfront ta' OMISSIS 1 u OMISSIS 2 u dan ghaliex l-atti li gew kommessi u konfermati mill-akkuzat stess fl-istqarrija tieghu rilaxxjta *a tempo vergine* tal-investigazzjoni kienux fl-ewwel lok tali li issoggetaw lill-allegati vitmi ghal att jew atti ta' intimita' fizika u/jew jekk gewx assoggettati ghal xi att jew kondotta li kellhom konnotazzjonijiet sesswali. Imbaghad wara li jigi stabbilit dan din il-Qorti trid ukoll tara li l-prosekuzzjoni ipprovatx sal-grad rikjest mill-ligi li tali atti ma kienux mixtieqa mill-allegati vittmi (OMISSIS 1 u OMISSIS 2) u in oltre li tali atti jistghu ragonevolment jitqiesu bhala offensivi, umiljanti, **<u>u</u>** intimindatorji lejn l-istess allegati vittmi.

Illi ghalhekk din il-Qorti trid l-ewwel tispjega x'tip t' atti ikkommetta l-akkuzat fil-konfront ta' kull kwerelant qabel ma tkun tista' tghaddi ghall-istadji ulterjuri ta' skrutinju. Jigi rilevat ghalhekk f'dan l-istadju dwar x'inhu prorpju att sesswali u cioe'x'inhi id-definizzjoni t' att konsimili u dan ghaliex l-ligi nostrana hija silenzjuza fuq dan.

Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni datata 27 ta' Novembru, 1991, fuq il-protezzjoni u dinjita' tal-irgiel u nisa fuq il-postijiet tax-xoghol (92/131/EEC)

tiddefinixxi *sexual harassment* bhala '*the conduct of a sexual nature, or conduct based on sex affecting the dignity of women and men at work…*'.

Tkompli tghid li *it may take many different forms such as physical acts, words or gestures, and display of sexually offensive material*. Oltre minn dan tghid ukoll hekk:

> *Thus sexual harassment may involve:*
> - *unwelcome physical contact such as touching, hugging or kissing;*
> - *staring or leering;*
> - *suggestive comments or jokes;*
> - *unwanted invitations to go out on dates or requests for sexual interaction;*
> - *intrusive questions about an employee's private life or body;*
> - *unnecessary familiarity;*
> - *insults or taunts based on your sex;*
> - *sexually explicit emails or SMS messages;*
> - *accessing sexually explicit internet sites;*
> - *sexually explicit pictures, screen savers or posters; and*
> - *behaviour which would also be an offence under the criminal law, such as physical sexual assault, indecent exposure, and obscene or pornographic communications*

*Sexual harassment* m' hiex interazzjoni sesswali *flirtation*, attrazzjazzjoni jew hbiberija li hi mistiedna, konssenswali u reciprokata. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Carmel Francis Wells**[46] gie ritenut illi '***F'dawn ir-reati kollha il-volonta' tas-suggett attiv u dak tal-vittma tieghu ghandhom ikunu opposti fis-sens illi l-azzjoni necessarjament trid issir kontra l-volonta' jew ix-xewqa tal-vittma*. '**Dan hu ghaliex sabiex ikun hemm is-*sexual harassment* il-kondotta sesswali trid tkun wahda mhux mistiedna u mhux voluta u/jew accettata. **Il-komportament sesswali bejn l-impjegati li tirrizulta minn agir ta' *flirtation* romantiku jew sesswali ma hiex *sexual harassment.*** Il-kondotta ta' natura sesswali tinghata interpretazzjoni wiesgha u tinkludi;-

[46] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Novembry, 2017.

> *"spoken words, gestures and the production, display and circulation of any written words, pictures or other material. The unwelcome behaviour must have a sexual element, overtone or implication. Conduct that may not, in isolation, appear to be sexual in nature, may become so because of the surrounding circumstances. Sexual harassment needs to be distinguished from general harassment or bullying that is not sexual in nature.'*[47]

Ghaldaqstant, fir-rigward tal-allegata vittma OMISSIS 1, din il-Qorti fliet it-testimonjanza taghha li hi tat quddiem din il-Qorti, kif ukoll id-dispozizzjonijiet tax-xhieda l-ohrajn li xehedu quddiemha. Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi bejn l-allegata vittma OMISSIS 1 u l-akkuzat kien hemm *flirtation* sesswali konsenswali. Ghalkemm din il-Qorti tghid b'mod car illi l-imgieba tal-akkuzat fil-konfront ta' OMISSIS 1 ma hu ezemplari xejn, madankollu mill-provi akkwiziti f'dana il-process hemm dubbju jekk sehhx dan l-allegat abbuz. Din il-Qorti ghalhekk ghandha dubbju sejru dettat mir-raguni dwar jekk fil-verita' il-volonta' ta' OMISSIS 1 kienitx wahda opposta ghal dik tal-akkuzat u jekk verament l-istess OMISSIS 1 kienitx qed tigi assoggettata ghal din l-imgieba mhux xierqa minghajr il-volonta' taghha u oltre minn hekk jekk l-akkuzat kienx qed idejjaqha bl-attenzjoni zejda tieghu. Ghalhekk tali akkuza zgur ma tirrizultax fil-konfront ta' l-allegata vittma OMISSIS 1.

Fir-rigward tat-tieni allegata vittma u cioe' OMISSIS 2 din il-Qorti wkoll fliet it-testimonjanza taghha u x-xhieda tal-kollega taghha fosthom ta' PS 1033, l-ex pulizija WPC 16 Sapiano kif ukoll l-istqarrija tal-akkuzat. Illi ma hemmx dubbju li l-akkuzat kellu ghajnejh fuq OMISSIS 2 u li effettivament xtaq li forsi jibda relazzjoni maghha. Dan gie kkonfermat ukoll mis-Surgent Brian Xuereb. Jinghad pero' illi mhux l-istess jista' jinghad ghal OMISSIS 2 fis-sens illi ghamlitha cara li ma kellhiex interess fih. Jirrizulta bhala fatt illi l-akkuzat ittanta lil OMISSIS 2 billi kien jghaddilha kummenti pozittivi dwar il-warrani taghha, jghidilha kliem bhal per ezempju li idu tizloqlu minn

---

[47] Sexual harassment a code of Practice. National Commission for the Promotion of equality for men and women. sexual_harassment_code_of_practice.pdf

fuq il-*gear leaver*, izda mhux hekk biss izda kien ipoggi idu fuq is-seat taghha halli x'hin terga tidhol fil-karozza tpoggi fuqha. Oltre' minn hekk kien hemm okkazzjoni wkoll meta poggha idejh fuq saqajha, l-fuq mill-irkoppa u dan meta kienu fil-karozza tas-servizz. L-akkuzat darb'ohra ghadda wkoll idejh minn bejn is-seats u darb'ohra bejn is-seat u l-bieba sabiex jaqbdilha saqajha. Illi dan kollu allegatament sehh meta kienu wahedhom. Ghalhekk xhieda okulari ta' dawn l-avvenimenti ma hemmx. L-akkuzat dwar dan jichad illi qatt missha izda jammetti li kellu nteress fiha u li kienet toghgbu tant li kien ihares lejn il-warrani u jammirah. Pero', rigwardanti dak li tghid OMISSIS 2 li huwa offrilha sabiex jmorru weekend break, l-akkuzat jichdu u jghid li kien qalilha li xtaq jghaddi iktar hin maghha sabiex isir jafha ahjar.

Meta OMISSIS 2 jitkellem dwar dawn l-avvenimenti tghid li dejjquha u li tawha fastidju pero' hassitha *in control* u ghalhekk ma kellhiex bzonn sa dak l-istadju li tirraporta, filfatt tant hassitha *in control* li tghid li meta l-akkuzat qalilha li idu tizloq minn fuq il-*gear leaver*, hija wegbitu li anke taghha tista' tizloq u cioe' sabiex twaqqfu mill-ghemil tieghu billi tilghabilu. Jidher li l-karattru ta' OMISSIS 2 kien wiehed sod u mhux wiehed propens li jaccetta il-komportament tal-akkuzat. Filfatt meta rrapurtat lill-PS 1033 dwar il-fastidju li kien taghha l-akkuzat, hi qaltlu wkoll sabiex ma jeskalahiex mal-fizzjal. Kien biss meta effettivament tkellmet ma' OMISSIS 1 li wasslet biex irrapurtat dan l-agir.

Illi ghalhekk, din il-Qorti hija propensa aktar temmen lix-xhud OMISSIS 2 minn l-akkuzat, anke fid-dawl ta' dak li qal l-akkuzat li stqarr li kienet toghgbu. Dan nonostante pero', l-Qorti trid tara jekk tali agir jikkostitwix reat stipulat taht it-Tielet Kap. tal-Akkuza, jinghad bla tlaqliq illi l-agir tal-akkuzat kien wiehed li jammonta ghal ghoti ta' fastidju u kondotta mhux mixtieqa lill-allegata vittma. M'hemmx dubbju wkoll li tali atti kienu bbazati fuq diskriminazzjoni sesswali. Pero' dak li trid tara l-Qorti huwa jekk l-atti setghux jitqiesu bhala offensivi, umiljanti u intimidatorji lejn OMISSIS 2. L-ezercizzju li din il-Qorti trid taghmel f'dan ir-rigward zgur li hu wiehed suggettiv u cioe' kif ikkunsidrat tali agir l-allegat vittma OMISSIS 2. F'dan ir-rigward, OMISSIS 2 qatt ma qalet li hadet pjacir, lanqas meta giet ikumplimentata mill-akkuzat.

Hija dejjem qieset tali agir bhala wiehed *offensive* u mhux accettabli. Xorta tibqa' l-kwistjoni jekk tali atti setghux jitqiesu bhala offensivi, umiljanti u intimidatorji lejn OMISSIS 2. Illi dawn it-tlett aggettivi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Bil-kelma *'offensiva'* nifhmu li l-allegata vittma kienet imdejqa w urtata b'dak l-agir. Bil-kelma *'umiljanti'* nifhmu li l-allegata vittma giet ingurjata fid-dinjita' u orgolju taghha. Fl-ahharnett, bil-kelma 'intimidatorja' nifhmu li l-allegata vittma kienet imbezza' jew mhedda. Filwaqt li jirrizulta li OMISSIS 2 hassitha umiljata u offensiva bl-agir inaspettat tal-akkuzat zgur ma jistax jinghad illi kien hemm xi hin meta OMISSIS 2 hassitha intimidata u dan stante l-mod serju ta' kif laqatlu w inoltre fid-dawl ta'dak li qalet hi stess li ma hassitx il-lok li tirraporta tali agir li kieku ma kienx ghall-istorja inveritiera ta' OMISSIS 1.

Ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib lill-akkuzat hati taht it-Tielet Kap tal-Akkuza pero' din il-Qorti tara li hu opportun li tordna notifika ta' din is-sentenza lill-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja sabiex jara jekk hux il-kaz li ssir emenda fil-ligi fis-sens li dawn it-tlett aggettivi kif fuq imfissra u deskritti ma ghandhomx jibqghu kumulattivi biss izda jistghu jezistu independentament minn xulxin.

**FIr-Raba' Kap. tal-Att t'akkuza, l-akkuzat gie akkuzat li beda jaghti fastidju sesswali lil zewg Pulizjotti zaghzagh nisa, u cioe' lil OMISSIS 1 u lil OMISSIS 2 skond l-Artikoli 251A, tal-Kodici Kriminali.**

Illi r-reat tal-fastidju u tal-*harassement* kif ikkontemplati fl-artikoli 251A gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 u kellu amenda li saret bl-Att XXXIII tas-sena 2018 li ma japplikax in ezami stante li l-allegati reati saru fis-sena 2017 u fix-xhur ta' Frar u Marzu, 2018. Illi mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "*a course of conduct*" u mhux incident wiehed u izolat, kif jirrizulta manifestament fil-kaz in dizamina. Il-ligi taghna ma tispecifikax it-tip ta' fastidju u ghalhekk il-fastidju sesswali wkoll jista' jaqa' taht id-definizzjoni generali ta' fastidju pero' f'dan il-kaz mhux necessarjament fuq il-post

tax-xoghol. Illi f'dan il-kaz il-ligi specifikatament tindika illi irid ikun hemm ta' l-inqas zewg okkazzjonijiet:

> *"Att uniku jista` jaghti lok ghall-ksur ta` aktar minn disposizzjoni wahda tal-ligi. … Id-dottrina u l-prattika kostanti tal-Qrati taghna fil-materja ta` reat uniku tindika illi fejn si tratta ta` "un solo e medesimo fatto", cjoe` att wiehed li jkun jirrizulta mill-istess intenzjoni kriminuza, liema att jinvolvi aktar minn dispozizzjoni wahda tal-ligi, ikun hemm l-unicita` tar-reati, cjoe` jkun hemm reat wiehed, dak magguri, salv pero` illi trid tirrizulta` necessarjament dik li hija msejha bhala l-inseparabilita` naturali u guridika bejn iz-zewg reati."*[48]

Illi mal-promulgazzjoni ta' dan ir-reat, il-legislatur fittex sabiex tigi issanzjonata dik l-imgieba li tista' tohloq fastidju, ghalkemm l-ebda definizzjoni ma tinghata lil dan it-terminu legali. Ghalkemm f'dan il-kaz kien wiehed b'konnotazzjonijiet sesswali maz-zewg polizjotti OMISSIS 1 u OMISSIS 2.

Dan l-artikolu huwa mehud kwazi kelma, b'kelma mil-ligi '*Protection of Harassment Act 1997*'. Dwar l-Att l-Archbold jghid dan li gej:

> *'The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress. In 'Tuppen and anor s Microsoft Corporation Limited and anor, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-*

[48] Ir-Repubblika ta' Malta vs Michael Bonnici u Joseph Azzopardi –Deciza mill- Qorti tal- Appell Superjuri nhar il-11 ta' Jannar, 1994

*social behaviour by neighbours and racial harassment. But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable.*

*Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it's that they could be described as 'a course of conduct': Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC. In 'Pratt vs DPP' 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon.*[49]"

Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi ghandu johrog illi l-awtur tar-reat irid ikollu l-intenzjoni illi johloq fastidju lil vittma tieghu bl-imgieba tieghu. Tant hu hekk illi din l-intenzjoni tissarraf f'imgieba volutament ripetuta u intenzjonata sabiex iddejjaq u tivvessa.[50]

Illi wkoll fl-istess sentenza saret referenza ghat-tifsira tal-fastidju mill-gurista **Blackstone** fejn:

*'...it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-*

"*Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose*",

Dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "*in isolation*" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bilfors li jrid jitqies fl-isfond tar-

[49] Il-Pulizija vs Carmelo Vella. Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l- 14 ta' Mejju 2012
[50] Il-Pulizija vs Massimo Tivisini. Ddeciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-27 ta' Frar, 2009

retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Alan OMISSIS Carabez***[51].:-

> *"…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' zmien."*
>
> *Illi jidher allura li t-test li ghandu jigi adoperat biex jigi stabblit jekk hemmx fastidju 'illecitu' o meno huwa billi jigi applikat it-test oggettiv iktar milli dak soggettiv filwaqt pero li jittiehed qies tal-fattispeci kollha tal-kaz u l-assjem tac-cirkostanzi kollha li setghu wasslu lil kwerelant jiehu l-passi li ha.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bajada**[52] gie kkunsidrat:-

Illi r-reat tal-fastidju u tal-*harassement* kif ikkontemplati fl-artikoli 251A gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "*a course of conduct*" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele**[53] il-Qorti stqarret:

> *"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz 2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-*

---

[51] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta Gunju 2007

[52] Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Edwina Grima, [02.05.2013]

[53] moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali deciza fis-26 ta' Novembru 2009

*artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata':*

*("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna.*
*…..*
*Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi flapplikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."*

*Illi mill-qari ta' l-akkuza jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat b'incident wiehed li sehh is-6 ta' Gunju, 2015. Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tqies il-fatti kif stabbiliti fil-kawza bhala a "course of conduct" (fit-test Ingliz) li skond gurisprudenza recenti ta' din il-Qorti trid tirrizulta biex jissussistu dawn ir-reati ta' fastidju w ikkagunar ta' biza' (ara f' dan is-sens l-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Raymond Parnis" per V. De Gaetano C. J. [24.4.2009]). L-Proskezzjoni fl-akkuza qed tirreferi biss ghall-incident wiehed u izolat u qed takkuza lill-imputat b'dak, ghalkemm l-akkuza donnha qed tirreferi ghar-reat bhala wiehed kontinwat."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha s-segwenti konsiderazzjonijiet x'taghmel fis-sentenza **Il-Pulizija vs Oscar Robert Magri**[54]**:-**

[54] Per Onor. Imħallef Edwina Grima; Deċiża 30 ta' Settembru, 2020. Appell nru. 123/2019.

*Illi din il-Qorti bhall-Ewwel Qorti qabilha tistqarr illi ma tistax taghti affidament lill-appellant. Tqies illi l-appellant kien qed isegwi l-passi tal-parti leza f'iktar minn okkazzjoni wahda. Din il-verzjoni tal-fatti tal-parti leza baqghet wahda konsistenti kemm meta rrappurtat din il-vicenda lil pulizija, kemm meta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti u anke issa fi stadju ta' revizjoni. Jidher illi ghalkemm ir-relazzjoni ta' bejn il-ko-litigandi kienet ilha li ntemmet xi zmien qabel, l-appellant ma setax jaccetta dan il-fatt u baqa' isegwi l-passi tal-ex siehba tieghu.*

*Illi dan l-agir tal-appellant jikkostitwixxi 'l hekk imsejjah course of conduct li titkellem dwaru l-gurisprudenza tal-qrati taghna meta inghatat interpretazzjoni ta' dak li jikkostitwixxi r-reita' tal-persuna mixlija bir-reat tal-fastidju mahsub fl-artikolu 251A(1)(2) tal-Kapitolu 9.*

*Illi mal-promulgazzjoni ta' dan ir-reat, il-legislatur fittex sabiex tigi issanzjonata dik l-imgieba li tista' tohloq fastidju, ghalkemm l-ebda definizzjoni ma tinghata lil dan it-terminu legali……*

*Espost dan it-taghlim gurisprudenzjali fid-dawl tal-provi prodotti huwa indubitat, kif inghad, illi l-agir ripetut u persistenti tal-appellant li baqa' isewgi il-passi tal-ex siehba tieghu wara li intemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom qed johloq vessazzoni u dwejjaq fil-parti leza …….*

Illi jidher allura li t-test li ghandu jigi adoperat biex jigi stabblit jekk hemmx fastidju *'illecitu'* o meno huwa billi jigi applikat it-test oggettiv iktar milli dak soggettiv filwaqt pero li jittiehed qies tal-fattispeci kollha tal-kaz u l-assjem tac-cirkostanzi kollha li setghu wasslu lil kwerelant jiehu l-passi li ha.

Illi ghal darb' ohra jinghad illi dan ir-reat irid jigi ezaminat b'mod individwali fil-konfront taz-zewg allegati vittmi. Illi din il-Qorti tiddikjara illi fir-rigward tar-rapport li sar mill-allegata vittma OMISSIS 1, din il-Qorti ssibha difficli temmen li kien hemm xi mument li hija hassitha fastidjata izda filfatt irrizultala illi din OMISSIS 1 kompliet mal-allegat aggressor taghha u ghalhekk qatt ma jista' jinghad li kien hemm xi

mument meta l-agir tal-akkuza setgha jitqies bhala wiehed ta' fastidju. L-istess pero' ma jistax jinghad fir-rigward tax-xhud OMISSIS 2 u dan ghaliex hija wriet bic-car lill-akkuzat li ma kienitx qed tiehu gost bl-attegjament tieghu, tant illi waqfittlu mill-ewwel u skond kliemha kienet '*in control*'. Ghalhekk, ma hemmx dubbju illi ghemilu, li sar f'iktar minn okkazzjoni wahda, ma kienx wiehed volut izda mistmerr u qatt ma kellu jsir. Li kieku verament l-akkuzat agixxa bil-mod kif agixxa, verament kellu nteress f' OMISSIS 2 zgur li ma kienx idoneju li juri l-infatwazzjoni tieghu billi jdejjaqha u jmur 'l hinn mill-linja tad-dicenza.

Ghalhekk, din il-Qorti, filwaqt illi tiddikjara li ma ssibux hati ta' din l-akkuza fil-konfront ta' OMISSIS 1, tiddikjara li qed issibu hati fil-konfront ta' OMISSIS 2. Il-Qorti rat illi l-Avukat Generali akkuza wkoll lill-akkuzat bl-Artikolu 141 tal-Kap. 9 fis-sens illi dan ir-reat sar minn ufficjal pubbliku meta huwa kellu jissorvelja li ma jsirx u kellu wkoll id-dmir li jimpedixxi. Ghalhekk din il-Qorti hija obbligata illi zzid bi grad il-piena li ghandha taghti fir-rigward ta' din l-akkuza fil-konfront tal-akkuzat.

Illi l-Artikolu 251A(4) tal-Kodici Kriminali bhala piena kien jipprovdi qabel l-emendi tal-Att XIII ta' 2018, piena ta' prigunerija ghal zmien xahar sa tlett xhur jew ghall-multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltin u mhux izjed minn elfejn lira Maltija jew kemm prigunerija kif ukoll multa flimkien. Permezz tal-Artikolu 31 il-piena ghalhekk tizdied skond is-subinciz 31(1)(xiv) ghal perjodu ta' xahrejn sa sitt xhur oltre l-multa stabbilita mill-ligi.

L-Avukat Generali wkoll ghogbu jakkuza l-akkuzat bl-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali u cioe' bir-reat kontinwat fejn il-ligi tiddisponi illi l-piena tista' tizdied bi grad jew tnejn. F'kaz ghalhek li tizdied bi grad il-piena tirientra fis-sub-artikolu (xii) tal-Artikolu 31(1) minn seba' xhur sa sena u f'kaz ta' zewg gradi skond is-sub-artikolu (xi) tal-Artikolu 31(1) minn disa' xhur sa tmintax il-xahar.

Il-Qorti rat il-fedina penali tieghu li hija wahda netta bla ebda tebgha ta' kontravenzjoni.

Rat ukoll in-natura u d-durata ta' fastdju li huwa ta lil OMISSIS 2.

**Ghaldaqstant din il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-akkuzat hati tar-Raba' Kap. tal-Akkuza limitatament fil-konfront ta' OMISSIS 2 u tikkundannah sena prigunerija sospiza ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u ma ssibux hati tal-Ewwel, it-Tieni, t-Tielet u r-Raba' Kap. tal-Akkuza fil-konfront ta' OMISSIS 1 u tilliberah minnhom.**

**Fir-rigward it-talba tal-prosekuzzjoni maghmula ai fini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9, il-Qorti tirrileva illi l-unici spejjez li gew maghmula f'din il-kawza huma dawk fl-ammont ta' €381.13 fil-konfront tal-espert Keith Cutajar skond l-invoice esebita a fol. 428, Vol II tal-process. Dan l-ezercizzju sar in konnessjoni mal-akkuzi konnessi ma OMISSIS 1 u ghalhekk ma tistax tikkundanna lill-akkuzat ihallas tali spejjez. Madankollu, din il-Qorti ssibu hati tal-ispejjez konnessi mat-*transcript* tal-*istatement* tal-akkuzat li saret minn Dr. Marisa Mifsud Lautier fl-ammont ta' €98.68 a fol. 192, Vol I tal-process u tikundannah ihallashom fi zmien xahar minn meta hekk jigi mitlub mill-Qorti Kriminali.**

**Ghal dan il-ghan tordna li kopja ta'din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali bil-ghan li jingabru tali spejjez.**

**Fir-rigward tat-talba tal-Avukat Generali sabiex tinhareg ordni ta' protezzjoni fil-konfront tal-vittmi, din il-Qorti tilqa' t-talba limitatament fil-konfront ta' OMISSIS 2 ghall-perjodu ta' sentejn mill-lum, sabiex ma jaghti l-ebda fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza lill-istess OMISSIS 2 u dan taht penali ta' €5000 ai termini tal-Artikolu 412C(11) tal-Kodici Kriminali.**

**Tordna ukoll komunika ta' din is-sentenza lill-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja fid-dawl ta' dak ritenut *supra* sabiex jara jekk hux il-kaz li jkun hemm emenda fil-ligi u appuntu fl-Artikolu 29 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna divjett fil-publikazzjoni f'kull mezz tax-xandir ta' isem l-akkuzat kif ukoll tal-vittma u l-allegat vittma, kif ukoll kull partikolarita' taghhom. Id-divjett f'isem l-akkuzat qed isir stante li jekk jigi zvelat isem l-akkuzat, l-isem tal-vittma u allegat vittma jistghu jigu mgharrfa minnufih stante li lkoll kienu jahdmu fl-istess shift, fl-istess post tax-xoghol.**

**Consuelo-Pilar Scerri Herrara**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Adrian Micallef**
**Deputat Registratur**